MANWAL



# Tfal imċaħħda mill-kustodja li jinsabu fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess

## Gwida għat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-minorenni li tiffoka fuq il-vittmi tat-traffikar

EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-manuskritt għal dan il-manwal tlesta f' ta' Lulju 2019.

Ammont kbir ta' informazzjoni dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali hija disponibbli fuq l-Internet. Din tista' tkun aċċessata permezz tas-sit web tal-FRA fuq fra.europa.eu.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-9474-829-4 | doi:10.2811/006287 | TK-03-19-201-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-9474-795-2 | doi:10.2811/3167 | TK-03-19-201-MT-N |

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Unjoni Ewropea, 2020

Tpinġijiet tal-qoxra: © FRA

Ir-Riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm is-sors jiġi rikonoxxut.

EUROPEAN UNION AGENCY
FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

# Tfal imċaħħda mill-kustodja li jinsabu fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess

## Gwida għat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-minorenni li tiffoka fuq il-vittmi tat-traffikar

# Kelmtejn ta' qabel

Waħda minn kull erba' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin irreġistrati fl-Unjoni Ewropea (UE) hija minorenni. Il-bniet u s-subien jiġu ttraffikati għall-isfruttament sesswali, inkluża l-produzzjoni tal-Materjal ta' Abbuż Sesswali tat-Tfal; biex joħorġu jittallbu b'mod sfurzat u jwettqu attivitajiet kriminali; u aktar. Dawn jiġu ttraffikati lejn l-UE u fiha, u ta' spiss fl-Istat Membru tagħhom stess. Il-bniet jinsabu l-aktar fil-mira. L-għadd ta' tfal vittmi rreġistrati li joriġinaw mill-UE huwa d-doppju tal-għadd ta' tfal vittmi li ma joriġinawx mill-UE.

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jirrispettaw, jipproteġu u jippromwovu d-dritt tal-minorenni "għall-ħarsien u l-kura meħtieġa għall-benesseri tagħhom" kif meħtieġ mill-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. It-tfal jibqgħu fil-qalba tal-aġenda tal-UE biex jiġi indirizzat it-traffikar. Id-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi protezzjoni speċjali għat-tfal vittmi tat-traffikar irrispettivament min-nazzjonalità jew l-istatus tagħhom, inkluż approċċ imfassal apposta għas-servizzi ta' appoġġ, u protezzjoni akbar fil-proċedimenti kriminali. Dan l-approċċ sensittiv għall-minorenni ġie żviluppat f'għadd ta' programmi ta' politika li għandhom l-għan li jipproteġu u jirriabilitaw aħjar it-tfal.

Fil-komunikazzjoni tagħha tal-2017 *It-tisħiħ tal-azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin*, il-Kummissjoni Ewropea timpenja ruħha li tappoġġja lill-prattikanti u lill-awtoritajiet fl-Istati Membri tal-UE fl-isforzi konġunti essenzjali tagħhom. Il-kooperazzjoni mill-qrib fil-livelli kollha – fil-livell nazzjonali u transnazzjonali – hija essenzjali biex jiġu protetti d-drittijiet tat-tfal u jiġu żgurati assistenza u appoġġ xierqa għall-età u s-sess tagħhom, inkluż fir-rigward tal-kura, is-saħħa u l-edukazzjoni.

L-iżgurar li l-vittmi kollha jiġu identifikati u li jista' jkollhom aċċess għal assistenza u protezzjoni xierqa hija prijorità għall-UE, kif ġie rikonoxxut fil-Komunikazzjoni tal-2017. Iżda, naturalment, l-għan aħħari huwa li l-kriminalità tiġi evitata għalkollox. Dan jirrikjedi li wieħed jara, jirrikonoxxi u jitkellem dwar dak li ta' spiss jibqa' mistur. Din il-gwida tappoġġja dan.

It-tfal huma partikolarment vulnerabbli. Madankollu, il-vulnerabbiltajiet waħedhom ma jirriżultawx fit-traffikar. It-traffikar tal-bnedmin huwa kkawżat mill-profitti kbar li jiġġenera u mid-domanda għas-servizzi li jintalbu biex jitwettqu mill-vittmi. Illum il-ġurnata fl-UE, għadd kbir ta' persuni qed jużaw il-bniet u s-subien bħala komoditajiet – ta' spiss b'mod viżibbli. Varjetà ta' atturi jagħmlu profitt, kemm fis-settur legali

kif ukoll f'dak illegali. Għalhekk, din ir-realtà terribbli għandha tinkludi l-ġlieda kontra l-kultura ta' impunità billi l-awturi, il-persuni li jwettqu l-isfruttament u l-utenti/dawk li jwettqu l-abbuż jitressqu quddiem il-ġustizzja.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali żviluppat din il-gwida f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tal-mandat tal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar. Il-gwida għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-objettivi essenzjali stipulati fil-Komunikazzjoni tal-2017 dwar it-*Tisħiħ tal-azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin*, f'konformità mal-impenji tad-*Dikjarazzjoni Konġunta tal-impenn biex jiġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin tal-Aġenziji tal-UE tal-2018*, li ġiet iffirmata minn għaxar aġenziji tal-UE. Il-fatt li naħdmu flimkien biex nelim-inaw din il-kriminalità u biex niżguraw it-twettiq tad-drittijiet tal-vittmi jibqgħu r-responsabbiltajiet ewlenin tagħna. Aħna għandna dan id-dmir lejn il-vittmi.

**Dr. Myria Vassiliadou**
Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar

**Michael O'Flaherty**
Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni
Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

# Kontenut


KELMTEJN TA' QABEL ..... 3

KIF TUŻA DIN IL-GWIDA ..... 8

IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-GWIDA ..... 12

PARTI 1: IL-QAFAS LEGALI U TAL-PROTEZZJONI TAL-MINORENNI ..... 23

- 1.1. Qafas legali ..... 23
- 1.2. Il-prinċipji tad-drittijiet tat-tfal ..... 30
- 1.3. Sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal ..... 32

PARTI 2: L-10 AZZJONIJIET MEĦTIEĠA GĦALL-PROTEZZJONI ..... 37

- Azzjoni 1: Sib, identifika u rreferi lill-minorenni ..... 41
- Azzjoni 2: Aħtar tutur ..... 52
- Azzjoni 3: Isma' lill-minorenni ..... 54
- Azzjoni 4: Ivvaluta l-aħjar interessi tal-minorenni ..... 63
- Azzjoni 5: Ikkoordina l-atturi kollha fl-Istat Membru ..... 68
- Azzjoni 6: Irrispondi għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni ..... 76
- Azzjoni 7: Stabbilixxi ġurisdizzjoni u kooperazzjoni transnazzjonali ..... 86
- Azzjoni 8: Appoġġja lill-minorenni matul il-proċedimenti ġudizzjarji ..... 104
- Azzjoni 9: Iddetermina u implimenta soluzzjonijiet fit-tul ..... 114
- Azzjoni 10: Issorvelja l-benesseri tal-minorenni ..... 121

ANNESS 1: REFERENZI LEGALI ..... 124

ANNESS 2: LETTERATURA U ĠURISPRUDENZA MAGĦŻULA ..... 129

ANNESS 3: LISTA TA' KUNTATT ..... 138

ANNESS 4: ĦARSA ĠENERALI LEJN X'GĦANDHOM JAGĦMLU L-KORPI RESPONSABBLI ..... 139

# Illustrazzjonijiet u tabelli


Illustrazzjoni 1: Liema tfal tkopri l-gwida? ....... 13

Illustrazzjoni 2: L-għadd ta’ tfal vittmi rreġistrati tat-traffikar tal-bnedmin bejn l-2015 u l-2016, il-ħames Stati Membri ewlenin tal-UE....... 18

Illustrazzjoni 3: Ir-riskji possibbli tat-trasferiment ta’ rutina tat-tfal lejn l-Istat Membru ta’ oriġini tal-UE ....... 20

Illustrazzjoni 4: Strumenti Rilevanti....... 24

Illustrazzjoni 5: 10 azzjonijiet biex jiġu appoġġjati t-tfal imċaħħda mill-kustodja u li jeħtieġu protezzjoni, inklużi l-vittmi tat-traffikar li jinsabu fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess....... 38

Illustrazzjoni 6: Iż-żona Schengen, minn Marzu 2019 ....... 44

Illustrazzjoni 7: Il-mandat tat-tutur ....... 53

Illustrazzjoni 8: L-informazzjoni u l-kunsiderazzjoni tal-fehmiet tal-minorenni matul l-10 azzjonijiet kollha....... 55

Illustrazzjoni 9: Elementi li għandhom jitqiesu f’valutazzjoni tal-aħjar interessi....... 66

Illustrazzjoni 10: Regoli biex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni f’każijiet relatati mal-protezzjoni tal-minorenni....... 89

Illustrazzjoni 11: Il-miżuri proviżorji skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Brussell IIa....... 91

Illustrazzjoni 12: Eżempji illustrattivi ta’ miżuri proviżorji u mhux proviżorji ....... 92

Illustrazzjoni 13: Gruppi li jistgħu jkunu involuti f’kooperazzjoni domestika u transnazzjonali....... 93

Illustrazzjoni 14: Il-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi....... 102

Tabella 1: Il-prinċipji tad-drittijiet tat-tfal fl-istrumenti internazzjonali u tal-UE....... 31

Tabella 2: Id-dritt għall-informazzjoni fid-dritt rilevanti tal-Unjoni ....... 56

Tabella 3: Referenzi espliċiti għas-sess fid-dritt rilevanti tal-Unjoni ....... 58

Tabella 4: Ir-referenzi fl-istrumenti internazzjonali, reġjonali u tal-UE.................78
Tabella 5: Miżuri ta’ protezzjoni għat-tfal vittmi matul il-proċedimenti kriminali fid-dritt tal-Unjoni..................................................................... 106

# Kif tuża din il-gwida

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) żviluppat din il-gwida f'kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Kummissjoni Ewropea tal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar. Din timplimenta azzjoni li ġiet stabbilita fil-Komunikazzjoni dwar it-tisħiħ tal-azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin ta' Diċembru 2017 u tibni fuq id-Dikjarazzjoni Konġunta biex jiġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin, li fl-2018 ġiet iffirmata minn għaxar aġenziji tal-UE.

L-FRA ddeterminat il-prattiki tal-Istati Membri tal-UE u ddiskutiet ir-riżultati ma' grupp ta' esperti. Dawn id-diskussjonijiet wasslu għall-identifikazzjoni ta' oqsma ewlenin li jibbenefikaw minn sett ta' linji gwida aktar strutturat. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet issuġġeriti mill-esperti, l-FRA mbagħad żviluppat l-elementi ewlenin tal-gwida t'hawn taħt. It-tieni laqgħa ta' esperti li saret f'Novembru 2018 u li ġiet ospitata mill-Eurojust f'The Hague, ivvalutat il-kwalità tagħha. L-esperti kienu jinkludu mħallfin, prosekuturi u rappreżentanti ta' Awtoritajiet Ċentrali skont ir-Regolament Brussell IIa, kif ukoll partijiet interessati mis-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet internazzjonali, il-Eurojust, il-Europol u l-Kummissjoni Ewropea. Matul il-proċess tqiesu kontributi oħra, inkluż fil-kuntest ta' talba mmirata lejn il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tal-UE u l-Pjattaforma elettronika kontra t-traffikar tal-bnedmin, u minn partijiet interessati li jaħdmu fil-qasam tad-drittijiet tal-minorenni.

Il-gwida hija maħsuba għall-professjonisti li jistgħu jiġu f'kuntatt dirett mat-tfal li huma mċaħħda mill-kustodja u li jeħtieġu protezzjoni fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (UE) differenti minn dak tagħhom stess, inklużi t-tfal vittmi tat-traffikar. Tipikament, dawn it-tfal ikollhom in-nazzjonalità tal-Istati Membri tal-UE u għalhekk igawdu mid-dritt għall-moviment liberu fl-Unjoni Ewropea.

Il-professjonisti li jistgħu jibbenefikaw minn din il-gwida jinkludu awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, ħaddiema soċjali, professjonisti tas-saħħa, uffiċjali għall-protezzjoni tal-minorenni, tuturi, imħallfin, avukati, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fil-qasam tal-protezzjoni tal-minorenni, persunal konsulari jew persunal tal-Awtoritajiet Ċentrali maħtura skont ir-Regolament Brussell IIa (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003), kif ukoll oħrajn li jistgħu jiġu f'kuntatt ma' tfal vittmi tat-traffikar. Din il-gwida se tappoġġja wkoll atturi rilevanti li jaħdmu fuq liġijiet, proċeduri u protokolli u/jew li jiżviluppaw oqfsa ta' kooperazzjoni fi Stat Membru, jew bejn Stati Membri differenti tal-UE.

Din il-gwida tqis il-kompiti u r-responsabbiltajiet ta' firxa sħiħa ta' atturi. Hija tissuġġerixxi kif għandha tittejjeb il-kooperazzjoni fi Stat Membru tal-UE kif ukoll bejn

Stati Membri differenti tal-UE. Hija tidentifika wkoll l-appoġġ li jistgħu jipprovdu l-aġenziji rilevanti tal-UE.

Din il-gwida hija maqsuma f'żewġ partijiet. L-introduzzjoni tispjega l-kamp ta' applikazzjoni u l-għan tal-gwida.

- Il-Parti 1 tistabbilixxi l-qafas legali rilevanti li jirregola l-protezzjoni tat-tfal li huma mċaħħda mill-kustodja u/jew jinsabu fil-bżonn ta' protezzjoni fi Stat Membru tal-UE li mhuwiex dak tagħhom stess, inklużi t-tfal vittmi tat-traffikar. Hija telenka l-erba' prinċipji ewlenin għall-protezzjoni tal-minorenni li jirriżultaw mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Hija tenfasizza li l-miżuri li jittieħdu biex jiġu protetti t-tfal koperti minn din il-gwida għandhom ikunu parti integrali mis-sistema nazzjonali għall-protezzjoni tal-minorenni. Il-Parti 1 tipprovdi gwida ġenerali li tfassal l-azzjonijiet elenkati fil-Parti 2.
- Il-Parti 2 fiha s-sustanza ċentrali ta' din il-gwida. L-10 azzjonijiet fil-Parti 2 joffru suġġerimenti prattiċi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni ta' dawn it-tfal mill-mument li jiġu identifikati sal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' soluzzjoni fit-tul.

Il-gwida tipprovdi għadd ta' kaxex tat-test b'dan li ġej:

- Kwotazzjonijiet: tinkludi kwotazzjonijiet minn dokumenti legali jew ta' politika.
- Jekk tixtieq issir taf aktar: tinkludi materjali jew riċerka għal qari ulterjuri.
- Għodod prattiċi: tinkludi riżorsi prattiċi bħal manwali, listi ta' kontroll jew simili.

Tista' ssib aktar riżorsi fl-annessi, inklużi referenzi, letteratura, listi ta' kuntatti u ħarsa ġenerali lejn ir-responsabbiltajiet ta' korpi u individwi differenti fil-livell tal-Istati Membri.

**Terminoloġija ewlenija**

**Minorenni/tfal:** minorenni għandha tfisser "kwalunkwe persuna taħt it-18-il sena."

*Sors: L-Artikolu 2(6) tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE); Ara wkoll l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.*

**Il-preżunzjoni tat-tfulija:** "Meta l-età tal-[vittma] ma tkunx ċerta u jkun hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li l-vittma huwa minorenni, dik il-persuna għandha titiqes bħala minorenni sabiex jingħata aċċess immedjat għall-assistenza, l-appoġġ u l-protezzjoni".

*Sors: L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar* (2011/36/UE).

**Vittma tat-traffikar:** "vittma tat-traffikar" hija persuna li tkun ġiet soġġetta għat-traffikar tal-bnedmin kif iddefinit fl-Artikolu 2 tad-*Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar* (2011/36/UE).

**Traffikar:** id-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar (2011/36/UE) tiddefinixxi "traffikar" bħala "ir-reklutaġġ, it-trasport, it-trasferiment, il-kenn jew l-akkoljenza ta' persuni, inkluż l-iskambju jew it-trasferiment tal-kontroll fuq dawk il-persuni, permezz tat-theddid jew l-użu tal-forza jew forom oħra ta' ġegħil, ta' ħtif, ta' frodi, ta' qerq, tal-abbuż tal-poter jew ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà jew tal-għoti jew tar-riċeviment ta' ħlasijiet jew benefiċċji biex jinkiseb il-kunsens ta' persuna li jkollha kontroll fuq persuna oħra, għall-fini ta' sfruttament."

**Sfruttament:** "L-isfruttament għandu jinkludi, bħala minimu, l-isfruttament tal-prostituzzjoni ta' oħrajn jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, xogħol jew servizzi sfurzati, inkluż l-elemosina, l-iskjavitù jew prattiki simili għall-iskjavitù, is-servitù jew l-isfruttament ta' attivitajiet kriminali, jew it-teħid ta' organi."

Meta t-tali għemil "jinvolvi t-tfal, għandu jkun reat ta' traffikar tal-bnedmin punibbli ukoll jekk ma jkunu ġew użati l-ebda mill-mezzi msemmija fil-paragrafu 1."

*Sors: L-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE).*

**Vittmi rreġistrati tat-traffikar tal-bnedmin:** tinkludi vittmi identifikati kif ukoll vittmi preżunti tat-traffikar tal-bnedmin.

"Vittmi identifikati" tfisser persuni li jkunu ġew identifikati formalment bħala vittmi tat-traffikar tal-bnedmin mill-awtorità formali rilevanti fi Stat Membru.

Vittmi "preżunti" jew "potenzjali" tat-traffikar tal-bnedmin tfisser persuni li jissodisfaw il-kriterji tad-Direttiva 2011/36/UE iżda li ma jkunux ġew identifikati formalment mill-awtorità formali rilevanti bħala vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li jkunu rrifjutaw li jiġu identifikati formalment jew legalment bħala ttraffikati.

*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea, *Data collection on trafficking in human beings in the EU* (Ġbir ta' *data* dwar it-traffikar tal-bnedmin fl-UE)*, 2018, paġna 13.*

**Tfal li jeħtieġu protezzjoni:** "tfal li għal perjodu temporanju jew permanenti jkunu mċaħħdin mill-ambjent tal-familja, jew li fl-aħjar interess tagħhom ma jistgħux jitħallew jibqgħu f'dak l-ambjent, għandhom ikunu intitolati għal protezzjoni speċjali u assistenza mogħtija mill-Istat".

*Sors: L-Artikolu 20(1) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.*

**Minorenni mċaħħad mill-kustodja:** minorenni li matul il-lejl ma jkunx fil-kura ta' mill-inqas wieħed mill-ġenituri tiegħu, tkun xi tkun ir-raġuni u fi kwalunkwe ċirkostanza.

*Sors: Linji Gwida tan-NU għall-Kura Alternattiva tat-Tfal, paragrafu 29.*

**Tutur:** persuna indipendenti li tħares l-aħjar interessi u l-benesseri ġenerali tal-minorenni, u għal dan il-għan tikkomplementa l-kapaċità legali limitata tal-minorenni. It-tutur jaġixxi bħala rappreżentant statutorju tal-minorenni fil-proċedimenti kollha bl-istess mod kif ġenitur jirrappreżenta lil uliedu.

*Sors: Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, General Comment No 6* (Kumment Ġenerali Nru 6)*, il-paragrafu 33.*

**Soluzzjoni fit-tul:** Soluzzjoni komprensiva, sikura u sostenibbli hija waħda li, sa fejn ikun possibbli, taqdi l-aħjar interessi u l-benesseri fit-tul tal-minorenni u tkun sostenibbli u sikura minn dik il-perspettiva. L-eżitu għandu jkollu l-għan li jiżgura li l-minorenni jkun jista' jiżviluppa u jsir adult, f'ambjent li se jissodisfa l-ħtiġijiet tiegħu u jissodisfa d-drittijiet tiegħu kif iddefinit mill-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

*Sors: Il-Kumitat tan-NU dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom u l-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Joint General Comment No 3 (2017) and No 22 (2017) on the General Principles Regarding the Human Rights of Children in the context of International Migration (il-Kumment Ġenerali Konġunt Nru 3 (2017) u Nru 22 (2017) dwar il-Prinċipji Ġenerali Rigward id-Drittijiet tal-Bniedem tat-Tfal fil-kuntest tal-Migrazzjoni Internazzjonali),* il-paragrafu 32(j).

**Awtoritajiet ċentrali:** korpi maħtura minn kull Stat Membru tal-UE biex jappoġġjaw il-koordinazzjoni fl-implimentazzjoni tar-Regolament Brussell IIa.

*Sors: Regolament Brussell IIa (KE) Nru 2201/2003, l-Artikoli 53 sa 55.*

L-Uffiċċju tal-Kummissjoni Ewropea tal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar żviluppa kompilazzjoni faċli għall-utent ta' termini fir-rigward tat-traffikar tal-bnedmin. Għal aktar informazzjoni, ara t-"Key concepts in a nutshell" (Termini ewlenin fil-qosor).

# Il-kamp ta' applikazzjoni tal-gwida

M'hemm l-ebda approċċ uniformi madwar l-UE biex jiġu indirizzati l-każijiet ta' tfal imċaħħda mill-kustodja u li jeħtieġu protezzjoni fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess, inklużi t-tfal vittmi tat-traffikar. Il-gwida prattika għandha l-għan li tgħin lill-professjonisti biex:

- jidentifikaw tfal imċaħħda mill-kustodja li jeħtieġu protezzjoni;
- ifasslu l-miżuri meħtieġa ta' protezzjoni u appoġġ;
- jivvalutaw l-aħjar interessi tal-minorenni;
- jimplimentaw soluzzjoni fit-tul.

Il-qarrej jeħtieġ li jqis il-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal li jirriżultaw minn, fost aspetti oħra, l-età, is-sess u l-isfond tagħhom meta jieħu deċiżjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kura tagħhom. Din tindirizza t-traffikar tal-minorenni permezz ta' approċċ speċifiku għas-sess u sensittiv għall-minorenni, filwaqt li tqis il-konsegwenzi tal-forma speċifika tal-isfruttament li l-vittmi jkunu ġew soġġetti għalih.

## It-tfal koperti

Il-gwida tikkonċerna t-tfal li jissodisfaw it-**tliet kundizzjonijiet kollha** elenkati fl-Illustrazzjoni 1.

**Illustrazzjoni 1: Liema tfal tkopri l-gwida?**



Għandhom in-**nazzjonalità** ta' jew **permess ta' residenza**

Huma preżunti li jeħtieġu **protezzjoni**, pereżempju bħala vittmi ta' traffikar

Huma mċaħħda **mill-kustodja**

*Noti: UE = L-Unjoni Ewropea; ŻEE = Iż-Żona Ekonomika Ewropea; CH = L-Iżvizzera*
*Sors: FRA, 2019*

### It-tfal fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess

Il-gwida tikkonċerna t-tfal li jinsabu fi **Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess.** Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, tali tfal ikollhom in-nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE. Xi drabi, jista' jkollhom permess ta' residenza regolari f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE.

It-tfal jistgħu jiġu ttraffikati fi Stat Membru tal-UE mingħajr ma jaqsmu kwalunkwe fruntiera u ħafna mill-prinċipji u l-azzjonijiet f'din il-gwida huma rilevanti wkoll għal dawn it-tfal.

### Tfal li jeħtieġu protezzjoni, inklużi t-tfal vittmi tat-traffikar

Il-gwida tikkonċerna t-tfal **li jeħtieġu protezzjoni**. Din il-gwida għandha l-għan li tappoġġja azzjonijiet li jindirizzaw u jipprevjenu t-traffikar tat-tfal. Sabiex jiġi indirizzat it-traffikar tat-tfal jeħtieġ li wieħed iħares lejn il-kuntest usa'. Għalhekk, din il-gwida ma tapplikax biss għal tfal li jkunu ġew identifikati bħala vittmi jew li jitqiesu bħala **vittmi tat-traffikar** tal-bnedmin. Din tapplika wkoll għal dawk it-tfal li jkunu fi Stat Membru ieħor tal-UE u li jistgħu jkunu ġew ittraffikati iżda ma jkunux ġew identifikati bħala tali jew li jkunu f'riskju akbar li jiġu ttraffikati. Din il-gwida tirreferi għalihom bħala tfal li "jeħtieġu protezzjoni".

It-tfal li jinsabu fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess ikunu "jeħtieġu protezzjoni" jekk ma jkollhomx il-kundizzjonijiet għal livell ta' għajxien adegwat għall-iżvilupp fiżiku, mentali, spiritwali, morali u soċjali tat-tfal, kif tirrikjedi l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (l-Artikolu 27). It-tfal jista' ma jkollhomx aċċess għas-servizzi tas-saħħa, ikunu qed jaħdmu f'kundizzjonijiet inadegwati, ikunu qed

ifallu l-iskola, ikunu qed jiġu sfruttati sesswalment, jiġu sfurzati biex joħorġu jittallbu jew biex iwettqu reati żgħar. Jistgħu jkunu wkoll persuni bla dar jew li jgħixu fit-toroq.

### Tfal imċaħħda mill-kustodja

Il-gwida tiffoka fuq it-**tfal imċaħħda mill-kustodja**. Fil-prinċipju hemm żewġ xenarji differenti li fihom minorenni jista' jiġi mċaħħad mill-ambjent tal-familja tiegħu: (1) il-minorenni ma jkollux ġenituri, jiġifieri jkun orfni, jiġi abbandunat mill-ġenituri, ma jkunx akkumpanjat jew ikun separat mill-ġenituri tiegħu u/jew mit-tuturi legali fil-pajjiż fejn il-minorenni jiġi identifikat; (2) il-ġenituri tiegħu jkunu preklużi milli jeżerċitaw responsabbiltajiet ta' ġenitur b'riżultat ta' abbuż jew negliġenza, pereżempju jekk ikunu involuti fl-isfruttament tal-minorenni jew fit-traffikar tat-tfal.

Meta t-tfal ikunu akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom, partijiet minn din il-gwida biss huma rilevanti. Pereżempju, ikun meħtieġ li l-awtoritajiet jieħdu miżuri biex jidentifikaw minorenni vittma, jistabbilixxu l-identità tal-minorenni, jisimgħu lill-minorenni u jivvalutaw l-aħjar interessi tiegħu. Ikun meħtieġ ukoll li l-awtoritajiet jiddeterminaw soluzzjoni fit-tul, filwaqt li jqisu r-rwol li kellhom il-ġenituri fit-traffikar, il-post fejn jinsabu l-ġenituri u kwalunkwe deċiżjoni tal-qorti li timmodifika l-kustodja tal-minorenni jew tillimita d-drittijiet tal-ġenituri.

**X'ma tindirizzax din il-gwida**

Skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Istati Membri tal-UE għandhom l-obbligu li jipproteġu lit-tfal irrispettivament mill-istatus tagħhom. Il-General Comment No 6 (Kumment Ġenerali Nru 6) ifakkar li "[t]he obligation of states to protect children within their jurisdiction is not limited to children who are citizens of a State party and must therefore, if not explicitly stated otherwise in the Convention, also be available to all children — including asylum-seeking, refugee and migrant children — irrespective of their nationality, immigration status or statelessness." ([l]-obbligu tal-Istati li jipproteġu lit-tfal fil-ġurisdizzjoni tagħhom mhuwiex limitat għal tfal li huma ċittadini ta' Stat parti u għalhekk, jekk ma jkunx iddikjarat mod ieħor fil-Konvenzjoni, għandu jkun disponibbli wkoll għat-tfal kollha — inkluż dawk li jfittxu l-asil, ir-refuġjati u t-tfal migranti — irrispettivament min-nazzjonalità, l-istatus tal-immigrazzjoni jew l-apolidija tagħhom). Għalkemm xi wħud mill-azzjonijiet u s-suġġerimenti li saru f'din il-pubblikazzjoni jistgħu jintużaw għal diversi kategoriji ta' tfal li jeħtieġu protezzjoni, il-gwida kollha kemm hi mhijiex maħsuba għall-kategoriji ta' tfal li ġejjin.

*Tfal li jkunu f’kunflitt mal-liġi*

It-tfal li jkunu wettqu reat għandhom jiġu ttrattati skont is-sistema tal-ġustizzja tal-minorenni regolari f’dak l-Istat Membru, li jkollha tirrispetta s-salvagwardji stabbiliti mid-Direttiva dwar il-garanziji proċedurali għat-tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (2016/800/UE).

*Tfal li jfittxu asil jew li huma fi proċeduri ta’ ritorn u li mhumiex ċittadini ta’ Stat Membru tal-UE, taż-Żona Ekonomika Ewropea jew ċittadini Żvizzeri.*

*L-acquis* tal-UE dwar l-asil u r-ritorn jirregola l-protezzjoni tat-tfal mhux akkumpanjati li jfittxu jew li jkunu ngħataw protezzjoni internazzjonali, jew li jkunu jinsabu fi proċeduri ta’ ritorn. Dan jinkludi sett ta’ regoli u salvagwardji għall-għoti ta’ protezzjoni u kura immedjati. Meta l-applikanti għall-asil jiċċaqalqu minn Stat Membru tal-UE għal ieħor, ir-Regolament ta’ Dublin (ir-Regolament (UE) Nru 604/2013) jiddetermina liema Stat Membru tal-UE huwa responsabbli biex jivvaluta t-talba tagħhom u għalhekk, jipprovdilhom il-protezzjoni u l-kura meħtieġa. Il-miżuri protettivi li tistabbilixxi d-dritt tal-Unjoni dwar l-asil u l-migrazzjoni normalment ma joperawx għaċ-ċittadini tal-UE.

**JEKK TIXTIEQ ISSIR TAF AKTAR**

## Manwal dwar il-liġi Ewropea

Flimkien mal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), l-FRA ppubblikat manwal dwar il-liġi Ewropea relatata mal-asil, il-migrazzjoni u l-fruntieri. Il-manwal huwa maħsub għal professjonisti fl-Istati Membri tal-UE. Huwa jippreżenta l-leġiżlazzjoni tal-UE u l-ġurisprudenza tal-QEDB u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b’mod aċċessibbli. Wieħed mill-kapitoli tal-manwal huwa ddedikat għal persuni bi ħtiġijiet speċifiċi, li jinkludu tfal mhux akkumpanjati. Il-manwal huwa disponibbli f’25 lingwa u hemm verżjoni speċjali adattata għal-liġi Żvizzera.

*Għal aktar informazzjoni ara Handbook on European law relating to asylum, borders and immigration* (l-Manwal dwar il-liġi Ewropea dwar l-asil, il-fruntieri u l-immigrazzjoni), *2014*.

### Għaliex hemm bżonn ta’ gwida għat-tfal li joriġinaw mill-UE

Id-dritt tal-Unjoni li jipproteġi lill-vittmi tal-kriminalità u li jipprevjeni u jiġġieled it-traffikar tal-bnedmin japplika għal kulħadd, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom. M’hemm l-ebda approċċ uniformi biex jiġu indirizzati każijiet ta’ tfal imċaħħda mill-kustodja u li jeħtieġu protezzjoni fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess, inklużi t-tfal vittmi tat-traffikar.

Il-Komunikazzjoni dwar ir-rappurtar dwar is-segwitu tal-Istrateġija tal-UE dwar l-eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u identifikazzjoni ta' azzjonijiet konkreti oħra (Diċembru 2017) inkarigat lill-Kummissjoni Ewropea u lill-FRA biex jiżviluppaw "practical guidance to enhance inter-agency and transnational cooperation aiming to prevent child trafficking of EU children, ensure protection of child victims, find durable solutions and safeguard their rights under EU and international law" (gwida prattika biex tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u dik transnazzjonali bil-għan li jiġi evitat it-traffikar ta' tfal li joriġinaw mill-UE, tiġi żgurata l-protezzjoni ta' tfal vittmi, jinstabu soluzzjonijiet fit-tul u jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni u l-liġi internazzjonali).

Madankollu, bosta miżuri oħra tad-dritt tal-Unjoni, li jipproteġu lit-tfal, japplikaw biss għal persuni li mhumiex ċittadini tal-UE, ċittadini ta' Stat li jifforma parti miż-Żona Ekonomika Ewropea jew ċittadini tal-Iżvizzera. Għalhekk, hemm diskrepanza. Ir-raġunijiet għall-ħolqien ta' gwida speċifika dwar it-tfal li joriġinaw mill-UE huma tlieta.

*1. Iċ-ċittadini tal-UE u l-maġġoranza tad-detenturi ta' permessi ta' residenza jistgħu jiċċaqilqu b'mod liberu fl-UE*

Iċ-ċittadini tal-UE jgawdu mid-dritt għall-moviment liberu fl-UE, skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Artikoli 20(2)(a) u 21 u t-Titolu IV tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u l-Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Iċ-ċittadini tal-UE għandhom id-dritt li jiċċaqilqu u jirrisjedu b'mod liberu fl-Istati Membri tal-UE, għalkemm dan huwa soġġett għal xi limitazzjonijiet u kundizzjonijiet stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni. Iż-żona ġeografika tal-moviment liberu testendi għall-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera, skont il-ftehimiet maż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Iżvizzera. Skont id-Direttiva dwar il-Libertà ta' Moviment (2004/38/KE), jekk iċ-ċittadini tal-UE joqogħdu għal inqas minn tliet xhur fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess, mhumiex soġġetti għal xi rekwiżit ta' reġistrazzjoni. Skont l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen (CISA), id-detenturi ta' permessi ta' residenza li jinħarġu minn wieħed mill-Istati Membri tal-UE jistgħu jiċċaqilqu wkoll b'mod liberu sa tliet xhur fit-territorji tal-Istati Membri l-oħra tal-UE, li jinkludu l-Istati Membri kollha tal-UE u l-Pajjiżi Assoċjati ta' Schengen, minbarra l-Irlanda u r-Renju Unit. In-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri fiż-żona Schengen u l-obbligi ta' reġistrazzjoni mhux stretti jagħmluha inqas probabbli li ċ-ċittadini tal-UE u d-detenturi ta' permessi ta' residenti li jinħarġu minn Stat Membru tal-UE jiġu f'kuntatt mal-awtoritajiet. Dan jillimita l-possibbiltajiet tagħhom li jiġu identifikati bħala vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. Barra minn hekk, it-trasferiment tagħhom lejn l-Istat Membru ta' oriġini tal-UE tagħhom

jista' jkun mgħaġġel, meta mqabbel mas-salvagwardji proċedurali li tinvolvi proċedura ta' ritorn għal ċittadini mhux tal-UE.

*2. Il-miżuri protettivi ġew żviluppati l-aktar skont* l-acquis *tal-UE dwar l-asil u l-migrazzjoni*

Il-miżuri protettivi stabbiliti mill-*acquis* tal-UE dwar l-asil u l-migrazzjoni normalment ma japplikawx għaċ-ċittadini tal-UE. Skont il-Protokoll Nru 24 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-asil għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tal-UE għandhom jitqiesu bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri, jiġifieri li jekk ċittadin tal-UE jressaq applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali din għandha (b'xi eċċezzjonijiet) tiġi ddikjarata inammissibbli. Il-miżuri protettivi fl-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar ir-Ritorn (id-Direttiva 2008/115/KE) rigward ir-ritorn u t-tneħħija ta' tfal mhux akkumpanjati japplikaw biss għal persuni li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru tal-UE, taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera; l-istess bħall-iffaċilitar tal-ilmenti skont l-Artikoli 9 u 13 tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra Min Iħaddem (id-Direttiva 2009/52/KE) għal tfal li jkunu ġew impjegati illegalment. Bosta għodod li ġew żviluppati fil-kuntest tat-tfal fil-migrazzjoni tfasslu għat-tfal li joriġinaw minn barra l-UE u mhumiex — jew huma biss sa ċertu punt — applikabbli għal tfal li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea.

*3. Għadd kbir ta' tfal vittmi jiġu ttraffikati fl-UE*

Il-bniet u s-subien għadhom qed jiġu ttraffikati fl-UE. Dawn jiġu ttraffikati għall-isfruttament sesswali, inkluż għall-produzzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal (partikolarment il-bniet), biex joħorġu jittallbu b'mod sfurzat, biex iwettqu attivitajiet kriminali sfurzati u għal skopijiet oħra.

Skont It-tieni rapport dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (2018) tal-Kummissjoni Ewropea u d-Data collection on trafficking in human beings in the EU (Ġbir ta' *data* dwar it-traffikar tal-bnedmin fl-UE) tal-2018 (Tabella 3.8.8), mill-vittmi kollha li ġew irreġistrati fl-UE fis-snin bejn l-2015 u l-2016, 23 % kienu tfal. Minn 2 206 itfal vittmi rreġistrati, 1 310 kienu ċittadini tal-UE — filwaqt li aktar minn 84 % minnhom kienu bniet. L-aktar ħames nazzjonalitajiet ta' oriġini tal-UE li kellhom vittmi rreġistrati kienu l-Ungerija (647), in-Netherlands (255), Franza (191), ir-Rumanija (86) u l-Kroazja (27) (Illustrazzjoni 2). Din id-*data* tikkonċerna dawk li huma f'kuntatt mal-awtoritajiet u ma' organizzazzjonijiet oħra. Hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li l-maġġoranza tal-vittmi jibqgħu ma jiġux identifikati.

**Illustrazzjoni 2: L-għadd ta' tfal vittmi rreġistrati tat-traffikar tal-bnedmin bejn l-2015 u l-2016, il-ħames Stati Membri ewlenin tal-UE**




*Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, 2018 [Data collection on trafficking in human beings in the EU, Tabella 3.8.8]*

Filwaqt li l-Kummissjoni m'għandha l-ebda *data* statistika disponibbli dwar il-vittmi tat-traffikar ibbażata fuq l-isfond etniku, rapporti mill-Istati Membri tal-UE enfasizzaw il-vulnerabbiltà akbar tan-nies mill-komunitajiet Rom, speċjalment in-nisa u t-tfal bit-traffikanti jieħdu vantaġġ mill-parentela. Kif ġie rrapportat mill-Europol, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Infurzar tal-Liġi, fir-rapport tas-sitwazzjoni tagħha dwar Netwerks kriminali involuti fit-traffikar u l-isfruttament ta' vittmi taħt l-età fl-UE (*Criminal networks involved in the trafficking and exploitation of under-age victims in the EU*, 2018), tfal mill-komunitajiet Rom huma partikolarment vulnerabbli. L-istudju tal-Kummissjoni Ewropea dwar gruppi f'riskju għoli ta' traffikar (*European Commission's study on high-risk groups for trafficking*) tal-bnedmin isemmi żieda fil-prevalenza ta' żwiġijiet tat-tfal, filwaqt li l-vittmi u l-awturi joriġinaw l-aktar minn xi gruppi fil-komunità Rom. Il-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (GRETA) li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin jirrapporta wkoll każijiet ta' traffikar ta' bniet Rom għal żwieġ sfurzat.

## Riskji ta' trasferimenti ta' malajr lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali tal-minorenni

L-Istati Membri tal-UE għandhom it-tendenza li jsegwu wieħed mit-tliet approċċi li ġejjin meta jiltaqgħu ma' tfal li jitqiesu li joriġinaw mill-UE, ikunu mingħajr il-ġenituri tagħhom u li jitqiesu li jeħtieġu protezzjoni:

1. Il-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE jimplimentaw soluzzjonijiet *ad hoc* għal kull każ individwali, li jirriżultaw l-aktar fi trasferiment mgħaġġel u ta' rutina tal-minorenni lura lejn l-Istat Membru taċ-ċittadinanza jew ta' residenza abitwali tal-UE, wara kuntatt inizjali mal-uffiċċji konsulari.
2. Xi Stati Membri tal-UE jimplimentaw soluzzjonijiet aktar strutturali bbażati fuq il-qafas ta' kooperazzjoni tar-Regolament Brussell IIa (ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri) b'valutazzjoni aktar bir-reqqa tas-sitwazzjoni. Madankollu, l-Istati Membri tal-UE jqisu li dan il-mekkaniżmu jopera bil-mod wisq.
3. Xi Stati Membri tal-UE użaw ftehimiet bilaterali bejn żewġ Stati Membri tal-UE biex jiżguraw kooperazzjoni fit-trasferiment tal-minorenni.

Il-prattika tal-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE — li l-minorenni jiġi ttrasferit malajr lejn l-Istat Membru ta' residenza abitwali tal-UE — hija bbażata fuq il-kunsiderazzjoni li, fil-prinċipju, l-Istati Membri kollha tal-UE huma sikuri. Din il-prattika hija stabbilita wkoll b'mod ġenerali fid-dritt tal-minorenni li jgħix mal-ġenituri, sakemm dan ma jmurx kontra l-aħjar interessi tal-minorenni, skont l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Minkejja l-importanza tad-dritt tal-minorenni li jgħix mal-ġenituri tiegħu, l-awtoritajiet l-ewwel għandhom jiżguraw li jkun sikur għall-minorenni biex imur lura fl-ambjent tal-familja. Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri jkunu sostenibbli, u sabiex jinstabu soluzzjonijiet fit-tul, l-azzjonijiet kollha għandhom jitwettqu wara valutazzjoni individwali taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-minorenni, inklużi ċ-ċirkostanzi li wasslu biex il-minorenni jkun imċaħħad mill-kustodja u jkun jeħtieġ protezzjoni. Hija meħtieġa wkoll valutazzjoni tal-familja biex jiġi evalwat jekk ir-ritorn ikunx effettivament xieraq f'każijiet fejn il-familja setgħet kienet responsabbli għas-sitwazzjoni, pereżempju, billi "offriet" lill-minorenni għat-traffikar, abbużat fiżikament, psikoloġikament jew sesswalment lill-minorenni, jew sfurzat lill-minorenni jitlaq 'il barra mid-dar tal-familja tiegħu.

F'każijiet ta' traffikar fl-UE, il-Europol tenfasizza li ta' spiss il-familja taqdi rwol attiv fl-isfruttament tat-tfal tagħhom. Filwaqt li f'xi każijiet it-tfal jiġu ttraffikati waħedhom, f'każijiet oħra jkunu akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom, kemm bħala vittmi tat-traffikar kif ukoll bħala awturi.

## Traffikar tat-tfal fl-UE: l-involviment tal-ġenituri

"One of the most serious aspects of this phenomenon is the role of the family. Europol receives regular intelligence contributions which detail children who are sold to criminal

networks by their parents, as criminals take advantage of families' poverty. In other cases parents themselves are engaged in trafficking and exploiting their own children." (Wieħed mill-aktar aspetti serji ta' dan il-fenomenu huwa r-rwol tal-familja. Il-Europol tirċievi kontributi regolari ta' intelligence li jiddeskrivu sitwazzjoni fejn it-tfal jinbiegħu lil netwerks kriminali mill-ġenituri tagħhom, minħabba li l-kriminali jieħdu vantaġġ mill-faqar tal-familji. F'każijiet oħra l-ġenituri stess ikunu involuti fit-traffikar u fl-isfruttament tat-tfal tagħhom stess.)

*Ir-rapport tas-sitwazzjoni tal-Europol*: *Criminal networks involved in the trafficking and exploitation of under-age victims in the European Union* (Netwerks kriminali involuti fit-traffikar u fl-isfruttament ta' vittmi taħt l-età fl-Unjoni Ewropea)*, 2018, p. 8.*

Trasferiment awtomatiku u rapidu mingħajr valutazzjoni adegwata tas-sitwazzjoni jirriżulta f'riskji oħra, kif jidher fl-Illustrazzjoni 3. Pereżempju, it-tfal jistgħu jitpoġġew fejn kienu ġew abbużati jew minn fejn kienu ġew ittraffikati, bir-riskju li jerġgħu jsiru vittmi. Trasferiment ta' malajr jista' jdgħajjef ukoll il-ġbir ta' provi ta' reat tat-traffikar, u b'hekk jipprevjeni l-prosekuzzjoni tat-trasgressur(i), jew iċaħħad lill-minorenni mill-assistenza u l-protezzjoni xierqa.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri jkunu sostenibbli, u bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet fit-tul, l-azzjonijiet kollha għandhom jittieħdu wara li ssir valutazzjoni individwali taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-minorenni, inklużi ċ-ċirkostanzi li wasslu biex il-minorenni jkun imċaħħad mill-kustodja u/jew jeħtieġ protezzjoni.

**Illustrazzjoni 3: Ir-riskji possibbli tat-trasferiment ta' rutina tat-tfal lejn l-Istat Membru ta' oriġini tal-UE**




*Sors: FRA, 2019*

L-awtoritajiet għandhom jipprevjenu sitwazzjonijiet fejn it-tfal li jkunu ġew irritornati lejn l-Istat Membru ta’ domiċilju tal-UE tagħhom jerġgħu jsiru vittmi tat-traffikar — (billi jew jiġu ttraffikati lura lejn l-Istat Membru tal-UE li jkunu nstabu fih jew jiġu ttraffikati lejn Stat Membru differenti tal-UE), u b’hekk isibu ruħhom fi bżonn ta’ protezzjoni għal darb’oħra. Miżuri sostenibbli jiżguraw ukoll l-użu effiċjenti ta’ riżorsi umani u finanzjarji mill-Istati Membri tal-UE.

Din il-gwida tiffoka fuq il-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal fi stadju bikri u hija maħsuba biex tappoġġja azzjoni li hija aktar xierqa għat-tfal u aktar sostenibbli.

→ L-Anness 2 jipprovdi lista mhux eżawrjenti ta’ rapporti b’informazzjoni dwar tfal li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li huma sfruttati b’mod ieħor minn gruppi kriminali.

# Parti 1: Il-qafas legali u tal-protezzjoni tal-minorenni



Il-Parti 1 tistabbilixxi l-qafas legali rilevanti u l-prinċipji għall-protezzjoni tal-minorenni li fuqhom hija bbażata din il-gwida. Diversi strumenti internazzjonali u Ewropej jindirizzaw il-protezzjoni tat-tfal li huma mċaħħda mill-kustodja u li jeħtieġu protezzjoni fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess. L-erba' prinċipji għall-protezzjoni tat-tfal stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal għandhom jiggwidaw lill-qarrej fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet issuġġeriti fil-Parti 2. L-azzjonijiet li jittieħdu biex jappoġġjaw lit-tfal għandhom ikunu parti minn sistema integrata nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal.

## 1.1. Qafas legali

Din it-taqsima tippreżenta fil-qosor l-aktar strumenti legali importanti li jfasslu l-parir mogħti f'din il-gwida. Barra mid-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tat-tfal, f'każijiet transkonfinali japplikaw oqsma differenti tal-liġi għall-protezzjoni tat-tfal. Dawn jistgħu jinġabru fi tliet kategoriji: strumenti li jippromwovu l-kooperazzjoni transkonfinali; strumenti għall-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità; u strumenti kontra t-traffikar. Dawn huma murija fl-Illustrazzjoni 4.

Tfal imċaħħda mill-kustodja li jinsabu fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess

### Illustrazzjoni 4: Strumenti Rilevanti

**Protezzjoni tat-tfal**

- **Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE**
  Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, 2012/C 326/02
- **Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (bi Protokolli)**
  Riżoluzzjoni 44/25 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU , 1989

**Kooperazzjoni transkonfinali**

- **Ir-Regolament Brussell IIa**
  Ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri
- **Il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1996**
  Dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni dwar ir-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal
- **Il-Konvenzjoni Ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari**
  1963, Serje tat-Trattat tan-NU, Vol. 596, p. 261

**Il-ġustizzja kriminali u d-drittijiet tal-vittmi**

- **Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi**
  Id-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità
- **Id-Direttiva tal-UE dwar l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal**
  Id-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija
- **Id-Direttiva tal-UE dwar il-garanziji proċedurali għat-tfal**
  Id-Direttiva 2016/800/UE dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali
- **Il-Konvenzjoni dwar l-Abbuż Sesswali tal-Kunsill tal-Ewropa**
  dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali u l-Abbuż Sesswali, 2007

**It-traffikar tal-bnedmin**

- **Id-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar**
  Id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu
- **Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar**
  Dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin 2005
- **Il-Protokoll ta' Palermo għall-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali**
  Il-Protokoll għall-Prevenzjoni, Soppressjoni u Kkastigar tat-Traffikar ta' Persuni, Speċjalment Nisa u Tfal, ir-Riżoluzzjoni 55/25 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, 2000

*Noti: L-istrumenti tad-dritt tal-Unjoni huma mmarkati bil-blu. Ir-Regolament Brussell IIa qed jiġi rivedut b'test ġdid li possibbilment jista' jkun mistenni fl-2019.*
*Sors: FRA, 2019*

→ *Għal lista kompluta ta' strumenti vinkolanti u mhux vinkolanti rilevanti ara l-Anness 1: Referenzi legali.*

## 1. Strumenti ġenerali għall-protezzjoni tat-tfal

Iż-żewġ dokumenti kumplessivi li jinkludu regoli ġenerali dwar il-protezzjoni tat-tfal huma l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

- Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, fl-Artikolu 24 tiddikjara d-dritt tat-tfal għal tali protezzjoni u kura kif inhu meħtieġ għall-benesseri tagħhom, u d-dritt li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom b'mod liberu. Tali opinjonijiet għandhom jitqiesu skont l-età u l-maturità tagħhom (l-Artikolu 24(1)); id-dritt li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meħuda bħala kunsiderazzjoni primarja fl-azzjonijiet kollha relatati magħhom (l-Artikolu 24(2)); u d-dritt li jinżammu relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri fuq bażi regolari (l-Artikolu 24(3)). L-Artikolu 5(3) jipprojbixxi t-traffikar tal-bnedmin.
- Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li ġiet irratifikata mill-Istati Membri kollha tal-UE, tiggarantixxi firxa wiesgħa ta' drittijiet ċivili, kulturali, ekonomiċi, politiċi u soċjali speċifiċi għat-tfal. Il-konvenzjoni tistabbilixxi l-obbligu tal-Istati Membri tal-UE li jipproteġu lit-tfal mill-vjolenza, l-abbuż, in-negliġenza, it-trattament ħażin jew l-isfruttament, inkluż l-abbuż sesswali (l-Artikolu 19). L-Artikolu 20 jiggarantixxi protezzjoni u għajnuna speċjali għat-tfal li jiġu mċaħħda b'mod temporanju jew permanenti mill-ambjent tal-familja tagħhom. Il-konvenzjoni tipprevedi wkoll il-protezzjoni mill-isfruttament, inkluż l-isfruttament sesswali (l-Artikoli 34 sa 36) u l-obbligu li jiġu promossi l-irkupru fiżiku u psikoloġiku u r-riintegrazzjoni soċjali tat-tfal vittmi ta' sfruttament, abbuż jew negliġenza (l-Artikolu 39). Dawn id-drittijiet japplikaw għal kull minorenni fil-ġurisdizzjoni tal-Istati kontraenti. Il-Protokoll Fakultattiv dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal jipprovdi aktar definizzjonijiet u miżuri ta' protezzjoni.

### JEKK TIXTIEQ ISSIR TAF AKTAR

### Gwida tan-NU dwar tfal mhux akkumpanjati

Il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-korp superviżorju stabbilit mill-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, għandu gwida dwar it-trattament ta' tfal mhux akkumpanjati fil-Kumment Ġenerali Nru 6. Din tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, bħall-valutazzjoni inizjali, il-ħatra ta' tutur, ir-riunifikazzjoni tal-familja, soluzzjonijiet fit-tul u miżuri biex jiġi evitat it-traffikar mill-ġdid. Għalkemm ma jorbtux legalment, il-kummenti ġenerali tal-kumitat jipprovdu gwida dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-konvenzjoni.

*Għal aktar informazzjoni, ara General Comment No 6 on the treatment of unaccompanied and separated children outside their country of origin* (il-Kumment Ġenerali Nru 6 dwar it-trattament ta' tfal mhux akkumpanjati u separati barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom), *2005.*

## 2. Strumenti li jippromwovu l-kooperazzjoni transkonfinali

Ir-Regolament Brussell IIa (ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri) jistabbilixxi żona ġudizzjarja komuni fl-UE. Ir-regolament japplika għall-"kwistjonijiet ċivili kollha li jikkonċernaw l-attribuzzjoni, l-eżerċizzju, id-delegazzjoni, ir-restrizzjoni, jew it-tmiem tar-responsabbiltà tal-ġenituri" (l-Artikolu 1(b)). Skont il-Premessa 5, ir-Regolament ikopri d-deċiżjonijiet kollha dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, inklużi miżuri għall-protezzjoni tal-minorenni. Għalhekk, ir-regolament ikopri kwistjonijiet bħad-drittijiet tal-kustodja, it-tutela, il-protezzjoni tat-tfal fir-rigward tal-proprjetà, it-tqegħid u l-kura f'familja. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) interpretat "kwistjonijiet ċivili" bħala li jinkludu miżuri li, mil-lat tal-liġi ta' Stat Membru, jaqgħu taħt il-liġi pubblika, bħal deċiżjoni biex it-tfal jitqiegħdu f'kura barra mid-dar oriġinali tagħhom (C-435/06). Ir-regolament mhuwiex limitat għal deċiżjonijiet maħruġa mill-qrati, iżda japplika għal kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed minn awtorità li jkollha ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt ir-Regolament, bħall-awtoritajiet soċjali u dawk għall-protezzjoni tat-tfal.

Skont l-Artikolu 2(3), ir-Regolament japplika għall-Istati Membri kollha tal-UE minbarra d-Danimarka. Dan jirrikjedi li d-deċiżjonijiet kollha li jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti fl-UE jkunu rikonoxxuti u infurzati skont sett komuni ta' regoli. Għalhekk dan ir-Regolament jaqdi rwol essenzjali fil-protezzjoni tat-tfal fl-UE meta jkun hemm element li jinvolvi aktar minn Stat Membru wieħed.

Skont l-Artikolu 1(3)(g) u l-Premessa 10, ir-Regolament Brussell IIa ma japplikax għall-miżuri li jittieħdu b'riżultat ta' reati kriminali li jitwettqu mit-tfal. Il-QĠUE enfasizzat il-fatt li r-Regolament ma japplikax għal "miżuri ta' detenzjoni ta' minorenni li jissanzjonaw it-twettiq ta' reat kriminali" iżda japplika għal tqegħid transkonfinali tat-tfal f'ċentru fejn it-tfal jiġu mċaħħda mil-libertà għal għan terapewtiku jew edukattiv (ara QĠUE, C-92/12/PPU, il-punti 65-66).

L-Istati Membri kollha tal-UE huma partijiet għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, rikonoxximent, infurzar u kooperazzjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri u miżuri għall-protezzjoni tat-tfal (Konvenzjoni tal-Aja tal-1996).

Fl-UE, ir-Regolament Brussell IIa jieħu preċedenza fuq il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 jekk il-minorenni kkonċernat ikun jirrisjedi abitwalment fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE u l-każ ikun jikkonċerna kwistjoni koperta mir-Regolament. Għall-kuntrarju ta' dan, jekk ma jkunx jista' jiġi stabbilit li l-minorenni għandu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru tal-UE iżda jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE, jirriżulta li l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 hija applikabbli. Ir-Regolament dejjem jieħu preċedenza fuq ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi minn Stati Membri oħra tal-UE (l-Artikolu 61 tar-Regolament).

Id-differenza ewlenija bejn ir-Regolament Brussell IIa u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 hija li r-Regolament Brussell IIa ma jinkludix regoli dwar il-liġi applikabbli, filwaqt li l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 tagħmel dan. Għalhekk, meta jkun hemm dubji dwar liema liġi tapplika, għandha tapplika l-Konvenzjoni (l-Artikoli 15 sa 22).

Fl-2016 beda proċess ta' rieżami tar-Regolament Brussell IIa u se jitlesta sas-sajf tal-2019. It-test aġġornat se jsaħħaħ xi wħud mid-dispożizzjonijiet imsemmija f'din il-gwida prattika.

Fl-aħħar nett, il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari tirrikjedi li l-Istati Partijiet jipprovdu appoġġ permezz tal-postijiet konsulari tagħhom lit-tfal minn dak l-Istat li jkunu jinsabu fi Stat ieħor. Pereżempju, din tobbligahom jipprovdu għajnuna legali u assistenza oħra lil minorenni li jkun ġie arrestat minħabba li jkun wettaq reat (l-Artikolu 36(c)) jew li jissalvagwardjaw l-interessi tal-minorenni, b'mod partikolari rigward il-tutela (l-Artikolu 5).

## 3. Strumenti fil-qasam tal-ġustizzja kriminali u l-protezzjoni tal-vittmi

Meta jibdew il-proċedimenti kriminali, japplikaw għadd ta' mekkaniżmi ta' protezzjoni għall-vittmi kollha tal-kriminalità, inklużi t-tfal, bis-saħħa tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (id-Direttiva 2012/29/UE). Barra minn hekk, l-Artikoli 22 u 24 jinkludu garanziji speċifiċi għat-tfal matul il-proċedimenti kriminali.

Id-Direttiva dwar l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal (id-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija) tistabbilixxi għadd ta' salvagwardji u miżuri ta' protezzjoni għat-tfal vittmi ta' abbuż sesswali jew ta' sfruttament sesswali. Barra minn hekk, id-Direttiva tipprovdi definizzjonijiet ta' tipi differenti ta' reati sesswali u tistabbilixxi pieni, ċirkostanzi aggravanti u miżuri preventivi.

L-Istati Membri kollha tal-UE minbarra l-Irlanda rratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tat-tfal kontra l-isfruttament u l-abbuż sesswali (il-Konvenzjoni ta' Lanzarote).

## 🕮 L-isfruttament sesswali online tat-tfal bħala l-aktar aspett inkwetanti taċ-ċiberkriminalità

"Online child sexual exploitation (CSE) continues to be the most disturbing aspect of cybercrime. Whereas child sexual abuse existed before the advent of the internet, the online dimension of this crime has enabled offenders to interact with each other online and obtain Child Sexual Exploitation Material (CSEM) in volumes that were unimaginable ten years ago. The growing number of increasingly younger children with access to internet-enabled devices and social media enables offenders to reach out to children in ways that are simply impossible in an offline environment. This trend has considerable implications for the modi operandi in the online sexual exploitation of children." (L-isfruttament sesswali online tat-tfal (CSE) għadu l-aktar aspett inkwetanti taċ-ċiberkriminalità. Filwaqt li l-abbuż sesswali tat-tfal kien jeżisti qabel ma beda l-internet, id-dimensjoni online ta' din il-kriminalità ppermettiet lit-trasgressuri jinteraġixxu ma' xulxin online u jakkwistaw Materjal ta' Abbuż Sesswali tat-Tfal (CSEM) f'volumi li għaxar snin ilu wieħed lanqas kien joħlom bihom. L-għadd dejjem akbar ta' tfal f'etajiet dejjem iżgħar b'aċċess għal tagħmir li jista' jaqbad mal-internet u l-midja soċjali tippermetti lit-trasgressuri jilħqu lit-tfal b'modi li huma sempliċiment impossibbli f'ambjent offline. Din it-tendenza għandha implikazzjonijiet konsiderevoli għall-modi operandi fl-isfruttament sesswali online tat-tfal.)

*Europol, Internet Organised Crime Threat Assessment (IOCTA)* (Valutazzjoni dwar it-Theddida mill-Kriminalità Organizzata ffaċilitata mill-Internet), *2018, Kapitolu 5.*

Barra minn hekk, id-Direttiva dwar il-garanziji proċedurali għat-tfal tipprovdi għadd ta' salvagwardji proċedurali għat-tfal li huma ssuspettati jew persuni akkużati fi proċedimenti kriminali. Din għandha l-għan li tiżgura li dawn ikunu jistgħu jifhmu u jsegwu dawn il-proċedimenti u li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal proċess ġust, u li tipprevjeni lit-tfal milli jerġgħu jwettqu reat u trawwem l-integrazzjoni soċjali tagħhom. L-Istati Membri tal-UE għandhom jinkorporaw id-Direttiva fil-liġi nazzjonali sa Ġunju 2019.

### 4. Strumenti li jipproteġu lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin

Id-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar (id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu) hija l-istrument ewlieni tad-dritt tal-Unjoni li jipproteġi lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

Il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għandhom drittijiet. Dawn għandhom drittijiet qabel, matul u wara proċedimenti kriminali u d-dritt tagħhom għall-assistenza u l-appoġġ mhuwiex subordinat għall-parteċipazzjoni tagħhom fihom. Il-vittmi huma intitolati għal informazzjoni, akkomodazzjoni, assistenza materjali, appoġġ mediku u psikoloġiku, għajnuna legali u protezzjoni matul il-proċedimenti kriminali. Xi vittmi jista' jkollhom ħtiġijiet ta' protezzjoni speċjali, fid-dawl ta' ċirkostanzi speċifiċi, inklużi tqala, saħħa, diżabbiltà, disturb mentali jew psikoloġiku jew forma serja ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali li vittma setgħet ġarrbet. L-Artikolu 11(7) tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar u l-Artikolu 22 tad-Direttiva dwar il-Vittmi jirrikjedu li l-Istati Membri jqisu dawn abbażi ta' valutazzjoni individwali.

Il-qafas legali u politiku tal-UE biex jiġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin huwa speċifiku għas-sess u sensittiv għat-tfal, filwaqt li jirrikonoxxi li huwa essenzjali li jiġi żgurat li jitqiesu l-età, is-sess u l-ħtiġijiet partikolari tat-tfal vittmi, inkluż fir-rigward tal-kura, is-saħħa u l-edukazzjoni għat-tfal vittmi tat-traffikar.

L-Artikoli 13-16 tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar jistabbilixxu miżuri addizzjonali ta' protezzjoni għat-tfal vittmi tat-traffikar, inklużi l-preżunzjoni tat-tfulija, it-tutela għat-tfal mhux akkumpanjati, approċċ imfassal apposta għas-servizzi ta' appoġġ u protezzjoni akbar fil-proċedimenti kriminali. Fl-applikazzjoni tad-Direttiva, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja, skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Regoli speċifiċi dwar il-permessi ta' residenza għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin li jikkooperaw mal-awtoritajiet huma stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE.

## 🕮 It-traffikar tat-tfal: il-lakuni li fadal fit-traspożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni

"Din il-ħarsa ġenerali turi li saru sforzi sostanzjali mill-Istati Membri biex jittrasponu [d-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar]. Madankollu, xorta baqa' lok sinifikanti għal titjib b'mod partikolari fir-rigward ta': miżuri speċifiċi għall-protezzjoni tat-tfal, preżunzjoni tat-tfulija u evalwazzjoni tal-età tal-minorenni, protezzjoni waqt il-proċedimenti kriminali u qabel jibdew, aċċess għal assistenza bla kundizzjonijiet, kumpens, assenza ta' kastigi, assistenza u appoġġ għall-membru tal-familja tal-vittma minorenni kif ukoll prevenzjoni."

Il-Kummissjoni Ewropea (2016), *Rapport li jivvaluta kemm l-Istati Membri ħadu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw mad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu f'konformità mal-Artikolu 23(1), p 17.*

Strumenti oħra fil-livelli internazzjonali u reġjonali huma rilevanti wkoll: il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u l-Protokoll ta' Palermo tagħha għall-"Prevenzjoni, Soppressjoni u Punizzjoni tat-Traffikar ta' Persuni, speċjalment ta' Nisa u Tfal", u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin. L-Istati Membri kollha tal-UE rratifikaw iż-żewġ strumenti.

### Gwida faċli biex tinqara dwar id-drittijiet tal-vittmi tat-traffikar

Il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat "Id-drittijiet tal-UE għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin" fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, li jipprovdi ħarsa ġenerali prattika u komprensiva lejn id-drittijiet tal-vittmi tat-traffikar, abbażi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Kummissjoni Ewropea (2013), "Id-drittijiet tal-UE għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin".*

## 1.2. Il-prinċipji tad-drittijiet tat-tfal

Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tistabbilixxi erba' prinċipji ewlenin biex l-Istati Partijiet jiġu ggwidati fl-implimentazzjoni u fl-interpretazzjoni tad-drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni. Dawn jinkludu:

- id-dmir li jiġu ssalvagwardjati l-aħjar interessi tat-tfal bħala kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet kollha li jikkonċernaw lit-tfal;
- l-obbligu li tingħata importanza xierqa lill-fehmiet tat-tfal abbażi tal-età, il-maturità u l-kapaċitajiet tal-iżvilupp tagħhom;
- id-drittijiet tat-tfal għall-ħajja, is-sopravivenza u l-iżvilupp; u
- in-nondiskriminazzjoni.

It-Tabella 1 turi kif dawn il-prinċipji huma riflessi fl-istrumenti rilevanti internazzjonali u tal-UE.

## Tabella 1: Il-prinċipji tad-drittijiet tat-tfal fl-istrumenti internazzjonali u tal-UE

| Strument | Prinċipju | | | |
|---|---|---|---|---|
| | L-aħjar interessi | Id-dritt għas-smigħ | Id-dritt għall-ħajja u l-iżvilupp | In-nondiskriminazzjoni |
| Strumenti internazzjonali | | | | |
| Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal | Artikolu 3 | Artikolu 12 | Artikolu 6 | Artikolu 2 |
| Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar | Artikoli 10, 14, 16, 28 | — | — | Artikolu 3 |
| Il-Kunsill tal-Ewropa – Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote | Preambolu, Artikoli 14(3), 30(1), 31(1) | Artikoli 9(1), 31(1)(c), Artikolu 35(1), Artikolu 36(2) | — | Artikolu 2 |
| Il-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-protezzjoni tat-tfal | Preambolu, Artikoli 8, 9 | Artikolu 23(2)(b) | — | — |
| Strumenti tal-UE | | | | |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE | Artikolu 24(2) | Artikolu 24(1) | Artikolu 2 | Artikolu 21 |
| Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar | Premessa 8, Artikolu 13 | Artikolu 14 | — | — |
| Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi | Premessa 14, Artikolu 1(2) | Premessi 41, 42, Artikolu 10 | Premessa 66 | Premessi 9, 66 |
| Id-Direttiva dwar l-isfruttament sesswali tat-tfal | Premessi 2, 6, 30; Artikolu 18 | - | — | — |
| Ir-Regolament Brussell IIa | Premessa 12, Artikoli 12, 15, 23 | Premessa 19, Artikoli 11(2), 23(b)(d), 41(2)(c), 42(2)(a) | — | Artikolu 59 |

*Nota: — = mhux applikabbli.*
*Sors: FRA, 2019*

Dawn l-erba' prinċipji għandhom jiggwidaw lill-qarrej fl-implimentazzjoni tal-10 azzjonijiet elenkati fil-Parti 2. L-azzjonijiet 3 u 4 tal-Parti 2 jispjegaw kif għandhom jiġu applikati l-prinċipju tal-aħjar interessi u d-dmir li tingħata importanza xierqa lill-fehmiet tat-tfal. Id-dritt għall-ħajja u l-iżvilupp jirrikjedi li l-Istati Partijiet jiżguraw — sal-punt massimu possibbli — is-sopravivenza u l-iżvilupp tat-tfal. Hawnhekk, "żvilupp" jinftiehem li jinkludi l-iżvilupp fiżiku, mentali, spiritwali, morali, psikoloġiku u soċjali tal-minorenni. Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni jobbliga lill-Istati biex jirrispettaw id-drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u jiżguraw dawn id-drittijiet lil kull minorenni fil-ġurisdizzjoni tagħhom, mingħajr l-ebda diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip. Għandhom jiġu pprovduti servizzi ta' protezzjoni irrispettivament minn kwalunkwe status tal-minorenni jew tal-ġenituri/tuturi legali, inkluż l-oriġini nazzjonali, etnika jew soċjali tagħhom.

## 1.3. Sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal

L-Artikolu 19(1) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal jobbliga lill-Istati Partijiet biex jipproteġu lit-tfal minn kull forma ta' vjolenza, abbuż jew sfruttament, inkluż abbuż sesswali, permezz ta' miżuri leġiżlattivi, amministrattivi, soċjali u edukattivi.

Il-Konvenzjoni, fl-Artikolu 19(2) tistabbilixxi wkoll li tali miżuri protettivi għandhom jinkludu programmi soċjali biex jipprovdu appoġġ lit-tfal, kif ukoll għal forom oħra ta' prevenzjoni, u għall-identifikazzjoni, ir-rappurtar, ir-riferiment, l-investigazzjoni, it-trattament u l-involviment ġudizzjarju. Sistema olistika għall-protezzjoni tal-minorenni tirrikjedi li jiġu pprovduti miżuri komprensivi u integrati fost dawk kollha identifikati fl-Artikolu 19(2), skont il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal, General Comment No 13 (Kumment Ġenerali Nru 13).

Sistema integrata għall-protezzjoni tal-minorenni tpoġġi lill-minorenni fiċ-ċentru. Din tiżgura li l-individwi, l-organizzazzjonijiet u s-sistemi essenzjali kollha — l-edukazzjoni, is-saħħa, l-assistenza soċjali, il-ġustizzja, is-soċjetà ċivili, il-komunità, il-familja — jaħdmu id f'id sabiex jipproteġu lill-minorenni.

Il-Kummissjoni Ewropea ddefinixxiet 10 prinċipji għal sistemi integrati għall-protezzjoni tal-minorenni bħala gwida għar-riforma tas-sistemi għall-protezzjoni tal-minorenni fl-Istati Membri tal-UE. L-10 prinċipji huma dawn li ġejjin:

1. Kull minorenni għandu jiġi rikonoxxut, irrispettat u protett bħala detentur ta' drittijiet, bi drittijiet mhux negozjabbli għall-protezzjoni.
2. M'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tal-minorenni.

3. Is-sistemi għall-protezzjoni tal-minorenni għandhom jinkludu miżuri ta' prevenzjoni.
4. Il-familji għandhom jiġu megħjuna fir-rwol tagħhom bħala indokratur primarju.
5. Is-soċjetajiet għandhom ikunu konxji u għandhom jappoġġjaw id-dritt tal-minorenni għal-libertà mill-forom kollha ta' vjolenza.
6. Is-sistemi għall-protezzjoni tal-minorenni għandhom jiżguraw kura adegwata, skont l-istandards internazzjonali: Il-Linji Gwida tan-NU għall-kura alternattiva tat-tfal.
7. Is-sistemi għall-protezzjoni tal-minorenni għandu jkollhom mekkaniżmi transnazzjonali u transkonfinali.
8. Il-minorenni għandu jingħata appoġġ u protezzjoni.
9. Għandu jingħata taħriġ dwar l-identifikazzjoni tar-riskji.
10. Għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' rapportar sikuri, ippubbliċizzati tajjeb, kunfidenzjali u aċċessibbli.

Il-prinċipju 3 jikkonċerna l-prevenzjoni. Huwa estremament importanti li jiġu identifikati u indirizzati l-kawżi sottostanti li jpoġġu lit-tfal u liż-żgħażagħ f'riskju. Il-fatturi ta' vulnerabbiltà jistgħu jkunu individwali, ekonomiċi, soċjali jew kulturali. Għalhekk, il-vulnerabbiltà tista' tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi personali tal-minorenni, il-kuntest tal-familja, is-sitwazzjoni ekonomika u d-domanda għal ċertu tip ta' sfruttament. L-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-minorenni għandhom jindirizzaw dawn il-fatturi kollha ta' riskju f'miżura ta' prevenzjoni; kif għandhom jagħmlu awtoritajiet nazzjonali u lokali oħra responsabbli għall-edukazzjoni, is-saħħa, l-integrazzjoni, l-impjiegi, eċċ.

It-tfal huma grupp partikolarment vulnerabbli għat-traffikar tal-bnedmin, għalkemm mhux tali vulnerabbiltà biss tpoġġi lit-tfal f'riskju. It-traffikar tal-bnedmin huwa forma ta' kriminalità organizzata li tħalli qligħ kbir, xprunata mid-domanda li trawwem l-isfruttament. It-traffikanti jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet, inklużi lakuni leġiżlattivi u tal-vulnerabbiltajiet kollha — kemm strutturali kif ukoll kuntestwali — li jimmiraw lejn in-nisa u t-tfal, il-komunità Rom u l-persuni b'diżabbiltajiet, fost oħrajn.

## JEKK TIXTIEQ ISSIR TAF AKTAR

Il-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (GRETA) irrapporta li l-persuni Rom huma vulnerabbli ħafna għat-traffikar minħabba forom strutturali ta' diskriminazzjoni etnika u bbażata fuq is-sess, faqar u esklużjoni soċjali, li jirriżultaw f'kisba edukattiva baxxa, livelli għolja ta' qgħad, vjolenza domestika u kundizzjonijiet tal-għajxien diffiċli li jaffettwaw b'mod predominanti lin-nisa u lit-tfal. Tfal mhux irreġistrati huma f'riskju akbar li jiġu ttraffikati.

*Għal aktar informazzjoni ara GRETA (2018), "Trafficking in children"* (Traffikar tat-tfal)

*Kapitolu tematiku mis-sitt rapport ġenerali, fuq is-sit web tal-Kunsill tal-Ewropa.*

It-tisħiħ ta' familja li tkun qed tissielet biex tieħu ħsieb lit-tfal tagħha huwa mod ta' prevenzjoni. Dan huwa importanti b'mod speċjali meta l-familja nnifisha tista' tkun involuta fit-traffikar jew fl-isfruttament tat-tfal tagħha, meta l-familja titlob lill-minorenni biex jitlaq u jgħin bil-flus, jew meta t-tfal iħallu d-dar tal-familja biex jaħarbu mill-vjolenza. It-tfal b'kull wieħed minn dawn il-kuntesti jistgħu jkunu fil-mira tat-traffikanti u jkunu vulnerabbli għall-wegħdiet tagħhom. Sett komprensiv ta' miżuri biex jiġu evitati l-abbuż jew l-isfruttament jista' jinvolvi, pereżempju, interventi ta' xogħol soċjali ġenerali, klassijiet ta' parentela, appoġġ fid-dar, benefiċċji soċjali, skemi ta' impjieg għall-adulti u ż-żgħażagħ kif ukoll edukazzjoni għall-familji rigward l-estent tar-riskji tat-traffikar li jiffaċċjaw it-tfal meta jkunu separati mill-familji tagħhom jew meta jfittxu opportunitajiet ta' xogħol/edukazzjoni barra mill-pajjiż.

Meta l-miżuri mmirati lejn kwistjonijiet speċifiċi jew gruppi speċifiċi ta' tfal ma jkunux jagħmlu parti mill-qafas ta' protezzjoni ġenerali, is-sistema għall-protezzjoni tal-minorenni ssir ifframmentata. It-tfal ħafna drabi jkollhom diversi problemi relatati mal-protezzjoni tal-minorenni, u l-frammentazzjoni tfisser li mhux se jirċievu assistenza komprensiva jew soluzzjoni komprensiva.

**JEKK TIXTIEQ ISSIR TAF AKTAR**

## L-immappjar tas-sistemi għall-protezzjoni tal-minorenni

L-FRA wettqet riċerka biex tfassal is-sistemi nazzjonali għall-protezzjoni tal-minorenni fit-28 Stat Membru tal-UE. L-informazzjoni tkopri ħames oqsma: qafas leġiżlattiv; awtoritajiet nazzjonali responsabbli: riżorsi umani u finanzjarji; proċeduri ta' identifikazzjoni u ta' rapportar u proċeduri biex it-tfal jitqiegħdu f'kura alternattiva; u sistemi ta' monitoraġġ. L-immappjar juri li l-frammentazzjoni ta' oqfsa leġiżlattivi nazzjonali tipprevjeni lil ċerti gruppi ta' tfal, li jiffaċċjaw sfidi partikolari milli jaċċessaw xi drittijiet u jirċievu servizzi xierqa u ta' kwalità tajba: tfal b'diżabbiltà; tfal li jappartjenu għal minoranzi etniċi; tfal f'sistemi tal-ġustizzja għall-minorenni; migranti f'sitwazzjoni irregolari; u tfal mhux akkumpanjati u separati. L-immappjar wera wkoll li 13-il Stat Membru tal-UE biss għandhom politika jew strateġija nazzjonali speċifika dwar il-protezzjoni tal-minorenni.

*Għal aktar informazzjoni ara FRA, "Mapping child protection systems in the EU"* (L-immappjar tas-sistemi għall-protezzjoni tal-minorenni fl-UE) *u "National policy framework (action plan or strategy)"* (Qafas ta' politika nazzjonali (pjan jew strateġija ta' azzjoni)) *fuq is-sit web tal-FRA.*

Diversi Stati Membri tal-UE stabbilixxew proċeduri u protokolli operattivi standard biex jindirizzaw il-każijiet ta' tfal vittmi ssuspettati tat-traffikar. Dawn il-proċeduri jew protokolli jgħinu biex jiżguraw kooperazzjoni bla xkiel u distribuzzjoni ċara tar-rwoli

u r-responsabbiltajiet f'kull Stat Membru. Fl-istess ħin, il-proċeduri speċifiċi li ġew żviluppati għat-tfal vittmi tat-traffikar jeħtieġ li jkunu parti mis-sistema nazzjonali ġenerali għall-protezzjoni tal-minorenni u ma jsirux b'mod parallel magħha.

L-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin għandu jkun parti mis-servizzi ġenerali tal-protezzjoni tal-minorenni. Sistema integrata għall-protezzjoni tal-minorenni xorta teħtieġ kompetenza u risponsi bbażati fuq il-kwistjonijiet, iżda dawn għandhom jitqiegħdu fil-kuntest tas-sistema ġenerali. Tali approċċ integrat jista' jwieġeb għal varjetà ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jiffaċċjaw it-tfal individwali. Dan jindirizza l-ħtiġijiet tat-tfal, inklużi l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, fil-pajjiż tan-nazzjonalità tagħhom kif ukoll bejn il-fruntieri.

## 🕮 Azzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea bħala segwitu għall-istrateġija tal-UE fir-rigward tal-eradikazzjoni tat-traffikar

"The Commission will support the Member States in making comprehensive and accessible protection and help the integration of victims of trafficking, taking account of the specific needs of each gender. It will also monitor and advise on implementing child-sensitive services at national level — including care, health and education for victims of trafficking — taking into consideration the gender, age and particular needs of individual children. Finally, it will promote the implementation of the "10 EU Principles for Integrated Child Protection Systems" (Il-Kummissjoni se tappoġġja lill-Istati Membri biex jagħtu protezzjoni komprensiva u aċċessibbli u jgħinu fl-integrazzjoni tal-vittmi tat-traffikar, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull sess. Se tissorvelja u tagħti pariri wkoll dwar l-implimentazzjoni ta' servizzi sensittivi għat-tfal fil-livell nazzjonali — inklużi l-kura, is-saħħa u l-edukazzjoni għall-vittmi tat-traffikar — filwaqt li tqis is-sess, l-età u l-ħtiġijiet partikolari tat-tfal individwali. Fl-aħħar nett, se tippromwovi l-implimentazzjoni tal-"10 Prinċipji tal-UE għal Sistemi Integrati ta' Protezzjoni tat-Tfal").

*Il-Kummissjoni Ewropea (2017), Komunikazzjoni dwar ir-rappurtar dwar is-segwitu tal-istrateġija tal-UE dwar l-eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u identifikazzjoni ta' azzjonijiet konkreti* oħra, *p. 5.*

# Parti 2: L-10 azzjonijiet meħtieġa għall-protezzjoni



Il-Parti 2 ta' din il-gwida tiddeskrivi 10 azzjonijiet għall-protezzjoni tat-tfal li huma mċaħħda mill-kustodja u dawk li jeħtieġu protezzjoni fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess.

L-Illustrazzjoni 5 turi liema azzjonijiet jeħtieġ li jiġu kkunsidrati mill-mument tal-identifikazzjoni ta' minorenni sakemm tinstab u tiġi implimentata soluzzjoni dejjiema. M'hemm l-ebda ordni kronoloġika stretta għall-10 azzjonijiet. Xi wħud minnhom huma rilevanti f'kull parti, bħal "isma' lill-minorenni". Skont il-każ speċifiku, il-mekkaniżmu nazzjonali ta' riferiment u l-korpi differenti involuti fil-livell nazzjonali jew lokali, xi wħud mill-azzjonijiet jistgħu jseħħu b'mod parallel jew f'ordni differenti.

**Illustrazzjoni 5: 10 azzjonijiet biex jiġu appoġġjati t-tfal imċaħħda mill-kustodja u li jeħtieġu protezzjoni, inklużi l-vittmi tat-traffikar li jinsabu fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess**




*Sors: FRA, 2019*

Sabiex japplika l-10 azzjonijiet, il-qarrej għandu jqis l-erba' rekwiżiti trasversali li ġejjin.

**Prevenzjoni:** il-persuni kollha li jiġu f'kuntatt mat-tfal għandhom jipprevjenu kull forma ta' vjolenza. Il-miżuri ta' prevenzjoni jagħmlu parti mill-miżuri ta' protezzjoni li l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal jirrikjedi li l-Istati Partijiet jieħdu. Il-prevenzjoni tista' tinkludi azzjonijiet biex jitnaqqsu r-riskji assoċjati mal-vulnerabbiltajiet tal-vittmi u l-fatturi li jrawmuhom. Il-prevenzjoni tat-traffikar għandha ħafna aspetti u għandha timmira lejn bosta organizzazzjonijiet u individwi fil-katina tat-traffikar. In-nies għandhom joqogħdu partikolarment attenti għal ċerti gruppi ta' subien u bniet vulnerabbli, u jibqgħu viġilanti hekk kif jiżviluppaw iċ-ċirkostanzi tagħhom sabiex ikunu jistgħu jintervjenu fi stadju bikri. Il-forom

strutturali tad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u l-etniċità jħallu impatt b'mod partikolari fuq il-bniet u t-tfal mill-komunità Rom. Xi wħud minn dawn it-tfal ikunu sofrew abbuż, ikunu jgħixu fit-triq jew ikunu jgħixu f'kura residenzjali u f'istituzzjonijiet. Il-miżuri ta' prevenzjoni ma jikkonċernawx biss intervent fi stadju bikri biżżejjed f'każijiet individwali, iżda jikkonċernaw ukoll l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' appoġġ għall-familja, interventi ta' xogħol soċjali, skemi ta' impjieg, alternattivi għall-kura istituzzjonali u miżuri ta' politika usa'.

**Salvagwardji għall-protezzjoni tal-minorenni u l-iskrutinju:** L-organizzazzjonijiet li jaħdmu direttament mat-tfal jeħtieġ li jkollhom sistema biex jipprevjenu kwalunkwe ksur tad-drittijiet tat-tfal mill-persunal tagħhom stess. Dawn għandhom jinkludu miżuri bħal politika dwar kif wieħed għandu jirrispondi għal allegazzjonijiet ta' abbuż ta' minorenni, mekkaniżmu tal-ilmenti adattat għat-tfal u li jiġu kkontrollati r-rekords kriminali għal kundanni preċedenti dwar abbuż ta' minorenni qabel ma l-persunal jiġi assenjat biex jaħdem mat-tfal. Id-Direttiva dwar l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal, fl-Artikolu 10 tistabbilixxi l-obbligu tal-Istati Membri tal-UE li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna li tinstab ħatja ta' reati sesswali tkun tista' titwaqqaf milli twettaq attivitajiet professjonali mat-tfal. Din tipprevedi wkoll li l-Istati Membri għandhom jinformaw lil xulxin dwar kundanni kriminali jew skwalifiki biex wieħed jaħdem mat-tfal, f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI. Tali kontrolli m'għandhomx iseħħu biss matul ir-reklutaġġ; għandhom isiru rieżamijiet regolari. Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) tipprovdi l-possibbiltà li jiġu vverifikati r-rekords kriminali ta' kwalunkwe ċittadin tal-UE.

**JEKK TIXTIEQ ISSIR TAF AKTAR**

## Standards għall-politiki dwar il-protezzjoni tal-minorenni fl-organizzazzjonijiet

L-FRA ġabret informazzjoni dwar is-sistemi ta' protezzjoni tal-minorenni fl-EU-28, inkluż kif il-professjonisti jiġu ċċertifikati u akkreditati u jekk il-persunal huwiex soġġett għal skrutinju.

Mhux l-Istati Membri kollha tal-UE għandhom proċeduri ta' akkreditazzjoni u liċenzjar għal professjonisti fil-qasam tal-protezzjoni tal-minorenni. Meta dawn ikunu fis-seħħ, mhux dejjem ikunu jinkludu proċeduri ta' skrutinju. Ħafna drabi, l-iskrutinju jsir waqt il-ħatra. Il-proċeduri ta' akkreditazzjoni u ta' liċenzjar mhux dejjem jinvolvu taħriġ obbligatorju (inizjali jew kontinwu) għal professjonisti li jaħdmu mat-tfal, inkluż persunal amministrattiv u persunal involut fil-kura ta' kuljum tat-tfal fl-istituzzjonijiet.

*Għal aktar informazzjoni, ara FRA (2015), "Certification and accreditation procedures for professionals"* (Proċeduri ta' ċertifikazzjoni u akkreditazzjoni għall-professjonisti).

**Kwalifiki tal-persunal:** il-persunal li jaħdem mat-tfal għandu jkun ikkwalifikat u jaderixxi ma' standards professjonali għolja. Il-persunal għandu jirċievi taħriġ suffiċjenti u regolari biex jiġi żgurat it-twassil ta' servizzi ta' kwalità għolja. It-taħriġ għandu jkopri kwistjonijiet bħal: it-traffikar tal-bnedmin, inklużi l-karatteristiċi speċifiċi għas-sessi tiegħu; id-drittijiet tat-tfal, b'enfasi fuq il-parteċipazzjoni tat-tfal; il-qafas legali u amministrattiv rilevanti; il-komunikazzjoni mat-tfal; kunsiderazzjonijiet b'rabta mas-sessi u dawk kulturali; tħassib relatat mas-sigurtà; il-mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment għat-traffikar tat-tfal; ir-rwol tal-Awtoritajiet Ċentrali stabbiliti skont ir-Regolament Brussell IIa;u kif għandhom jiġu vvalutati l-aħjar interessi tal-minorenni biex tiġi ddeterminata soluzzjoni fit-tul. Jeħtieġ li xi persuni, bħall-persunal tal-Awtoritajiet Ċentrali, jaħdmu flimkien ma' kontropartijiet fi Stat Membru ieħor; it-taħriġ fil-lingwi huwa utli wkoll għalihom. Avvenimenti konġunti ta' taħriġ ma' gruppi professjonali differenti huma partikolarment effettivi u għalhekk għandhom jiġu ffaċilitati.

**Tempestività:** Jeħtieġ li t-tfal jiġu appoġġjati malajr. Jeħtieġ li jittieħdu miżuri ta' emerġenza mingħajr dewmien. Madankollu, l-iżgurar tal-aħjar interessi tal-minorenni fid-determinazzjoni ta' soluzzjoni fit-tul se jirrikjedi valutazzjoni individwali xierqa taċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull minorenni vittma partikolari, li m'għandhiex issir b'mod mgħaġġel. Jeħtieġ li jinstab bilanċ ġust bejn it-tempestività u protezzjoni xierqa. Jeħtieġ li jitqiesu l-esperjenzi ta' kull minorenni partikolari, u jeħtieġ li l-assistenza tiġi adattata għal kull każ individwali, billi jitqiesu l-età u s-sess tal-minorenni u l-konsegwenzi tal-forma speċifika ta' sfruttament li l-minorenni jkun ġie soġġett għalih. Tfal vittmi tat-traffikar jew tfal trawmatizzati li m'għandhomx netwerk xieraq tal-familja, jistgħu jeħtieġu aktar żmien biex jirkupraw mill-esperjenza trawmatika u jkunu jistgħu jaħsbu dwar il-futur tagħhom.

# Azzjoni 1: Sib, identifika u rreferi lill-minorenni

## Sejbien tat-tfal

Il-punt tat-tluq huwa li jkun hemm mekkaniżmi effettivi li jsibu tfal li jkunu mċaħħda mill-kustodja u li jkunu jeħtieġu protezzjoni, inklużi t-tfal vittmi tat-traffikar. Is-sejbien effiċjenti u fi stadju bikri tat-tfal li jkunu jeħtieġu protezzjoni huwa l-ewwel pass biex jiġi żgurat li dawn jiġu ttrattati bħala detenturi tad-drittijiet u biex jirċievu għajnuna u protezzjoni xierqa.

Skont l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Istati Partijiet għandhom jieħdu miżuri biex jipproteġu lit-tfal minn kwalunkwe forma ta' vjolenza jew sfruttament, inklużi miżuri għall-identifikazzjoni ta' każijiet ta' trattament ħażin tat-tfal. Dan jirrikjedi mekkaniżmi effettivi biex jinstabu tfal li kienu soġġetti għal xi forma ta' negliġenza, sfruttament jew abbuż. Jekk ma jinstabux fi stadju bikri, it-tfal vittmi mhux se jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod sinifikanti.

L-identifikazzjoni ta' jekk minorenni jkunx jeħtieġ protezzjoni tista' toffri sfida. Kull minorenni jista' jirreaġixxi b'mod differenti għall-abbuż jew għall-isfruttament: xi wħud jistgħu juru sinjali fiżiċi ta' abbuż; oħrajn jistgħu jbatu minn diffikultajiet fl-imġiba, jesperjenzaw dipressjoni, iħossuhom ħatja jew ma juru l-ebda sinjal emozzjonali. It-tfal ta' spiss ma jirrealizzawx li jkunu qed jiġu abbużati, peress li jkunu żviluppaw sentimenti ta' affezzjoni u ma jqisux lilhom infushom bħala vittmi. Jista' jagħti l-każ li l-persuni li jkunu sfruttawhom jew adulti oħra jkunu qalulhom kif għandhom iġibu ruħhom biex jevitaw l-attenzjoni tal-adulti jew tal-uffiċjali statali. It-tfal li jeħtieġu protezzjoni, pereżempju bħal dawk li jaħarbu minn darhom, jaf ma jkunux iridu jiġu f'kuntatt ma' xi awtorità għax jibżgħu li jintbagħtu lura d-dar.

It-tfal huma wieħed mill-aktar gruppi vulnerabbli fil-mira tat-traffikar tal-bnedmin. In-netwerks tat-traffikar huma mmirati speċifikament lejn familji li huma mċaħħda ekonomikament. Ta' spiss, it-tfal ittraffikati ma jqisux lilhom infushom bħala sfruttati, iżda pjuttost jipperċepixxu s-sitwazzjoni tagħhom bħala lealtà lejn il-familja tagħhom.

Għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, l-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa mmirati lejn l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. L-Artikolu 18 tad-Direttiva jobbliga lill-Istati Membri jippromwovu taħriġ regolari għall-uffiċjali li x'aktarx jiġu f'kuntatt mal-vittmi jew mal-vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi l-uffiċjali tal-pulizija l-aktar esposti.

**JEKK TIXTIEQ ISSIR TAF AKTAR**

## Riċerka dwar l-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin

Skont l-istudju tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-gruppi b'riskju għoli għat-traffikar tal-bnedmin, ostakolu kbir għall-identifikazzjoni ta' każijiet tat-traffikar tat-tfal huwa li t-tfal m'għandhomx kontroll fuq is-sitwazzjoni tagħhom u jistgħu ma jkunux konxji dwar il-firxa ta' dan in-nuqqas ta' kontroll. F'xi każijiet, speċjalment għall-isfruttament sesswali, in-netwerks tal-kriminalità organizzata jiżguraw li t-tfal jiġu mċaqalqa ta' spiss fil-pajjiżi u bejniethom. L-għanijiet huma li dawn jinżammu milli jistabbilixxu relazzjonijiet li jistgħu jwassluhom biex jikxfu s-sitwazzjoni tagħhom; biex jiġi mmassimizzat il-profitt; u biex jiġi evitat is-sejbien.

*Ara l-Kummissjoni Ewropea (2015), Study on high-risk groups for trafficking in human beings* (Studju dwar gruppi b'riskju għoli għat-traffikar tal-bnedmin).

Rapporti mill-Istati Membri tal-UE indikaw li t-traffikanti marru lejn forom inqas viżibbli ta' koerċizzjoni, u b'hekk ippermettew ċertu grad ta' possibbiltà ta' moviment, permezz ta' forom inqas evidenti ta' intimidazzjoni u theddid. Hemm bidla lejn il-vjolenza psikoloġika u l-abbuż tad-dipendenzi tal-vittmi. L-Istati Membri jqisu li sar progress fl-identifikazzjoni tal-vittmi, mhux l-inqas minħabba ż-żieda fil-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u s-setturi differenti involuti fil-pajjiżi iżda anke fil-livell transkonfinali.

*Ara l-Kummissjoni Ewropea (2018), Staff working document of the Second report on the progress made in the fight against trafficking in human beings* (Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tat-Tieni rapport dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin).

Skont il-Europol, hemm rapporti ta' gruppi ta' familji li jisfruttaw lit-tfal biex iwettqu reati u joħorġu jittallbu b'mod sfurzat. Il-Europol irċeviet informazzjoni dwar investigazzjonijiet internazzjonali li jikkonċernaw gruppi ta' familji b'nazzjonalità tal-UE li jisfruttaw lil uliedhom stess, lil tfal ta' qraba jew lil tfal li jingħataw lil persuni oħra mill-familji oriġinali tagħhom. It-tfal ġew ittraffikati biex iwettqu diversi tipi ta' reati relatati mal-proprjetà u/jew kienu mġiegħla joħorġu jittallbu u xi drabi biex jistaqsu għal donazzjonijiet għal karitajiet foloz.

*Ara Europol (2018), Child trafficking for exploitation in forced criminal activities and forced begging* (Traffikar tat-tfal għall-isfruttament f'attivitajiet kriminali sfurzati u elemosina sfurzata).

Kwalunkwe persuna għandha r-responsabbiltà li tirrapporta kwalunkwe suspett ta' abbuż tat-tfal lill-awtoritajiet kompetenti. Firxa wiesgħa ta' persuni x'aktarx jiġu f'kuntatt ma' tfal imċaħħda mill-kustodja u li jeħtieġu protezzjoni. Dawn għandhom jibqgħu viġilanti u proattivi biex jidentifikaw tfal li jeħtieġu protezzjoni. Dawn jistgħu jkunu, pereżempju, pulizija, imħallfin, avukati, ħaddiema soċjali, persunal tal-NGOs, tobba, għalliema jew persunal li jaħdem fil-punti ta' qsim tal-fruntieri.

It-tfal li jeħtieġu protezzjoni jistgħu jkunu jinstabu f' ħafna postijiet: fit-triq, fi sptar jew f'postijiet ta' qsim bejn il-fruntieri. Il-professjonisti għandhom ikunu konxji tar-riskji ewlenin.

Il-professjonisti li jiġu f'kuntatt mat-tfal għandhom jevitaw li jagħmlu suppożizzjonijiet u għandhom joqogħdu attenti għal preġudizzji possibbli abbażi ta' sfond kulturali, reliġjuż, nazzjonali jew etniku pperċepit, sess jew karatteristiċi oħra tat-tfal jew tal-adulti li jakkumpanjawhom.

### Il-gwida tal-FRA dwar it-tfassil illegali ta' profili

Fl-2010 l-FRA fasslet – u aġġornat fl-2018 – gwida prattika għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-gwardji tal-fruntiera li jipprovdu evidenza, abbażi ta' studji ta' każijiet, ta' sitwazzjonijiet fejn it-tfassil ta' profili jista' jkun utli u fejn dan jista' jkun illegali u/jew kontroproduttiv.

Għal aktar informazzjoni, ara FRA (2018) *Preventing unlawful profiling today and in the future: a guide* (Nipprevjenu t-tfassil illegali ta' profili fil-preżent u fil-futur: gwida).

L-azzjoni 1 teżamina s-sejbien f'żewġ ambjenti usa'. L-ewwel parti tkopri s-sitwazzjoni aktar frekwenti meta tfal sfruttati, abbużati jew traskurati jinstabu fit-territorju tal-Istat Membru. It-tieni parti tkopri s-sejbien fil-fruntieri interni meta l-minorenni jkun fi triqtu lejn Stat Membru ieħor tal-UE. Madankollu, l-identifikazzjoni mhijiex proċess ta' pass wieħed. Il-vittmi ta' spiss ma jippreżentawx ruħhom fl-ewwel kuntatt mal-fornituri tal-assistenza jew mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. L-isforzi ta' identifikazzjoni m'għandhomx jiffukaw biss fuq il-punti ta' dħul fil-pajjiż iżda għandhom jimmiraw ukoll lejn setturi b'riskju għoli.

**Identifikazzjoni fit-territorju tal-Istat Membru tal-UE**

Skont id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu (2004/38/KE), iċ-ċittadini tal-UE għandhom id-dritt li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor sa 3 xhur. Bl-istess mod, id-detenturi ta' permessi ta' residenza li jinħarġu minn wieħed mill-Istati Membri tal-UE jistgħu jiċċaqilqu wkoll b'mod liberu sa 3 xhur fit-territorji tal-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Ftehim ta' Schengen, li jinkludu l-Istati Membri kollha tal-UE u l-Pajjiżi Assoċjati ta' Schengen minbarra l-Irlanda u r-Renju Unit.

Iż-żona Schengen tinkludi l-Istati Membri kollha tal-UE minbarra l-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, l-Irlanda, ir-Rumanija u r-Renju Unit. Hija tinkludi wkoll l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera, kif muri fl-Illustrazzjoni 6. Xi Stati Membri stabbilixxew kontrolli temporanji fil-fruntieri għal theddid serju. Il-Kummissjoni Ewropea tippubblika

regolarment lista aġġornata ta' Notifiki dwar l-Introduzzjoni Temporanja mill-Ġdid ta' Kontroll fil-Fruntiera.

**Illustrazzjoni 6: Iż-żona Schengen, minn Marzu 2019**




- Żona Schengen (UE)
- Pajjiżi tal-UE li mhumiex f'Schengen
- Żona Schengen (mhux tal-UE)

*Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, 2019*

Wara 3 xhur, l-Istat Membru ospitanti tal-UE jista' jistabbilixxi ċerti kundizzjonijiet għar-residenza, relatati mal-prova tal-introjtu (jew reġistrazzjoni fl-edukazzjoni) u l-assigurazzjoni tal-mard, jew li wieħed ikun membru tal-familja ta' persuna intitolata għal permess ta' residenza (l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Moviment Liberu). Wara żjara ta' 3 xhur, iċ-ċittadini tal-UE jista' jkollhom bżonn jirreġistraw mal-awtoritajiet nazzjonali (l-Artikolu 8). Madankollu, fil-prattika, it-tfal li jeħtieġu protezzjoni, inklużi t-tfal vittmi tat-traffikar, x'aktarx jibqgħu fl-Istat Membru tal-UE mingħajr reġistrazzjoni.

Ladarba l-minorenni jkun jinsab fi Stat Membru differenti minn dak tiegħu stess, professjonisti u organizzazzjonijiet differenti fl-Istat, bħall-pulizija, il-ħaddiema soċjali, l-għalliema, il-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa jew is-soċjetà ċivili jeħtieġ li jkunu proattivi biex jidentifikaw jekk il-minorenni jkunx jeħtieġ protezzjoni.

Hemm għadd bla qies ta' sitwazzjonijiet, stejjer u ċirkostanzi individwali. Madankollu, ir-riċerka eżistenti tindika xi eżempji ġenerali:

- minorenni, l-aktar ta' spiss bniet, li jiġi sfruttat sesswalment fit-toroq, f'burdelli, fi ħwienet tal-massaġġi jew f'akkomodazzjoni privata;
- minorenni ta' età obbligatorja għall-iskola li jgħix bħala ħaddiem domestiku f'kundizzjonijiet tax-xogħol mhux xierqa ma' familja li ma tiġix minnu filwaqt li ta' spiss ma jattendix l-iskola;
- minorenni li jisraq oġġetti bħal kożmetiċi, telefowns, stikek tal-USB, sistemi tal-GPS u tagħmir elettroniku ieħor, jew jisraq il-basktijiet tal-klijenti;
- minorenni li jittallab għal sigħat sħaħ fit-triq, irrispettivament mill-kundizzjonijiet tat-temp u jissopravvivi billi jiekol l-ikel li jkun baqa' mir-ristoranti;
- minorenni li jkabbar jew ibigħ il-kannabis jew sustanzi oħra illegali;
- minorenni li jgħix fit-toroq, possibbilment bi problemi ta' saħħa mentali jew li jieħu d-drogi;
- minorenni li jitlajja fit-toroq u ma jattendix l-iskola.

Skont is-sitwazzjoni li jkun fiha l-minorenni, xi nies għandhom probabbiltà akbar minn oħrajn li jinnotaw lill-minorenni. Is-sensittività ta' dawk l-individwi li jistgħu jidentifikaw tfal vulnerabbli hija essenzjali biex jiġi ffaċilitat is-sejbien bikri u r-riferiment tat-tfal li jeħtieġu appoġġ.

### Is-sejbien fil-fruntiera mad-dħul jew mal-ħruġ

Fin-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri fiż-żona Schengen, huwa rari li t-tfal li jeħtieġu protezzjoni jiġu identifikati fil-fruntieri. Fejn għadhom isiru kontrolli fil-fruntieri fl-UE — jew minħabba li l-persuna tkun qed tivvjaġġa minn jew lejn Stat mhux ta' Schengen jew minħabba li Stat ta' Schengen ikun reġa' daħħal temporanjament il-kontrolli fil-fruntieri interni — il-verifiki fuq il-fruntiera joffru opportunità biex jinstabu tfal li jistgħu jkunu fil-bżonn ta' protezzjoni.

Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) tar-Regolament (UE) 2018/1862, tipprovdi għodda siewja għall-identifikazzjoni ta' tfal nieqsa u għall-prevenzjoni ta' dawk li huma fir-riskju ta' ħtif minn ġenitur, membru tal-familja jew tutur milli jivvjaġġaw aktar. Twissija li tiddaħħal fl-SIS li minorenni jkun jinsab f'riskju tista' tappoġġja l-identifikazzjoni tat-tfal li jkunu f'riskju li jsiru vittmi tat-traffikar, żwieġ sfurzat, mutilazzjoni ġenitali femminili jew forom oħra ta' vjolenza sessista. Din tgħin ukoll biex tipproteġi lit-tfal milli jsiru vittmi ta' reati terroristiċi jew li jinvolvu ruħhom fihom, inkluż li jiġu rreklutati jew imdaħħla fi gruppi armati jew jiġu mġiegħla jipparteċipaw b'mod attiv fl-ostilitajiet. Għal identifikazzjoni aktar preċiża ta' persuni li dwarhom ikunu ddaħħlu twissijiet fl-SIS, huwa possibbli li jintużaw kemm kontrolli alfanumeriċi kif ukoll bijometriċi li jtejbu l-kwalità tal-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli. Meta tintuża l-SIS, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jingħataw kunsiderazzjoni primarja.

**JEKK TIXTIEQ ISSIR TAF AKTAR**

## L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tat-Tekonoloġija tal-Informazzjoni fuq Skala Kbira (eu-LISA)

L-eu-LISA, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tat-Teknoloġija fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, hija l-korp responsabbli għall-ġestjoni operattiva tal-akbar sistemi ċentralizzati ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Din tinkludi s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen kif ukoll diversi bażijiet oħra ta' *data*, li prinċipalment jaħżnu d-*data* ta' persuni li mhumiex ċittadini tal-UE. Is-sistemi tat-teknoloġija tal-informatika li jitħaddmu f'livell ċentrali mill-eu-LISA huma għodda siewja għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti billi jipprovdulhom, f'ħin reali, l-aktar informazzjoni preċiża, filwaqt li jsaħħu l-ġlieda kontra t-traffikar tat-tfal. Skont l-għan, is-sistemi jistgħu jintużaw mill-gwardji tal-fruntieri, mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, mill-awtoritajiet tal-viża, tal-migrazzjoni u tal-asil, kif ukoll mill-awtoritajiet ġudizzjarji u doganali.

*Għal aktar informazzjoni, żur is-sit web tal-eu-LISA.*

Firxa wiesgħa ta' atturi jistgħu jiġu f'kuntatt ma' tfal nieqsa mill-kustodja u fil-bżonn ta' protezzjoni, inklużi tfal vittmi tat-traffikar, bħall-impjegati tal-linji tal-ajru u l-persunal tal-ajruporti, kif ukoll gwardji tal-fruntiera. Dawn għandhom:

- √ ikunu familjari mar-rekwiżiti amministrattivi nazzjonali għat-tfal biex jitilqu u jidħlu fil-pajjiż (eż. permess jew affidavit tal-ġenituri);
- √ ikunu familjari ma' informazzjoni aġġornata dwar l-analiżi tar-riskju dwar it-traffikar tal-bnedmin, inkluż fir-rigward tal-ispeċifiċità tas-sess tar-reat, xejriet u tendenzi;
- √ josservaw kwalunkwe mġiba mhux tas-soltu, sinjali fiżiċi jew emozzjonali fil-minorenni jew fl-adult(i) li jakkumpanjawhom;
- √ jagħtu attenzjoni speċjali meta adult li ma jkunx il-ġenitur ma jakkumpanjax biss minorenni wieħed iżda grupp ta' tfal jew jakkumpanja tfal differenti f'okkażjonijiet differenti;
- √ jispezzjonaw mill-qrib id-dokumenti tal-adulti li jakkumpanjaw lill-minorenni meta ma jkunux il-ġenituri jew ir-rappreżentanti tal-minorenni;
- √ jikkonsultaw is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) biex jiċċekkjaw jekk il-minorenni huwiex irrappurtat nieqes;
- √ jidderieġu lin-nies inkwistjoni lejn kontroll tat-tieni linja jekk ikun hemm xi dubju. Dan jippermetti li jsiru konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet fil-post ta' oriġini fir-rigward tal-adulti li jakkumpanjaw lill-minorenni u l-minorenni. L-għan u l-kompiti tal-kontroll tat-tieni linja għandhom jirriflettu l-gwida mill-Manwal Vega tal-Frontex (Frontex Vega Handbook);
- √ ikunu konxji tal-opportunitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali, l-għodod ta' komunikazzjoni transnazzjonali u l-mezzi disponibbli għalihom, inkluż it-tqabbil u l-analiżi tal-informazzjoni permezz tal-Europol;
- √ jirreferu għas-servizzi ta' protezzjoni tal-minorenni jekk ma jkun ġie stabbilit xejn, iżda jkun għad hemm dubji dwar il-benesseri tal-minorenni. L-informazzjoni dwar il-każ għandha tinqasam mas-servizzi għall-protezzjoni tal-minorenni fil-post tad-destinazzjoni biex jiġu żgurati żjara u segwitu. Madankollu, hemm ir-riskju li l-minorenni jiġi nieqes qabel is-segwitu jew li ma jkunx jista' jinstab mis-servizzi soċjali. Dan jista' jseħħ, pereżempju, meta l-individwi inkwistjoni jibdlu l-indirizz jew jipprovdu dettalji ta' kuntatt mhux preċiżi.

Skont l-Artikolu 23 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (ir-Regolament (UE) 2016/399), l-Istati Membri tal-UE huma intitolati li jwettqu kontrolli fit-territorju sakemm dawn

ma jirriżultawx f'kontrolli fil-fruntieri. Tali kontrolli każwali mill-pulizija jistgħu jiffaċilitaw ukoll is-sejbien tat-tfal f'riskju. Ħafna mill-punti elenkati hawn fuq — bħal dak li wieħed għandu jkun familjari mal-informazzjoni dwar l-analiżi tar-riskju dwar it-traffikar tal-minorenni — jistgħu jappoġġjaw ukoll l-identifikazzjoni tat-tfal li jkunu f'riskju matul tali kontrolli mill-pulizija.

## Linji gwida tal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-identifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea żviluppat linji gwida għall-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, immirati speċjalment lejn is-servizzi konsulari u l-gwardji tal-fruntieri.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Kummissjoni Ewropea (2013), "Guidelines for the identification of victims of trafficking in human beings"* (Linji Gwida għall-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin).

## Il-manwal tal-Frontex għat-tfal fl-ajruporti (VEGA)

Frontex, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, żviluppat manwal b'linji gwida għall-gwardji tal-fruntieri fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal fl-ajruporti. Il-manwal VEGA jinkludi suġġerimenti prattiċi, bħal x'għandu jingħata importanza fil-qsim tal-fruntieri, mistoqsijiet possibbli li għandhom jintużaw mat-tfal, il-kontrolli tal-ewwel linja u tat-tieni linja u r-riferiment. L-Aġenzija qed tiżviluppa manwal simili għall-fruntieri fuq l-art u l-baħar.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (2015), Vega handbook: Children at airports, Children at risk on the move, guidelines for border guards* (Manwal Vega: It-tfal fl-ajruporti, Tfal f'riskju waqt li jkunu qed jivvjaġġaw, linji gwida għall-gwardji tal-fruntiera).

## Studju tal-Kummissjoni Ewropea dwar gruppi b'riskju għoli għat-traffikar tal-bnedmin

Ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea jinkludi taqsima dwar "Groups of children most at risk of THB: a typology based on risk profiles" (Gruppi ta' tfal li jinsabu fl-akbar riskju ta' THB: tipoloġija bbażata fuq il-profili tar-riskju).

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Kummissjoni Ewropea (2015), "Study on high-risk groups for trafficking in human beings"* (Studju dwar gruppi b'riskju għoli għat-traffikar tal-bnedmin).

Minorenni li jkun qed jivvjaġġa waħdu jew ma' adult li ma jkunx il-ġenitur jew it-tutur legali tal-minorenni se jeħtieġ passaport validu jew karta valida tad-dokument tal-identità u xi dokument uffiċjali ieħor, kif stabbilit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dan id-dokument uffiċjali huwa ffirmat mill-ġenituri jew mit-tutur legali tiegħu, f'xi

każijiet minn nutar, u jawtorizza lill-minorenni biex jivvjaġġa barra mill-Istat Membru tal-UE fejn jirrisjedi l-minorenni. M'hemm l-ebda regola komuni li tapplika fl-UE kollha dwar din il-kwistjoni u kull Stat Membru tal-UE jiddeċiedi jekk il-minorenni jeħtieġx tali dokumenti u liema dokumenti għandu bżonn. Xi Stati Membri jirrikjedu prova tal-kunsens tal-ġenituri biex il-minorenni jitlaq mill-pajjiż waħdu jew ma' adult ieħor li mhuwiex ġenitur (affidavit). Madankollu, dan waħdu mhuwiex biżżejjed biex jiġi evitat it-traffikar tat-tfal.

### Formola standardizzata ta' kunsens għall-ivvjaġġar

Il-Parti III tal-Gwida għal Prattika Tajba dwar il-Miżuri Preventivi tal-Konferenza tal-Aja dwar id-dritt internazzjonali privat tistieden lill-Istati jqisu l-adozzjoni ta' formola standardizzata ta' kunsens għall-ivvjaġġar li tagħti prova li jkun ingħata kunsens, fejn meħtieġ, qabel ma minorenni jitħalla joħroġ minn ġurisdizzjoni (ara fit-Taqsima 1.2.2 tal-Gwida). L-użu ta' mudell ta' formola ta' kunsens għall-ivvjaġġar jista' jipprovdi ċarezza u jtaffi r-riskji assoċjati mad-diversità ta' forom ta' kunsens meħtieġa mill-Istati Membri tal-UE. L-Istati li jixtiequ jiżviluppaw mudell domestiku ta' formola huma mistiedna jqisu l-informazzjoni pprovduta fuq is-sit web tal-Konferenza tal-Aja.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, Guide to Good Practice under the Hague Convention of 25 October 1980 on the Civil Aspects of International Child Abduction, Part III, Preventive Measures* (Gwida għal Prattika Tajba skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, Parti III, Miżuri Preventivi), *2005*.

## L-istabbiliment tal-identità

Ladarba l-awtoritajiet iqisu li l-minorenni jeħtieġ protezzjoni, l-ewwel kuntatt tagħhom mal-minorenni jiffoka fuq li tiġi stabbilita l-identità tal-minorenni. Il-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal stabbilit fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u fl-istrumenti rilevanti tad-dritt tal-Unjoni (ara t-Tabella 1) irid jiggwida l-miżuri kollha meħuda biex jidentifikaw u jirreferu l-minorenni lill-awtoritajiet rilevanti għal aktar azzjoni.

Dan jimplika wkoll li, matul l-ewwel kuntatt, l-awtoritajiet għandhom jevitaw intervisti estensivi mal-minorenni dwar iċ-ċirkostanzi, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-istorja tal-isfond tiegħu. L-ewwel kuntatt mal-minorenni għandu jkun qasir u limitat għall-identifikazzjoni tal-minorenni, l-istabbiliment ta' informazzjoni bażika, bħall-post fejn jinsabu l-ġenituri, u l-ġbir tal-informazzjoni bażika meħtieġa biex jiġu żgurati s-sikurezza u l-benesseri immedjati tal-minorenni. Sussegwentement għandha ssir valutazzjoni ulterjuri mis-servizzi għall-protezzjoni tal-minorenni.

Matul il-fażi ta' identifikazzjoni, il-minorenni għandu jiġi ttrattat b'rispett, b'mod xieraq għall-età, u għandu jiġi pprovdut b'interpretazzjoni jekk ma jkunx jitkellem il-lingwa lokali. L-awtoritajiet għandhom jipprovdu informazzjoni adattata għat-tfal dwar kwistjonijiet ewlenin, bħall-possibbiltà li jintalab appoġġ mill-uffiċċju konsulari, ir-raġuni għaliex l-awtoritajiet jeħtieġu li jistabbilixxu l-identità, ir-raġuni għaliex jiġu pproċessati l-marki tas-swaba' u x'inhuma l-passi li jmiss biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-minorenni.

*→ Għal aktar informazzjoni dwar kif għandek titkellem, tisma' u tinforma lill-minorenni, ara wkoll l-Azzjoni 3: Isma' lill-minorenni.*

Il-pulizija ta' spiss se tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-identità tal-minorenni. Skont iċ-ċirkostanzi, jistgħu jkunu meħtieġa xi wħud minn dawn l-azzjonijiet jew l-azzjonijiet kollha:

- ikkontrolla d-dokumenti, jekk disponibbli, bħal dokumenti tal-identità jew passaporti, biex tistabbilixxi l-isem, in-nazzjonalità, l-età tal-minorenni, eċċ.;
- ħu l-marki tas-swaba' (f'każijiet ta' tfal akbar fl-età, fejn dan ikun permess millliġi nazzjonali) u ritratt tal-minorenni;
- iċċekkja fil-bażijiet tad-*data* nazzjonali biex tivverifika jekk il-minorenni kellux kuntatt mal-pulizija fil-passat, u għal liema raġuni;
- ikkonsulta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), biex tivverifika jekk il-minorenni kienx irrapportat nieqes;
- ikkonsulta mal-Europol f'każijiet ta' kriminalità serja u organizzata, filwaqt li titlob kontrolli fil-bażijiet tad-*data*, analiżi operattiva u appoġġ għal investigazzjonijiet u operazzjonijiet;
- informa lill-uffiċċju konsulari tal-Istat Membru tal-minorenni jew tar-residenza abitwali tiegħu.

F'każijiet ta' traffikar, it-tfal jistgħu jiddikjaraw lilhom infushom bħala adulti sabiex jevitaw li jiġu ssorveljati aktar mill-qrib u minħabba l-istruzzjonijiet li t-tfal jirċievu mittraffikanti. Il-minorenni jista' jkun imġiegħel ukoll jivvjaġġa b'passaport ta' adult falz.

Jekk l-età tibqa' inċerta, iżda jkun hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li l-persuna hija minorenni, imbagħad skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (l-Artikolu 13(2)), id-Direttiva dwar l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal (l-Artikolu 18) u d-Direttiva dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati (l-Artikolu 3) kif ukoll il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar

il-Ġlieda Kontra t-Traffikar (l-Artikolu 10), l-awtoritajiet għandhom iqisu li l-persuna hija minorenni sakemm tiġi evalwata aktar l-età tal-persuna. Każijiet ta' adolexxenti akbar fl-età jistgħu jkunu ta' sfida.

Meta, skont il-liġi nazzjonali, il-minorenni għandu jiġi riferut għal valutazzjoni tal-età, il-metodoloġiji għandhom jużaw l-inqas metodu intruživ u jagħtu lill-minorenni d-dritt li jinstema' u jingħata l-appoġġ ta' tutur. Għal ħarsa ġenerali lejn il-leġiżlazzjoni applikabbli, is-salvagwardji meħtieġa u l-metodi eżistenti għall-valutazzjonijiet tal-età, ara l-gwida tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO).

### Gwida tal-EASO dwar il-valutazzjoni tal-età

L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) żviluppa gwida prattika biex tiġi evalwata l-età ta' persuni li ma jkollhomx dokumenti biex jippruvaw l-età tagħhom. Il-gwida tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-metodi eżistenti, il-vantaġġi u l-iżvantaġġi u s-salvagwardji tagħhom li jeħtieġ li jkunu fis-seħħ. Għalkemm il-pubblikazzjoni tal-EASO kienet abbozzata fil-kuntest tal-proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, il-gwida hija rilevanti wkoll għat-tfal li joriġinaw mill-UE.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (2018), "EASO Practical Guide on age assessment"* (Gwida Prattika tal-EASO dwar il-valutazzjoni tal-età).

## Riferiment

It-tfal imċaħħda mill-kustodja u li jeħtieġu protezzjoni fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess għandhom jiġu riferuti lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-protezzjoni tal-minorenni. Flimkien ma' awtoritajiet rilevanti oħra, għandhom jieħdu miżuri immedjati biex jiżguraw is-sikurezza, il-kenn u biex ikopru l-ħtiġijiet bażiċi tal-minorenni. L-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-minorenni għandhom ikomplu jivvalutaw il-każ.

Jekk ikun hemm ċertezza jew suspett li l-minorenni huwa vittma tat-traffikar tal-bnedmin, il-pulizija għandha tirreferi wkoll il-każ lill-unità speċjalizzata tal-pulizija, lill-mekkaniżmu nazzjonali ta' riferiment jew lil dawk responsabbli għas-servizzi ta' kontra t-traffikar, sabiex ikunu jistgħu formalment jidentifikaw il-minorenni bħala vittma tat-traffikar.

# Azzjoni 2: Aħtar tutur

Il-liġi internazzjonali u l-liġi Ewropea jirrikonoxxu l-importanza li jinħatar tutur għal tfal li jkunu mċaħħda mill-kustodja biex jiġu ssalvagwardjati l-aħjar interessi tal-minorenni u jiġi promoss il-benesseri tal-minorenni. Il-bosta referenzi għal "tutur legali" fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal jindikaw li t-tuturi legali huma element ewlieni ta' sistema ta' protezzjoni għat-tfal li jkunu temporanjament jew permanentement imċaħħda mill-ambjent tal-familja tagħhom u li ma jkunux jistgħu jkollhom l-interessi tagħhom irrappreżentati mill-ġenituri tagħhom [ara wkoll il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-General Comment No 6 (Kumment Ġenerali Nru 6, paragrafu 33].

Għat-tfal vittmi tat-traffikar, id-dritt tal-Unjoni jispeċifika l-obbligu li jinħatar tutur jew rappreżentant fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar, mill-mument li fih l-awtoritajiet jidentifikaw lill-minorenni u meta, skont il-liġi nazzjonali, u minħabba kunflitt ta' interess bejniethom u t-tfal vittmi, dawk li jkollhom responsabbiltà tal-ġenituri jkunu preklużi milli jiżguraw l-aħjar interessi tal-minorenni u/jew milli jirrappreżentaw lill-minorenni. L-Artikolu 16(3) jestendi dan l-obbligu għat-tfal vittmi tat-traffikar li ma jkunux akkumpanjati. Barra minn hekk, meta l-minorenni jkun involut f'investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali, l-Artikolu 15 jirrikjedi lill-awtoritajiet kompetenti jaħtru rappreżentant għall-minorenni meta, skont il-liġi nazzjonali, dawk li jkollhom responsabbiltà tal-ġenituri jkunu preklużi milli jirrappreżentaw lill-minorenni bħala riżultat ta' kunflitt ta' interess bejniethom u t-tfal vittmi.

Bl-istess mod, id-Direttiva dwar l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal, fl-Artikolu 20 tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jaħtru rappreżentant speċjali għat-tfal vittmi meta, skont il-liġi nazzjonali, dawk li jkollhom responsabbiltà tal-ġenituri jkunu preklużi milli jirrappreżentaw lill-minorenni bħala riżultat ta' kunflitt ta' interess bejniethom u t-tfal vittmi, jew meta l-minorenni ma jkunx akkumpanjat jew ikun separat mill-familja.

Il-ħatra ta' tutur temporanju hija miżura ta' emerġenza kif regolata mill-Artikolu 20 tar-Regolament Brussell IIa. L-Istati Membri tal-UE fejn ikun qed joqgħod il-minorenni jistgħu jieħdu deċiżjoni dwar it-tutela temporanja, anki jekk il-ġurisdizzjoni tkun taqa' taħt Stat Membru ieħor. Ir-responsabbiltajiet tat-tutur temporanju jieqfu meta l-qorti kompetenti tieħu l-każ f'idejha u taħtar tutur ġdid jew tieħu miżuri oħra fit-tul.

It-trasferiment lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali qabel ma jinħatar tutur temporanju jinjora l-importanza ta' valutazzjoni bir-reqqa tas-sitwazzjoni tal-minorenni, li tivvaluta l-ambjent tal-familja u l-kundizzjonijiet li l-minorenni se jsib hemmhekk. Trasferiment mgħaġġel jista' jwassal biex il-minorenni jiġi ttraffikat mill-ġdid, jew jerġa' jsir vittma ta' abbuż. Sabiex jiġu ggarantiti l-aħjar interessi tal-minorenni u jiġu evitati abbużi

futuri, l-awtoritajiet se jeħtieġu ftit żmien biex jivvalutaw iċ-ċirkostanzi kollha. Matul dan il-perjodu, il-ħatra ta' tutur hija ta' importanza kbira. It-tutur, bħala l-persuna ta' fiduċja, jista' jiffaċilita valutazzjoni aħjar tas-sitwazzjoni tal-minorenni u tal-familja u jiżgura li d-deċiżjonijiet li jittieħdu jkunu fit-tul u fl-aħjar interessi tal-minorenni.

Kif muri fl-Illustrazzjoni 7, it-tuturi huma responsabbli biex jiżguraw il-benesseri ġenerali tal-minorenni; jissalvagwardjaw l-aħjar interessi tal-minorenni; u jeżerċitaw ir-rappreżentanza legali u jikkomplementaw il-kapaċità ġuridika limitata tal-minorenni. It-tutur għandu jkun il-persuna bl-aktar fehma komprensiva dwar il-ħtiġijiet tal-minorenni. It-tutur huwa f'pożizzjoni unika biex jgħaqqad flimkien lid-diversi awtoritajiet u lill-minorenni. It-tutur jista' jservi ta' rabta bejn il-minorenni u l-ispeċjalisti li jipprovdu kura u għajnuna lill-minorenni, bħal avukati, servizzi tas-saħħa, skola, faċilitajiet ta' akkomodazzjoni, servizzi għall-protezzjoni tal-minorenni, pulizija u servizzi ta' appoġġ għall-vittmi.

It-tuturi għandhom ukoll rwol importanti x'jaqdu fl-azzjonijiet transkonfinali ta' każ. Pereżempju, jistgħu jgħinu lill-minorenni jerġa' jistabbilixxi kuntatt mal-familja, jagħmlu kuntatt mal-ġenituri jew mal-familja estiża tal-minorenni fi Stat Membru ieħor tal-UE, jew jakkumpanjaw lill-minorenni jekk jiġi ttrasferit lejn pajjiż ieħor.

**Illustrazzjoni 7: Il-mandat tat-tutur**




*Sors: FRA u l-Kummissjoni Ewropea, 2014 [It-tutela għat-tfal fil-bżonn ta' kustodja, p. 15]*

Ħarsa ġenerali komprensiva lejn ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tat-tuturi u t-tħaddim tas-sistemi tat-tutela tinsab il-manwal dwar it-tutela mill-FRA u l-Kummissjoni Ewropea. Il-qarrej huwa mistieden jikkonsulta l-manwal għal aktar dettalji dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tat-tuturi, il-ġestjoni ta' sistemi ta' tutela jew il-kompiti speċifiċi tat-tutur.

### Manwal dwar it-tutela għat-tfal imċaħħda mill-kustodja: il-ħtiġijiet speċifiċi ta' tfal vittmi tat-traffikar

L-FRA u l-Kummissjoni Ewropea ppubblikaw manwal biex jissaħħu s-sistemi nazzjonali ta' tutela u jiġi żgurat li dawn ikunu mgħammra aħjar biex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal vittmi tat-traffikar. Il-manwal jipprovdi gwida u rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri tal-UE, filwaqt li jistabbilixxi l-prinċipji ewlenin, it-tfassil u l-ġestjoni tas-sistemi ta' tutela. Il-manwal huwa disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE:

*Għal aktar informazzjoni, ara FRA (2015), It-tutela għat-tfal fil-bżonn ta' kustodja b'enfasi partikolari fuq ir-rwol tagħhom biex jindirizzaw it-traffikar tat-tfal.*

## Azzjoni 3: Isma' lill-minorenni

Wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-protezzjoni internazzjonali u Ewropea tal-minorenni huwa d-dritt tal-minorenni li jesprimi l-fehmiet tiegħu liberament fil-kwistjonijiet kollha li jaffettwawh. Il-fehmiet tal-minorenni għandhom jitqiesu skont l-età u l-maturità tal-minorenni, kif stipulat fl-Artikolu 24 tal-Karta u l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

→ *Bħala gwida dwar kif għandek tisma' lill-minorenni fil-proċedimenti kriminali, ara wkoll l-Azzjoni 8: Appoġġja lill-minorenni matul il-proċedimenti ġudizzjarji.*

Il-fehmiet tat-tfal għandhom jitqiesu b'mod serju skont il-maturità ta' kull minorenni individwali, is-sitwazzjoni speċifika u l-għażliet disponibbli f'dak il-kuntest. Pereżempju, fehma ta' minorenni jista' jkollha impatt fuq jekk it-tutur għandux ikun raġel jew mara, jew fuq jekk ir-riunifikazzjoni tal-familja hijiex l-aħjar għażla. Il-fatt li jiġu kkonsultati l-fehmiet tal-minorenni u li dawn jitqiesu b'mod serju mhuwiex biss obbligu legali, iżda jkollu wkoll impatt pożittiv fuq il-proċess tal-protezzjoni tal-minorenni. Il-minorenni jikseb il-fiduċja aktar faċilment fl-awtoritajiet u jkun aktar miftuħ għall-kooperazzjoni. Dan jista' jipprevjeni wkoll każijiet ta' ħarba u ta' traffikar mill-ġdid, filwaqt li jiżgura li l-azzjonijiet li jittieħdu jkunu sostenibbli u li l-użu tar-riżorsi pubbliċi jkun effettiv.

## 🕮 L-għoti tas-setgħa lit-tfal permezz tal-parteċipazzjoni

Peress li l-esperjenza tal-vjolenza hija minnha nnifisha skoraġġanti, huma meħtieġa miżuri sensittivi biex jiġi żgurat li l-interventi ta' protezzjoni tal-minorenni ma jkomplux jiskoraġġixxu lit-tfal iżda pjuttost jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-irkupru u r-riintegrazzjoni tagħhom permezz ta' parteċipazzjoni ffaċilitata bir-reqqa. Il-Kumitat jinnota li gruppi marġinalizzati u/jew diskriminati b'mod partikolari jiffaċċjaw ostakoli għall-parteċipazzjoni. L-indirizzar ta' dawn l-ostakoli huwa partikolarment rilevanti għall-protezzjoni tal-minorenni, minħabba li tali tfal ta' spiss ikunu fost dawk l-aktar affettwati mill-vjolenza.

*Ara l-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2011), General Comment No 13* (Kumment Ġenerali Nru 13)*, paragrafu 63.*

L-informazzjoni, is-smigħ u l-kunsiderazzjoni tal-fehmiet tat-tfal mhumiex eżerċizzju ta' darba fl-ewwel kuntatt mal-minorenni. Għall-kuntrarju, dan għandu jkun komponent essenzjali tal-azzjonijiet kollha ppreżentati f'din il-gwida prattika, kif muri fl-Illustrazzjoni 8, mill-mument li fih jiġi identifikat minorenni li jkun jeħtieġ protezzjoni sakemm tiġi implimentata soluzzjoni fit-tul. Skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, it-tfal jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom fir-rigward tas-sikurezza, is-soluzzjonijiet għall-kura, ir-riunifikazzjoni tal-familja, il-ħatra tat-tutur, l-aħjar soluzzjoni fit-tul u bosta deċiżjonijiet oħra li jaffettwawhom.

**Illustrazzjoni 8: L-informazzjoni u l-kunsiderazzjoni tal-fehmiet tal-minorenni matul l-10 azzjonijiet kollha**




*Sors: FRA, 2019*

# Informazzjoni xierqa

Sabiex il-minorenni jesprimi l-fehmiet tiegħu, jeħtieġ li jirċievi informazzjoni komprensiva u li tinftiehem dwar x'qed jiġri, il-passi li jmiss u l-għażliet kollha disponibbli. It-tfal jeħtieġ li jiġu kkonsultati dwar l-għażliet ippreferuti tagħhom. Id-dritt

għall-informazzjoni u d-dritt għas-smigħ huma relatati mill-qrib ħafna u għalhekk imorru id f'id.

L-għoti ta' tagħrif xieraq u li jinftiehem huwa element essenzjali biex wieħed jisma' lill-minorenni u jibni l-fiduċja. Jekk il-minorenni ma jkollux biżżejjed informazzjoni jew fehim ta' sitwazzjoni partikolari, il-minorenni se jkun limitat fir-rigward ta' kemm jista' jesprimi fehmiet, jieħu deċiżjonijiet jew saħansitra jagħmel mistoqsijiet. It-Tabella 2 turi referenzi għad-dritt għall-informazzjoni inklużi fl-istrumenti magħżula tad-dritt tal-Unjoni. Din turi li d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi għandha l-aktar dispożizzjonijiet dettaljati.

### Tabella 2: Id-dritt għall-informazzjoni fid-dritt rilevanti tal-Unjoni

| Aspetti tad-dritt għall-informazzjoni msemmija b'mod espliċitu | Strument | | |
|---|---|---|---|
| | Id-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar | Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi | Id-Direttiva dwar l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal |
| Referenza ġenerali għad-dritt għall-informazzjoni | Premessi 19 u 21; Artikolu 11(5) | Artikolu 1 | Premessa 50 |
| Ir-rimborż tal-ispejjeż | – | Premessa 23; Artikolu 14 | – |
| L-interpretazzjoni | Artikolu 11 | Premessi 34, 35, 36 u Artikolu 7 | – |
| Il-mezzi u l-kontenut tal-komunikazzjoni mal-vittma | Artikolu 11(6) | Premessi 26, 27, 29, 31, 32, 33, 40; Artikoli 4, 6, 11(3) | – |
| Informazzjoni lill-vittmi bi bżonnijiet speċjali | Artikolu 11 | Premessa 38; Artikolu 9 | – |
| L-użu ta' lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli, b'kunsiderazzjoni wkoll tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittma | – | Premessa 21; Artikoli 3, 7 | – |

*Nota: – = mhux applikabbli.*
*Sors: FRA, 2019*

It-tfal li jkunu informati aħjar jistgħu jieħdu sehem b'mod aħjar fi proċedimenti ġudizzjarji. Dan jirriżulta f'kooperazzjoni aħjar mal-awtoritajiet u jwassal biex it-tfal ikollhom sens ta' rispett u jitqiesu bis-serjetà. Il-forniment ta' informazzjoni suffiċjenti b'hekk jiżgura benefiċċji għall-partijiet kollha.

## Interpreti

Il-minorenni jaf ma jkunx jitkellem il-lingwa lokali jew jista' jkollu biss għarfien bażiku ħafna tagħha. Kull meta jkun meħtieġ, biex tiġi żgurata komunikazzjoni adegwata, għandu jiġi ingaġġat interpretu kkwalifikat li jkun imħarreġ ukoll fil-komunikazzjoni mat-tfal. L-interpreti għandhom ikunu indipendenti, magħrufa mill-awtoritajiet u fdati. L-interpretu m'għandux ikun xi ħadd li jiddikjara li jkun ħabib jew membru tal-familja tal-minorenni. L-użu tal-interpretazzjoni bit-telefown jista' jkun il-mod ippreferut tal-minorenni biex jirċievi interpretazzjoni meta l-kwistjonijiet diskussi jkunu sensittivi ħafna. L-EASO żviluppa modulu ġdid ta' kurrikulu ta' taħriġ dwar l-Interpretazzjoni fil-kuntest tal-asil li jista' jiġi aċċessat fuq talba. Għalkemm iffokati fuq il-kuntest tal-asil, xi wħud mit-tekniki ta' interpretazzjoni jistgħu jkunu rilevanti għall-interpretazzjoni tal-intervisti mat-tfal li jkunu joriġinaw mill-UE.

**Lista ta' kontroll għall-interpreti li jaħdmu mat-tfal**

- √ Kun professjonali, simpatiku u amikevoli.
- √ Turix emozzjonijiet, bħal nuqqas ta' qbil jew sorpriża, irrispettivament minn kemm ikun xokkanti dak li tisma'.
- √ Tiġġudikax lill-minorenni.
- √ Tikkontrollax jew tipprova tinfluwenza lill-minorenni.
- √ Ittraduċi eżattament dak li jgħid il-minorenni, billi ma żżidx jew tqassar.
- √ Tibdilx dak li jgħid il-minorenni, pereżempju biex ittejjeb il-grammatika jew biex iżżid id-dettall.
- √ Tużax lingwaġġ tekniku jew terminoloġija speċjalizzata, billi tassumi li dan jinftiehem.
- √ Kun newtrali.
- √ Tistaqsix mistoqsijiet inti stess.
- √ Żomm il-kunfidenzjalità; tiżvela l-ebda informazzjoni dwar il-minorenni u tipprovdix id-dettalji ta' kuntatt tagħhom.

## Perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi

Il-professjonisti jeħtieġ li jkunu konxji dwar il-ħtieġa possibbli li jadattaw il-komunikazzjoni fir-rigward ta' jekk il-minorenni huwiex tifel jew tifla. It-Tabella 3 turi kif dawn il-kunsiderazzjonijiet huma riflessi fi tnejn mill-aktar tliet strumenti rilevanti tad-dritt tal-Unjoni.

## Tabella 3: Referenzi espliċiti għas-sess fid-dritt rilevanti tal-Unjoni

| Kunsiderazzjonijiet | Strument | | |
|---|---|---|---|
| | Id-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar | Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi | Id-Direttiva dwar l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal |
| Is-sess | Premessi 3, 12, 25; Artikolu 1 | Premessi 9, 17, 56, 57, 61, 64; Artikoli 9(3)(b), 22(3), 23(2)(d), 26(2) | — |

*Nota: — = mhux applikabbli.*
*Sors: FRA, 2019*

Sabiex tiġi adottata perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin huma importanti:

- **Is-sess tal-professjonisti involuti:** il-minorenni għandu jiġi mistoqsi jekk jippreferix li jinvolvi ruħu ma' professjonisti tal-istess sess jew tas-sess oppost. Dan mhux dejjem jista' jkun possibbli, iżda għandha tingħata kunsiderazzjoni serja lill-għażliet disponibbli. Kunsiderazzjonijiet dwar is-sess huma rilevanti wkoll meta jiġi rreklutat persunal, sabiex ikun hemm disponibbli biżżejjed persunal irġiel u nisa. Bħala minimu, dan għandu jkun kunsiderazzjoni ewlenija meta jintgħażel it-tutur — wieħed mill-persuni ewlenin responsabbli biex jisma' lill-minorenni u jikkomunika miegħu.
- **L-isterjotipi dwar is-subien u l-bniet:** kemm il-professjonisti kif ukoll it-tfal infushom jista' jkollhom ċertu fehim u kunċett maħsub minn qabel dwar l-imġiba normali tas-subien u l-bniet. L-inugwaljanza bejn is-sessi u l-forom strutturali ta' diskriminazzjoni etnika u dik ibbażata fuq is-sess jistgħu jaffettwaw, pereżempju, il-mod kif it-tfal jaraw lilhom infushom u l-aspettattivi tagħhom, il-fiduċja fihom infushom u l-immaġini tal-ġisem tagħhom. Dan kollu jista' jħalli impatt fuq kif jittrattaw l-esperjenza tagħhom ta' sfruttament jew abbuż kif ukoll fuq kif jagħżlu li jiżvelaw dak li jkunu għaddew minnu. L-esperjenza tagħhom jista' jkollha wkoll impatt sinifikanti fuq kif se jirkupraw.
- **Żvelar ta' abbuż jew sfruttament sesswali**: il-bniet jistgħu jsibuha diffiċli biex jammettu li ġew abbużati sesswalment, peress li dan jista' jkun marbut ma' sentimenti ta' ħtija u mistħija. Is-subien jistgħu wkoll ma jiżvelawx abbuż sesswali, peress li jistgħu jorbtu l-abbuż tagħhom mal-idea li mhumiex "irġiel kompluti" jew li mhumiex "b'saħħithom biżżejjed".
- **Id-dimensjoni tas-sessi fit-traffikar tal-bnedmin:** fil-parti l-kbira tagħhom, in-nisa, il-bniet, l-irġiel u s-subien jiġu ttraffikati għal forom differenti ta'

sfruttament, bin-nisa u l-bniet jiġu ttrafikati l-aktar għall-iskop ta' sfruttament sesswali. Il-ħsara f'din il-forma ta' sfruttament hija serja, brutali u b'impatti fiżiċi, ġinekoloġiċi u fuq is-saħħa mentali speċifiċi għas-sess fuq perjodu ta' żmien twil. Il-miżuri kontra t-traffikar li jindirizzaw is-sitwazzjoni speċifika tan-nisa u l-bniet jeħtieġ li jkunu konformi ma' strateġiji usa' li jiġġieldu l-vjolenza kontra n-nisa.

**JEKK TIXTIEQ ISSIR TAF AKTAR**

### Miżuri speċifiċi għas-sess fil-ġlieda kontra t-traffikar

Filwaqt li jirrikonoxxi li 95 % tal-vittmi tat-traffikar irreġistrati għall-isfruttament sesswali fl-UE huma nisa u bniet, dan ir-rapport janalizza d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar u tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi minn perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi. Ir-rapport jipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar miżuri speċifiċi għas-sess biex jiġu identifikati, megħjuna u appoġġjati aħjar il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) (2018), "Gender-specific measures in anti-trafficking actions: report"* (Miżuri speċifiċi għas-sess fl-azzjonijiet kontra t-traffikar: rapport).

## Komunikazzjoni adattata għat-tfal

Mill-mument li fih jiġi identifikat il-minorenni sakemm tinstab soluzzjoni fit-tul u l-każ jingħalaq, professjonisti differenti se jinteraġixxu u jikkomunikaw mal-minorenni f'kapaċitajiet differenti. Se jkun hemm tipi differenti ta' komunikazzjoni u involviment mal-minorenni — pereżempju, l-interazzjoni ta' kuljum mal-persunal tal-postijiet li joffru kenn, l-ewwel kuntatt mal-pulizija wara l-identifikazzjoni, konverżazzjoni kunfidenzjali mat-tutur, intervista forensika ddettaljata jew valutazzjoni bir-reqqa tal-aħjar interessi tal-minorenni biex tiġi ddeterminata soluzzjoni fit-tul.

Il-komunikazzjoni mat-tfal, b'mod partikolari dawk li jeħtieġu protezzjoni, inklużi tfal vittmi tat-traffikar, tirrikjedi ħiliet sinifikanti. It-tfal setgħu jkunu għaddew minn esperjenzi trawmatiċi, jistgħu faċilment ma jafdawx lill-adulti, jew bl-ebda mod ma jkunu jixtiequ jitkellmu. Il-persunal li jaħdem direttament mat-tfal jeħtieġ li jkun ikkwalifikat u mħarreġ regolarment dwar kif għandu jikkomunika bl-aħjar mod ma' tfal ta' etajiet differenti, billi jqis l-isfond tas-sess u dak kulturali tagħhom u jevita li dawn jerġgħu jgħaddu minn kwalunkwe trawma. Dawn jeħtieġ li jifhmu l-impatt fiżiku u psikoloġiku tal-istress u t-trawma fuq il-minorenni. Esperjenzi trawmatiċi jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-imġiba tal-minorenni. Pereżempju, il-minorenni jaf ma jkunx jista' jafda lill-adulti jew lill-awtoritajiet, filwaqt li l-mod li bih il-minorenni jirrakkonta jew saħansitra jiftakar l-istorja tiegħu jista' jiġi affettwat b'mod sinifikanti minn trawmi.

Xi wħud minn dawn il-mudelli ta' mġiba jistgħu faċilment jiġu interpretati ħażin bħala li l-minorenni qed jagħti dikjarazzjonijiet kontradittorji.

Għalhekk, il-persunal f'dawn il-pożizzjonijiet għandu jkun imħarreġ biżżejjed u jkollu l-ħiliet meħtieġa sabiex ikollu konverżazzjoni ġenwina u effettiva mat-tfal li huma vittmi tat-traffikar, ta' abbuż jew ta' negliġenza. Il-professjonisti għandhom ikunu mħarrġa fir-rigward ta': l-impatt tat-trawma; kif għandhom jistrutturaw intervista; kif għandhom jużaw mistoqsijiet miftuħa, speċifiċi u magħluqa; kif għandhom jindirizzaw l-ostakoli fil-komunikazzjoni; il-ħiliet relatati mas-smigħ; u kif għandhom jikkomunikaw ma' gruppi speċifiċi bħal bniet, subien, adolexxenti, tfal b'diżabbiltà, tfal mill-komunità Rom jew tfal vittmi tat-traffikar, billi jqisu l-ispeċifiċità tas-sess tar-reat u l-konsegwenzi speċifiċi tal-forma ta' sfruttament li jkunu ġew soġġetti għalih.

Meta jinformaw u jikkomunikaw mal-minorenni, il-prattikanti għandhom jagħtu attenzjoni għal dan li ġej:

- **Il-fehmiet tal-minorenni:** l-obbligu li wieħed jisma' lit-tfal u jqis il-fehmiet tagħhom skont l-età u l-maturità mhuwiex obbligu ineffikaċi. Il-professjonisti jeħtieġ li jqisu b'mod serju l-fehmiet tal-minorenni. Jekk dawk l-opinjonijiet ikunu jistgħu jitqiesu biss parzjalment jew ma jkunu jistgħu jitqiesu bl-ebda mod, imbagħad għandha tingħata spjegazzjoni motivata lill-minorenni u din għandha tiġi ddokumentata.
- **L-aġenzija tat-tfal:** il-professjonisti jeħtieġ li ma jqisux lill-minorenni bħala vittma biss, iżda għandhom iqisuh ukoll bħala persuna b'riżorsi. Biex jitbiegħed mit-traffikanti jew saħansitra minn qraba involuti fl-abbuż jew fl-isfruttament, il-minorenni għandu jkollu l-opportunità li jitqies bħala individwu bil-ħiliet u l-punti ta' saħħa tiegħu stess. Is-servizzi għandhom jidentifikaw il-ħiliet, il-punti ta' saħħa u l-interessi tal-minorenni u jibnu fuqhom.
- **Privatezza u kunfidenzjalità:** minorenni li jkun ġie sfruttat jew abbużat jista' potenzjalment jeħtieġ li jqajjem kwistjonijiet sensittivi ħafna. Għalhekk, il-privatezza għandha tiġi żgurata billi jkun hemm preżenti l-inqas għadd possibbli ta' nies. Il-minorenni jeħtieġ li jifhem kif se tintuża l-informazzjoni pprovduta, min se jsir jaf biha u x'inhuma l-limiti għall-kunfidenzjalità.
- **Aċċessibbiltà għall-minorenni:** xi wħud mill-professjonisti, bħat-tutur, għandhom ikunu disponibbli u faċilment aċċessibbli għall-minorenni. Dan jista' jiġi ffaċilitat billi jiġi pprovdut numru tat-telefown jew indirizz elettroniku, jiġu offruti ħinijiet tal-laqgħat adattati għall-iskeda tal-minorenni (pereżempju barra mill-ħinijiet

tal-iskola), u billi jkun possibbli li jiġu kkuntattjati fi kwalunkwe ħin jekk ikun meħtieġ.

- **Medjazzjoni kulturali:** meta jkunu qed jaħdmu mat-tfal minn kultura jew reliġjon oħra, il-professjonisti għandhom ikunu mħarrġa biex jiksbu kompetenzi, attitudnijiet u ħiliet sensittivi għall-kultura sabiex tiġi żgurata komunikazzjoni transkulturali u mingħajr preġudizzji ħielsa mill-isterjotipi. Dan għandu jinkludi għarfien dwar l-impatt tal-kultura fuq it-twemmin u l-imġiba. Il-persunal għandu jkun konxju wkoll mill-attributi kulturali tiegħu stess li jistgħu jinfluwenzaw is-suppożizzjonijiet u l-imġiba tiegħu stess. Meta jkun meħtieġ, il-professjonisti jistgħu jużaw medjaturi kulturali, jiġifieri persuni mill-istess sfond kulturali bħal dak tal-minorenni. Dan jgħin fil-fehim reċiproku tal-kuntesti kulturali u biex tittejjeb il-komunikazzjoni mal-minorenni. Pereżempju, medjatur professjonali Rom jaf ikun utli meta jiġu ttrattati t-tfal Rom.
- **Iż-żmien u l-kontenut tal-informazzjoni:** il-persunal involut għandu jqis ukoll b'attenzjoni meta jkun l-aħjar mument biex il-minorenni jingħata informazzjoni. Dan jinkludi wkoll il-kapaċità li jiġġudika liema kwistjoni għandha tiġi kondiviża u meta għandu jsir dan. Pereżempju, jista' ma jkunx effettiv li jiġu spjegati l-proċeduri kollha fil-bidu nett, minħabba li l-minorenni jista' jħossu intimidat u ma jkunx jista' jlaħħaq mal-ammont ta' informazzjoni. Huwa importanti wkoll li wieħed iżomm f'moħħu li l-informazzjoni li tkun diġà ngħatat lill-minorenni fil-bidu, jaf ikollha tiġi spjegata mill-ġdid diversi drabi matul il-proċess kollu. Skont l-istat emozzjonali tal-minorenni, dan jaf ma jkunx fehem l-informazzjoni jew jaf ikun nesieha. Għalhekk, l-informazzjoni għandha tingħata wkoll fi stadju aktar tard fil-proċedura. Il-minorenni għandu jkun informat ukoll b'mod ċar meta l-każ jitqies magħluq.
- **Lingwa li tinftiehem mill-minorenni:** l-informazzjoni kollha għandha tingħata b'lingwaġġ ċar u sempliċi. Għandu jiġi evitat lingwaġġ tekniku professjonali. Il-persunal m'għandux jassumi li t-tfal awtomatikament se jifhmu termini speċifiċi, bħal "tutur", "għajnuna legali" jew "valutazzjoni". Għandhom jiġu spjegati t-termini kollha.
- **Adattament tal-informazzjoni għal gruppi differenti:** l-informazzjoni għandha tiġi adattata għal gruppi ta' etajiet differenti u għal livelli ta' maturità differenti. Pereżempju, il-mod ta' kif tiġi ppreżentata l-informazzjoni lil minorenni ta' 10 snin għandu jkun differenti mill-mod li bih tiġi kkomunikata l-istess informazzjoni lil minorenni ta' 16-il sena. Tfal akbar fl-età intervistati għar-riċerka tal-FRA nnotaw li xi kultant iħossu li l-uffiċjali tal-pulizija jew tal-ġustizzja jittrattawhom daqslikieku kienu tfal żgħar. Dan iġegħilhom iħossuhom dgħajfa jew patronizzati. Barra

minn hekk, il-professjonisti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tiġi adattata għal livelli differenti ta' fehim, peress li f'xi każijiet it-tfal jista' jkollhom diżabbiltà psikosoċjali. F'tali każijiet jista' jkun meħtieġ persunal speċjalizzat.

- **Verifika tal-fehim:** Ir-riċerka tal-FRA wriet li l-awtoritajiet spiss iħossu li informaw tajjeb lit-tfal taħt il-kura tagħhom. Madankollu, fir-realtà l-maġġoranza tat-tfal ma jkunux fehmu l-informazzjoni u jkunu ħassewhom imbeżżgħin wisq biex jitolbu kjarifika addizzjonali. Għalhekk, huwa importanti li l-persunal jiżgura li l-minorenni jkun fehem l-informazzjoni kollha. Għalhekk, il-persunal għandu jiddedika biżżejjed ħin għal kull minorenni u jippermetti li jsiru mistoqsijiet ta' segwitu skont kemm ikun meħtieġ.
- **Materjali adattati għall-minorenni:** materjali miktuba jew awdjoviżivi b'lingwi differenti jistgħu jkunu effettivi ħafna meta tingħata informazzjoni lit-tfal.

Aktar minn 300 tifel u tifla li ġew intervistati għar-riċerka tal-FRA iddefinixxew lill-professjonisti li kellhom imġiba adattata għat-tfal bħala dawk li:

- √ jitbissmu u jkunu amikevoli, edukati, allegri, empatiċi u attenti;
- √ iqisu lit-tfal u s-sitwazzjoni tagħhom bis-serjetà;
- √ iqisu s-seduti ta' smigħ bħala konverżazzjonijiet bejn żewġ persuni tal-istess importanza;
- √ jaġġustaw l-approċċ u l-lingwa tagħhom skont l-età tat-tfal, pjuttost milli jittrattawhom bħala adulti;
- √ jitkellmu b'mod ċar biżżejjed li t-tfal ikunu jistgħu jisimgħuhom kif xieraq;
- √ jisimgħu bir-reqqa;
- √ ikollhom attitudni informali u joħolqu atmosfera rilassata;
- √ jinvolvu ruħhom f'konverżazzjoni informali biex iġiegħlu lit-tfal iħossuhom komdi;
- √ ikunu kalmi u paċenjużi u ma jgħollux leħinhom mat-tfal jew jgħaġġluhom;
- √ jagħmlu mistoqsijiet lit-tfal li għandhom inqas minn 10 snin permezz tal-logħob;
- √ joffru pawżi;
- √ jagħmlu ikel, ilma u ħelu disponibbli;
- √ jevitaw li jilbsu uniformijiet jew parrokki u lbiesi uffiċjali;
- √ jużaw materjal adattat għall-minorenni;
- √ ikollhom esperjenza u taħriġ biex jaħdmu mat-tfal;
- √ ikunu ġenwinament interessati, jinvolvu lit-tfal u jkunu disponibbli u jistgħu jiġu kkuntattjati fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti.

### ✋ Let's talk" (Ejjew nitkellmu) tal-Unicef

Il-UNICEF żviluppat gwida prattika għal komunikazzjoni effettiva mat-tfal vittmi tal-abbuż u t-traffikar tal-bnedmin. Din tkopri l-proċess ta' intervista pass pass, billi tindirizza l-iskop, it-tħejjija, l-intervista attwali, l-għeluq, l-ostakoli għall-komunikazzjoni u aspetti oħra importanti.

*Għal aktar tagħrif, ara Unicef (2004), "Let's Talk"* (Ejjew nitkellmu).

### ✋ Isma'! Noħolqu kundizzjonijiet sabiex it-tfal jitkellmu u jinstemgħu

Fl-2019, il-Kunsill tal-Istati tal-Baħar Baltiku ppubblika gwida dwar kif għandhom jinħolqu kundizzjonijiet għal tfal f'riskju ta' sfruttament u ta' traffikar biex jitkellmu u jinstemgħu minn professjonisti. Matul it-tħejjija tal-gwida ġew ikkonsultati tfal u żgħażagħ li kellhom esperjenzi ta' sfruttament u ta' traffikar.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Kunsill tal-Istati tal-Baħar Baltiku (CBSS) (2019), Creating conditions for children to speak and be heard* (Noħolqu kundizzjonijiet sabiex it-tfal jitkellmu u jinstemgħu).

### ✋ Għodda biex jinġabru l-fehmiet tal-minorenni dwar it-tutur

Proġett iffinanzjat mill-UE żviluppa għadd ta' għodod prattiċi. Waħda minn dawn l-għodod hija skeda ta' evalwazzjoni utli li biha jinġabru l-fehmiet tal-minorenni dwar it-tutur fit-tmiem tat-tutela.

*Għal aktar informazzjoni, ara "Connect Tools"* (Għodod ta' Connect) *fuq is-sit web Connect, 2014.*

## Azzjoni 4: Ivvaluta l-aħjar interessi tal-minorenni

L-iżgurar tal-aħjar interessi tal-minorenni huwa essenzjali fir-relazzjonijiet kollha mat-tfal. L-aħjar interessi tal-minorenni huwa l-prinċipju ewlieni tal-protezzjoni tal-minorenni. Dan huwa stabbilit fl-Artikolu 24 tal-Karta u fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal kif ukoll fl-istrumenti rilevanti tad-dritt tal-Unjoni kif muri fit-Tabella 1. L-aħjar interessi tal-minorenni jeħtieġ li jiġu vvalutati fuq bażi regolari. L-iskop tal-valutazzjoni tal-aħjar interessi huwa li tinstab l-aħjar għażla għal minorenni speċifiku f'kull stadju meta jittieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw lill-minorenni – pereżempju, meta jiġi deċiż x'assistenza għandha tingħata lill-minorenni. Normalment, valutazzjoni tal-aħjar interessi ma tkunx proċedura formali.

L-Artikolu 16(2) tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar jistipula li "[l]-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa bil-ħsieb li jsibu soluzzjoni dejjiema bbażata fuq valutazzjoni individwali tal-aħjar interessi tat-tfal". Skont l-Artikolu 14(1), il-valutazzjoni individwali għandha "[tqis kif xieraq i]l-fehmiet, il-ħtiġijiet u l-interessi tat-tfal bil-għan li tinstab soluzzjoni fit-tul għat-tfal". Din hija proċedura aktar formali, li għandha tiġi ddokumentata, u hija meħtieġa meta l-awtoritajiet ikollhom bżonn jiddeċiedu dwar soluzzjoni fit-tul. M'hemmx soluzzjoni waħda li hija adattata għas-sitwazzjonijiet kollha. L-aktar soluzzjoni fit-tul xierqa se tiddependi mill-istorja tal-minorenni, iċ-ċirkostanzi tal-każ, it-tip speċifiku tal-isfruttament u l-kuntest tal-familja.

Il-valutazzjoni tal-aħjar interessi bil-għan li tinstab soluzzjoni fit-tul imsemmija fid-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar hija wkoll miżura utli ta' protezzjoni għat-tfal li ma jkunux ġew identifikati bħala vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. L-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet *ad hoc* biex jiġi żgurat trasferiment rapidu tat-tfal lura lejn l-Istat Membru tal-UE ta' residenza abitwali, mingħajr ma ssir valutazzjoni adegwata taċ-ċirkostanzi personali tat-tfal, toħloq diversi riskji. Pereżempju, l-awtoritajiet jistgħu jittrasferixxu minorenni qabel ma jistabbilixxu l-evidenza ta' reat, li jiċħad appoġġ xieraq għat-tfal vittmi u jipprevjeni l-prosekuzzjoni tal-awtur(i); jew minorenni jista' jiġi ttrasferit fl-istess ambjent tal-familja li fih ikun ġie abbużat jew ittraffikat, bir-riskju li jerġa' jsir vittma.

## X'tinvolvi d-determinazzjoni tal-aħjar interessi biex tiġi identifikata soluzzjoni fit-tul

Meta l-istrumenti tal-UE jirreferu għall-"prinċipju tal-aħjar interessi", dawn ġeneralment ma jelaborawx aktar dwar liema elementi għandu jinkludi. M'hemm l-ebda metodoloġija unika li tiddetermina l-aħjar interessi meta wieħed ifittex soluzzjoni fit-tul. Jintużaw diversi approċċi fi Stati Membri differenti tal-UE u f'oqsma differenti tal-protezzjoni tal-minorenni.

Din il-gwida prattika tipprovdi diversi prinċipji ta' gwida relatati ma' "min", "meta" u "kif" meta jiġu indirizzati każijiet li jinvolvu tfal li jiċċaqilqu fl-UE li jeħtieġu protezzjoni, inklużi l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. Hija ssegwi mill-qrib il-parir tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

## ✋ Gwida tan-NU dwar l-aħjar interessi

Il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal żviluppa gwida dwar il-valutazzjoni tal-aħjar interessi, gwida utli għall-awtoritajiet nazzjonali.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, General Comment No 14 (2013) on the right of the child to have his or her best interests taken as a primary consideration* [Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meqjusa bħala kunsiderazzjoni primarja], *29 ta' Mejju 2013, CRC/C/GC/14, Taqsima V, A.*

**Min?**

Il-kooperazzjoni transnazzjonali se tkun essenzjali fil-ġbir tal-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jiġu ddeterminati l-aħjar interessi tal-minorenni. Fil-maġġoranza tal-każijiet, l-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-minorenni ta' żewġ Stati Membri tal-UE jew aktar se jkollhom bżonn jinvolvu ruħhom fid-determinazzjoni u fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-aħjar interessi tal-minorenni. Dawn normalment se jkunu l-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-UE fejn ikun jinsab il-minorenni u l-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-UE tar-residenza abitwali tal-minorenni (li jkollu, b'mod ġenerali, ġurisdizzjoni fuq il-każ). F'xi każijiet, Stat Membru ieħor tal-UE jista' jkollu bżonn jinvolvi ruħu. Dan iseħħ jekk, pereżempju, il-familja tkun iċċaqalqet u l-awtoritajiet fil-post il-ġdid ikollhom bżonn jevalwaw il-kuntest tal-familja. Il-ħolqien tal-kuntatti kollha meħtieġa bejn l-awtoritajiet fi Stati Membri differenti tal-UE jista', f'ħafna każijiet, isir permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali stabbiliti mir-Regolament Brussell IIa.

→ *Ara wkoll l-Azzjoni 7: Stabbilixxi ġurisdizzjoni u kooperazzjoni transnazzjonali.*

Valutazzjoni tal-aħjar interessi bil-għan li tinstab soluzzjoni fit-tul għandha ġeneralment titwettaq minn tim multidixxiplinarju, li jkun magħmul minn persunal imħarreġ u jkun immexxi b'mod espert minn professjonisti fil-qasam tal-protezzjoni tal-minorenni. L-awtoritajiet jeħtieġ li jqisu lill-minorenni bħala ċ-ċentru tal-proċess, bil-minorenni jirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa. L-awtoritajiet għandhom jieħdu ħsieb b'mod speċifiku li jisimgħu u jqisu l-fehmiet tal-minorenni. Il-persunal għall-protezzjoni tal-minorenni għandu jikkonsulta wkoll ma' awtoritajiet oħra, bħal dawk tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-infurzar tal-liġi.

It-tutur għandu jaqdi rwol ewlieni billi jipprovdi lill-awtoritajiet il-fehmiet tiegħu dwar il-każ. It-tutur huwa persuna ta' fiduċja, li jipprovdi informazzjoni u jiffaċilita l-komunikazzjoni mal-minorenni kull meta jkun meħtieġ. It-tutur għandu jkun preżenti matul l-intervisti kollha - jekk il-minorenni jkun jixtieq dan.

**Meta?**

Meta wieħed jaħdem mat-tfal, huwa importanti li jieħu deċiżjonijiet malajr u fil-ħin xieraq. It-tfal li huma mċaħħda mill-kustodja u li jeħtieġu protezzjoni, inklużi t-tfal vittmi tat-traffikar, jistgħu madankollu jirrikjedu xi żmien sabiex jafdaw lit-tutur u lill-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-minorenni. Il-kisba ta' ċertu livell ta' fiduċja u kunfidenza hija fundamentali għal determinazzjoni effettiva tal-aħjar interessi.

Min-naħa l-oħra, jista' jkun hemm każijiet fejn ir-riunifikazzjoni tat-tfal u tal-familja għandha tkun il-prijorità. Għalhekk, proċess twil ta' rkupru u ta' bini ta' fiduċja ma jkunx ta' benefiċċju. F'tali xenarju, huwa l-parir espert tal-professjonist li jiddetermina eżattament meta għandu jitnieda l-proċess ta' riunifikazzjoni f'kull każ partikolari. Madankollu dan għandu jsir bil-ħtieġa ta' konsultazzjoni mill-qrib mal-minorenni u t-tutur.

**Kif?**

Il-proċess tal-valutazzjoni tal-aħjar interessi tal-minorenni, filwaqt li jinstemgħu l-fehmiet tiegħu, m'għandux ikollu impatt trawmatiku fuq il-minorenni. It-tfal ma japprezzawx intervisti ripetuti dwar l-istess kwistjonijiet — speċjalment meta dawn l-intervisti jsiru minn professjonisti differenti kull darba. Għal din ir-raġuni, il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, f'General Comment No 12 (Kumment Ġenerali Nru 12) ikkonkluda li t-tfal m'għandhomx jiġu intervistati aktar ta' spiss milli meħtieġ. Professjonist ikollu bżonn jiġġudika u jsib il-bilanċ it-tajjeb. Il-fehma ta' valutazzjoni tal-aħjar interessi biex tinstab soluzzjoni fit-tul għandha tħares lejn l-elementi li jidhru fl-Illustrazzjoni 9.

**Illustrazzjoni 9: Elementi li għandhom jitqiesu f'valutazzjoni tal-aħjar interessi**




*Sors: FRA, 2019*

- **Il-fehmiet, il-biżgħat u x-xewqat tat-tfal:** il-kunsiderazzjoni tal-fehmiet tat-tfal mhux biss se tiżgura li d-dritt tagħhom għas-smigħ se jiġi rrispettat, iżda wkoll li, irrispettivament minn liema soluzzjoni tinstab fl-aħħar mill-aħħar, din tkun fit-tul u sostenibbli. Pereżempju, it-tfal li huma vittmi tat-traffikar jew dawk li jeħtieġu protezzjoni għandhom jiġu mistoqsija dwar jekk jixtiqux jerġgħu jmorru lura għand il-familja tagħhom, għaliex telqu mid-dar, x'għażliet ta' għajxien jixtiequ u liema persuni li jindokraw jippreferu. Wieħed jista' jitlob ukoll l-opinjoni tal-minorenni dwar jekk huwiex sodisfatt bit-tutur tiegħu.

→ *Ara wkoll l-Azzjoni 3: Isma' lill-minorenni*

- **Is-sitwazzjoni tal-familja:** din tinkludi li jiġi ddeterminat il-post fejn ikunu jinsabu l-ġenitur(i) jew qraba mill-viċin u l-valutazzjoni tal-kapaċità u r-rieda tagħhom li jieħdu ħsieb lill-minorenni. Il-valutazzjoni għandha tidentifika jekk minorenni għandux persuna xierqa li tindokra (ġenitur, tutur jew persuna adulta oħra li tindokra). Tali valutazzjoni tal-familja għandha tevalwa wkoll jekk il-familja hijiex kapaċi jew jekk hijiex lesta, minħabba raġunijiet finanzjarji jew emozzjonali, li tieħu ħsieb lill-minorenni (pereżempju, f'każijiet fejn il-familja kienet involuta fl-isfruttament tat-tfal), jew jekk it-trasferiment tal-minorenni jistax iwassal biex il-minorenni jiġi mwarrab minħabba stigma jew diffikultajiet fir-riintegrazzjoni. Meta trasferiment fil-familja ma jkunx possibbli, il-valutazzjoni għandha tqis ukoll il-possibbiltà ta' kura minn membri tal-familja estiżi jew kura f'familja. Alternattivament, aġenzija governattiva xierqa fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minorenni tista' tipprovdi kura u protezzjoni adegwata għall-minorenni.
- **L-istat fiżiku u mentali tal-minorenni:** il-valutazzjoni għandha teżamina s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-minorenni u tevalwa l-impatt li s-soluzzjonijiet differenti fit-tul jista' jkollhom fuq l-istat u l-irkupru tal-minorenni.
- **Is-sitwazzjoni soċjoedukattiva:** din tinkludi l-kundizzjonijiet tal-għajxien fl-Istat Membru tal-UE fejn ikun jinsab il-minorenni u fl-Istat Membru tal-UE ta' residenza abitwali. Din għandha tkopri wkoll, pereżempju, kull diskriminazzjoni f'każijiet ta' minoranzi etniċi. Il-valutazzjoni għandha tinkludi kwistjonijiet bħall-kundizzjonijiet tal-abitazzjoni, u l-aċċess għall-iskola jew għat-taħriġ okkupazzjonali. Skont it-tul tar-residenza, hija tista' tinkludi wkoll valutazzjoni tal-livell tal-integrazzjoni tal-minorenni fil-pajjiż ospitanti.
- **Is-sikurezza tal-minorenni:** il-valutazzjoni għandha tkopri r-riskji ta' sigurtà għall-minorenni u għall-qraba tiegħu fl-Istat(i) Membru(i) tal-UE fejn ikunu jinsabu l-minorenni u l-familja.

### Sikuri u ħielsa mill-periklu

Il-UNHCR u l-Unicef żviluppaw gwida sabiex jappoġġjaw lill-Istati Membri biex jiżguraw l-aħjar interessi ta' tfal mhux akkumpanjati jew separati fl-Ewropa. Hija tipprovdi ħarsa ġenerali prattika lejn kif għandu jitqiegħed fil-prattika l-prinċipju tal-aħjar interessi, mill-identifikazzjoni sal-monitoraġġ ta' soluzzjoni fit-tul. Għalkemm ġew żviluppati fil-kuntest ta' tfal mhux akkumpanjati minn postijiet aktar imbiegħda, il-kunsiderazzjonijiet inklużi huma rilevanti wkoll għal tfal li jiċċaqilqu fl-UE.

*Għal aktar informazzjoni, ara Unicef/UNHCR (2014), "Safe and sound".*

# Azzjoni 5: Ikkoordina l-atturi kollha fl-Istat Membru

Skont il-kuntest nazzjonali u l-każ speċifiku, b'mod ġenerali, diversi korpi se jkunu involuti biex jipprovdu lill-minorenni bl-appoġġ meħtieġ biex jiġu koperti l-ħtiġijiet immedjati tiegħu relatati mas-sigurtà u l-protezzjoni. Il-ħarsa ġenerali fl-Anness 4 turi l-aktar atturi komuni.

Kull Stat Membru tal-UE jeħtieġ li jiżgura ċ-ċarezza dwar ir-rwol ta' kull korp u dwar il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bejniethom. Il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni mift-iehma minn qabel għandhom jinkludu wkoll gwida ċara dwar il-koordinazzjoni ma' kontropartijiet fi Stati Membri oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Istat Membru tal-UE fejn il-minorenni kien jirrisjedi qabel.

→ *Ara wkoll l-Azzjoni 7: Stabbilixxi ġurisdizzjoni u kooperazzjoni transnazzjonali.*

Il-professjonisti jistgħu jqisu dawn l-għodod ta' koordinazzjoni:

- Mekkaniżmi ġenerali ta' koordinazzjoni li jistgħu jinkludu, pereżempju, strateġiji, proċeduri u protokolli operattivi standard.
- Mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment li jista' jkun fihom protokolli li jiddefinixxu r-rwoli u d-dmirijiet speċifiċi ta' kull persuna jew organizzazzjoni. Dawn il-protokolli għandhom jispjegaw il-ġestjoni tal-każ u jistgħu jinkludu, pereżempju, gwida dwar kif għandu jiġi żgurat l-iskambju ta' informazzjoni mingħajr ma jinkiser id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni ta' *data* personali; l-istadji ta' riferiment għal kull tip ta' każ; u l-punt ta' kuntatt f'kull organizzazzjoni, jew kif dawn jistgħu jintlaħqu waqt emerġenzi jew jekk minorenni jiġi identifikat matul il-lejl.
- Il-kondiviżjoni regolari ta' informazzjoni dwar ix-xejriet, inkluż l-iżgurar tal-iżvilupp ta' miżuri ta' prevenzjoni li jkunu aktar immirati.

- Il-bini ta' kapaċità konġunta u t-taħriġ ta' organizzazzjonijiet differenti, pereżempju taħriġ konġunt għall-pulizija u għall-organizzazzjonijiet ta' appoġġ tal-vittmi dwar l-identifikazzjoni ta' tfal vittmi.
- Għodod konġunti, pereżempju meta korpi differenti jużaw l-istess sistema ta' ġestjoni tal-każijiet jew ikollhom laqgħat regolari għall-ġestjoni tal-każijiet.
- Evalwazzjoni perjodika tal-koordinazzjoni fejn il-professjonisti jiltaqgħu biex jirrevedu, jivvalutaw u jtejbu l-mekkaniżmi attwali ta' koordinazzjoni.

### Mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment biex jassistu lill-vittmi tat-traffikar

L-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) ipproduċiet manwal biex tipprovdi gwida dwar kif għandhom jiġu mfassla u implimentati mekkaniżmi u strutturi sostenibbli biex jiġi miġġieled it-traffikar tal-bnedmin u jiġu appoġġjati l-vittmi. Din tipprovdi wkoll informazzjoni dwar mudelli differenti biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni bejn korpi governattivi u mhux governattivi li jaħdmu fil-qasam tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) (2004), "National referral mechanisms — joining efforts to protect the rights of trafficked persons: A practical handbook"* (Mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment — ngħaqqdu l-isforzi biex nipproteġu d-drittijiet tal-persuni ttraffikati: Manwal prattiku).

L-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin għandu jkun parti mis-servizzi prinċipali tal-protezzjoni tal-minorenni, inklużi l-liġijiet, il-leġiżlazzjoni, il-politika u l-gwida. L-Istati Membri tal-UE għandhom jevitaw li l-każijiet tat-traffikar jgħaddu minn sistemi paralleli. Għalhekk huwa importanti li wara li jiġi identifikat, il-minorenni jiġi riferut immedjatament lis-sistema nazzjonali tal-protezzjoni tal-minorenni. Il-pulizija, li x'aktarx tkun l-ewwel awtorità li tiġi f'kuntatt mat-tfal, għandha tiżgura li l-każ jitressaq quddiem l-awtoritajiet u l-aġenziji kollha xierqa, inkluża s-sistema tal-protezzjoni tal-minorenni, kmieni kemm jista' jkun. Dan jiżgura approċċ ikkoordinat u olistiku. Għal dan il-għan, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi għandhom jintensifikaw l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' każijiet ta' traffikar tal-bnedmin kif ukoll għandhom itejbu l-infurzar tal-liġi transnazzjonali u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-UE u lil hinn minnha. Għandhom jiskambjaw ukoll intelligence dwar il-profili tar-riskju ma' Stati Membri oħra.

**JEKK TIXTIEQ ISSIR TAF AKTAR**

## Progress dwar il-mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment

Fl-Istati Membri ġew stabbiliti bosta mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment formalizzati jew mhux formalizzati. L-Istati Membri qed jagħmlu sforzi biex jiżguraw li l-mekkaniżmi jaħdmu bla xkiel u b'mod effettiv. Dawn irrapportaw żieda fil-kooperazzjoni transnazzjonali, inkluż ma' pajjiżi mhux tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali u s-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, dawn jirrikonoxxu li l-kooperazzjoni u n-netwerks stabbiliti naqqsu t-tul tal-proċeduri, filwaqt li enfasizzaw l-appoġġ tal-finanzjament tal-UE.

*Għal aktar informazzjoni ara, il-Kummissjoni Ewropea (2018), it-Tieni rapport ta' progress dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, p. 9.*

Approċċ komprensiv għat-traffikar tal-bnedmin jeħtieġ il-kooperazzjoni mill-qrib ta' firxa wiesgħa ta' atturi fil-livelli kollha. Dan jinkludi ħidma f'bosta oqsma, inkluż l-infurzar tal-liġi, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-manodopera, is-sess, id-drittijiet tat-tfal, il-ġbir ta' *data* u r-relazzjonijiet esterni tal-UE.

→ *Ara l-informazzjoni dwar ir-relaturi nazzjonali fit-28 Stat Membru tal-UE fuq is-sit web: Sit tal-UE dwar ir-relaturi nazzjonali*

Skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar, l-Istati Membri ħatru relaturi nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti. Dawn għandhom il-kompiti li ġejjin: li jivvalutaw ix-xejriet tat-traffikar tal-bnedmin; li jkejlu r-riżultati ta' azzjonijiet kontra t-traffikar; u jiġbru statistika u rapportar. Fil-livell tal-UE, il-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar jikkontribwixxi għal rispons ikkoordinat u kkonsolidat tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin. Dan jinvolvi l-iżgurar ta' kooperazzjoni mill-qrib fil-livell tal-UE, fil-kuntest tan-Netwerk tal-UE ta' relaturi nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti, il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin, u n-netwerk ta' Koordinazzjoni tal-punti ta' kuntatt tal-aġenziji tal-UE fl-aġenziji rilevanti tal-UE.

Din it-taqsima telenka l-awtoritajiet li l-azzjonijiet tagħhom għandhom tipikament jiġu kkoordinati. Għal kull waħda minn dawn l-awtoritajiet, din telenka l-kompiti differenti li huma normalment jiġu fdati biex jissodisfaw. Dawn il-kompiti mhumiex limitati biss għar-rispons immedjat, iżda jkopru wkoll passi li huma deskritti f'azzjonijiet sussegwenti. Madankollu, l-organizzazzjonijiet, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet elenkati hawnhekk mhumiex eżawrjenti. Il-lista tipprovdi biss gwida ġenerali li għandha tiġi adattata għall-kuntest nazzjonali jew lokali speċifiku.

Il-mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment għandhom jiċċaraw liema awtorità hija fdata bil-koordinazzjoni ġenerali, b'kunsiderazzjoni tar-rwol li jistgħu jaqdu l-awtoritajiet

għall-protezzjoni tal-minorenni, flimkien mal-Awtoritajiet Ċentrali maħtura skont ir-Regolament Brussell IIa.

## 1. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi

- Iwettqu valutazzjoni inizjali immedjata dwar jekk il-minorenni jistax jeħtieġ protezzjoni jew saħansitra jkun vittma tat-traffikar tal-bnedmin; b'mod ġenerali, issir valutazzjoni ulterjuri mis-servizzi soċjali jew mis-servizzi tal-protezzjoni tal-minorenni.
- Jistabbilixxu l-identità tal-minorenni, inkluż billi jikkontrollaw is-sistemi rilevanti tat-teknoloġija tal-informatika fuq skala kbira li għandhom aċċess għalihom.
- Jiġbru intelligence dwar il-minorenni, l-adulti li jakkumpanjawh u ċirkostanzi oħra tal-każ, inkluż minn aġenziji tal-infurzar tal-liġi fi Stati Membri oħra tal-UE u jqisu kooperazzjoni operattiva ulterjuri. Il-Europol tipprovdi għarfien espert u appoġġ, bażijiet ta' *data* ċentralizzati u mezz ta' komunikazzjoni.
- Iwettqu valutazzjoni tar-riskju u jistabbilixxu miżuri ta' protezzjoni fejn meħtieġ, f'konsultazzjoni mat-tutur u mas-servizzi tal-protezzjoni tal-minorenni.
- Jinformaw lill-minorenni li jkun wettaq reat dwar id-dritt tiegħu li jikkuntattja lill-awtoritajiet konsulari tal-pajjiż taċ-ċittadinanza tiegħu kif stipulat fl-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari.
- Jinvestigaw b'mod sħiħ ir-reati kriminali, inkluż billi jidentifikaw jekk potenzjalment hemmx tfal oħra (jew adulti) f'riskju, bil-għan li jipprevjenu u jidentifikaw il-kriminalità u jibdew proċedimenti legali.
- Jirreferu lill-minorenni lis-servizzi tal-protezzjoni tal-minorenni u jinformaw lill-unità tal-pulizija speċjalizzata għall-minorenni u l-vittmi tat-traffikar jew l-abbuż.
- Jibdew operazzjonijiet biex isibu vittmi possibbli. Jista' jkun hemm ukoll okkażjonijiet fejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu sabu biss it-traffikant, u jkun hemm evidenza, pereżempju permezz ta' materjal ta' vidjos jew ritratti, tal-eżistenza ta' tfal vittmi. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji, ta' spiss f'koordinazzjoni mal-Eurojust u awtoritajiet ta' Stati Membri oħra tal-UE, jibdew investigazzjonijiet ulterjuri biex isibu l-vittmi.

## 2. Is-servizzi soċjali u s-servizzi tal-protezzjoni tal-minorenni

- Jirċievu l-każijiet kollha bħala l-ewwel ħolqa fil-katina ta' riferiment.
- Jiftħu u jżommu fajl tal-każ individwali u kunfidenzjali għal kull minorenni.
- Jidentifikaw każijiet ta' tfal li jeħtieġu protezzjoni meta jsegwu każijiet soċjali riferuti mill-awtoritajiet tal-iskola jew dawk mediċi, ġirien jew oħrajn.
- Jipprovdu assistenza u protezzjoni immedjati direttament jew permezz ta' NGOs sottokuntrattati jew organizzazzjonijiet oħrajn.
- Jaħtru tutur temporanju jew jiżguraw li jinħatar tutur.
- Jivvalutaw l-aħjar interessi tal-minorenni, sabiex jiddeterminaw soluzzjonijiet fit-tul flimkien mat-tutur u mal-qorti.
- Jitolbu rapport soċjali mis-servizzi soċjali fil-pajjiż ta' residenza abitwali permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali skont ir-Regolament Brussell IIa.
- Jisimgħu lill-minorenni u jqisu l-fehmiet tiegħu fuq bażi regolari.
- Jinformaw u jikkonsultaw lit-tutur tal-minorenni dwar l-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet kollha relatati mal-minorenni.
- Jirreferu lill-minorenni għal assistenza u appoġġ xierqa, inkluż għall-mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment f'każ ta' tfal vittmi tat-traffikar.

Is-servizzi tal-protezzjoni tal-minorenni fil-pajjiż ta' residenza abitwali għandhom jagħmlu dan li ġej:

- Jintraċċaw lill-familja u jistabbilixxu l-kuntatt, jekk dan ikun fl-aħjar interess tal-minorenni.
- Jevalwaw is-sitwazzjoni tal-familja kif ukoll is-sitwazzjoni ġenerali tal-minorenni.
- Iħejju rapport soċjali għas-servizzi soċjali fejn ikun jinsab il-minorenni, li jista' jintbagħat permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali skont ir-Regolament Brussell IIa.
- Jiddiskutu l-miżuri temporanji u s-soluzzjoni fit-tul irrakkomandata mas-servizzi tal-protezzjoni tal-minorenni fejn ikun jinsab il-minorenni.
- Jissorveljaw il-benesseri tal-minorenni jekk jiġi ttrasferit lura lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali u jirrapportaw lill-awtorità ċentrali u lil korpi oħra kif meħtieġ.

- Jirreferu għal assistenza u appoġġ xierqa, inklużi l-mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment (NRM) fil-każ ta' tfal vittmi tat-traffikar.

## 3. Tutur

- Jaġixxi bħala l-persuna ewlenija ta' kuntatt u r-rabta bejn il-minorenni u s-servizzi jew l-individwi differenti li jkunu qrib il-minorenni.
- Jisma' lill-minorenni u jqis il-fehmiet tiegħu fuq bażi regolari.
- Jaġixxi bħala l-persuna ewlenija ta' fiduċja tal-minorenni.
- Jissorvelja l-benesseri tal-minorenni u jiżgura li l-minorenni jirċievi servizzi xierqa inklużi konsulenza legali u rappreżentanza legali bla ħlas.
- Jaġixxi bħala rappreżentant legali jew jikkoordina azzjonijiet jekk ikun ġie assenjat avukat.
- Jappoġġja lis-servizzi ta' protezzjoni tal-minorenni fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi tal-minorenni u fid-determinazzjoni ta' soluzzjonijiet fit-tul.

→ *Ara wkoll l-Azzjoni 2: Aħtar tutur.*

## 4. L-awtoritajiet konsulari

- Jipprovdu assistenza legali u assistenza oħra lil minorenni li jkun ġie miżmum talli jkun wettaq reat, skont l-Artikolu 36(c) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari.
- Jissalvagwardjaw l-interessi tal-minorenni, partikolarment fir-rigward tat-tutela, skont l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari, wara li jkunu ġew informati skont l-Artikolu 37(b) ta' din il-Konvenzjoni.
- Jaġixxu bħala kollegament bejn l-awtoritajiet taż-żewġ Stati Membri tal-UE, f'koordinazzjoni sħiħa mal-Awtoritajiet Ċentrali skont ir-Regolament Brussell IIa.
- Jipprovdu d-dettalji ta' kuntatt għal awtoritajiet differenti fil-pajjiż tar-residenza abitwali (ta' qabel).
- Jivverifikaw is-sistemi rilevanti tat-teknoloġija tal-informatika fuq skala kbira li huma intitolati li jkollhom aċċess għalihom.
- Jappoġġjaw lill-minorenni jew lill-professjonisti u l-organizzazzjonijiet involuti fit-traduzzjoni/l-interpretazzjoni jew servizzi legali.

- Jgħinu fit-tfittxija għal qraba.
- Jiksbu dokumenti uffiċjali u joħorġu dokumenti tal-ivvjaġġar.
- Jappoġġjaw lill-professjonisti jew lill-organizzazzjonijiet involuti b'informazzjoni dwar il-liġijiet tal-protezzjoni tal-minorenni fil-pajjiż ta' residenza abitwali (ta' qabel).
- Jagħmlu arranġamenti għall-ivvjaġġar u javvanzaw jew ikopru l-ispejjeż.

**5. L-awtorità ċentrali stabbilita skont ir-Regolament Brussell IIa**

- Taġixxi bħala l-punt ċentrali ewlieni biex tikkoordina l-komunikazzjoni bejn l-Istat Membru tal-UE fejn ikun jinsab il-minorenni u l-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minorenni. Fir-rigward tat-talbiet li jsiru skont ir-regolament, l-awtorità ċentrali tista' tikkoordina l-komunikazzjoni bejn is-servizzi soċjali, l-imħallfin u professjonisti oħra fl-Istati Membri kollha tal-UE. Il-funzjonijiet u d-dmirijiet ġenerali huma deskritti fl-Artikoli 53 sa 55 tar-Regolament Brussell IIa.
- Tittrażmetti talbiet lis-servizzi soċjali jew lis-servizzi tal-protezzjoni tal-minorenni għal rapport soċjali dwar is-sitwazzjoni ġenerali tal-minorenni.
- Taġixxi bħala kollegament jew tiffaċilita l-kuntatti bejn il-qrati.
- Tipprovdi informazzjoni u għajnuna lid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri mingħajr ħlas, sal-punt li dan ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni u ma jpoġġix lill-minorenni f'riskju li jiġi ttraffikat jew sfruttat mill-ġdid.
- Tikkomunika informazzjoni dwar il-liġijiet u l-proċeduri nazzjonali.
- Tikkollabora u tikkoordina mat-tutur tal-minorenni kif meħtieġ fir-rigward ta' talbiet li jsiru skont ir-regolament.
- Tappoġġja l-koordinazzjoni ta' organizzazzjonijiet nazzjonali involuti f'każ marbut ma' talbiet li jsiru skont ir-regolament.

**6. L-awtoritajiet ġudizzjarji**

- Jinformaw lill-awtoritajiet konsulari dwar l-istat tan-nazzjonalità tal-minorenni jekk dan ikun għadu ma sarx. L-Artikolu 37(b) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari jirrikjedi li l-awtoritajiet jinformaw lill-uffiċċju konsulari bl-intenzjoni li jaħtru tutur għal minorenni.
- Jaħtru tutur temporanju għall-minorenni.

- Jistabbilixxu kuntatt mal-qorti tal-Istat Membru tal-UE tar-residenza abitwali tal-minorenni biex tiddeċiedi dwar il-ġurisdizzjoni. Dan il-kuntatt jista' jiġi stabbilit permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali skont ir-Regolament Brussell IIa jew permezz tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew u n-netwerk stabbilit tal-Aja ta' mħallfin ta' kollegament.
- Jiddeċiedu dwar miżuri temporanji fil-qrati ċivili.
- Jiddeċiedu dwar it-traffikar u reati oħra fil-qrati kriminali.
- Jiżguraw li l-minorenni jkollu rappreżentant legali u aċċess għal pariri legali.
- Jieħdu evidenza kif meħtieġ, inkluż jekk il-minorenni jkun diġà ġie ttrasferit fi Stat Membru ieħor.

Fl-aħħar nett, għadd ta' organizzazzjonijiet oħra jistgħu jaqdu rwoli importanti:

- L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) tipprovdi diversi forom ta' għajnuna lit-tfal vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, bħal appoġġ għat-trasferiment tal-minorenni, akkoljenza fl-ajruport, akkomodazzjoni temporanja fil-pajjiż tad-destinazzjoni, konsulenza medika u psikoloġika, konsulenza soċjali u legali, u għotjiet għar-riintegrazzjoni.
- Is-Servizz Soċjali Internazzjonali jista' jiffaċilita firxa ta' kuntatti, iħejji rapporti soċjali dwar l-isfond tal-minorenni u l-familja mitluba mill-qrati u mill-awtoritajiet tal-benesseri tal-minorenni, jew jipprovdi appoġġ fit-trasferiment tal-minorenni.
- Organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili jistgħu joffru programmi ta' kura f'familja jew akkomodazzjoni speċjalizzata għat-tfal li jeħtieġu protezzjoni. Dan jinkludi b'mod partikolari dawk l-organizzazzjonijiet li jipprovdu appoġġ lill-vittmi. Id-dritt tal-Unjoni u l-politika tal-UE jagħtu valur lill-kontribut importanti tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Id-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar tagħmel referenza espliċita għar-rwol importanti li jaqdu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tirrikjedi li l-Istati Membri jaħdmu magħhom.

## Il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin

Il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin tnediet fl-2013, u bħalissa tlaqqa' flimkien aktar minn 100 NGO minn madwar l-UE u lil hinn minnha li

jaħdmu fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin. Barra minn hekk, hija kkomplementata wkoll minn Pjattaforma elettronika, li tinkludi organizzazzjonijiet addizzjonali.

*Għal aktar informazzjoni, ara s-sit web tal-Kummissjoni Ewropea.*

# Azzjoni 6: Irrispondi għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni

Malli minorenni jiġi mċaħħad mill-kustodja u jkun jeħtieġ protezzjoni, wara l-ewwel valutazzjoni inizjali mis-servizzi tal-protezzjoni tal-minorenni u l-ħatra ta' tutur, il-minorenni se jkun intitolat għal għadd ta' servizzi ta' protezzjoni. Tali appoġġ għandu jkopri ħtiġijiet bażiċi bħal kenn, kif ukoll ħtiġijiet aktar speċjalizzati bħal għajnuna psikosoċjali u psikjatrika jew servizzi riproduttivi. L-appoġġ meħtieġ se jkun jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi u l-esperjenzi speċifiċi tal-minorenni kif ukoll fuq l-età u s-sess, filwaqt li jitqiesu l-konsegwenzi tal-forma speċifika tan-negliġenza jew l-isfruttament ta' abbuż li l-minorenni jkun ġie soġġett għaliha.

L-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal jiddikjara li "States' Parties recognise the right of every child to a standard of living adequate for the child's physical, mental, spiritual, moral and social development" (l-Istati Partijiet jirrikonoxxu d-dritt ta' kull minorenni għal livell ta' għajxien xieraq għall-iżvilupp fiżiku, mentali, spiritwali, morali u soċjali tal-minorenni). Il-konvenzjoni tobbliga lill-Istati Membri tal-UE sabiex jissalvagwardjaw il-benesseri tal-minorenni u jipprovdu kura u appoġġ xierqa lit-tfal kollha li huma mċaħħda mill-ambjent tal-familja tagħhom, inklużi tfal mhux akkumpanjati, u b'mod partikolari lil dawk li jkunu sofrew abbuż (l-Artikoli 19 u 20).

B'mod aktar speċifiku, għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar jobbliga lill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE sabiex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi jingħataw għajnuna u appoġġ. L-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar jirrikjedi li l-Istati Membri tal-UE jirrispondu għall-ħtiġijiet speċjali tal-vittmi, li wħud minnhom jistgħu jsiru evidenti biss fi stadju aktar tard. Il-ħtiġijiet speċjali msemmija huma t-tqala, is-saħħa, id-diżabbiltà, id-disturb mentali jew psikoloġiku u forom serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali mġarrba. Il-vittmi tal-kriminalità, b'mod aktar ġenerali, għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi. Il-miżuri ta' għajnuna u ta' appoġġ previsti għandhom jiġu offruti irrispettivament mir-rieda tat-tfal biex jikkooperaw mal-investigazzjoni jew biex iressqu lment formali.

F'xi każijiet, l-għoti ta' għajnuna u appoġġ jista' jirrikjedi li l-minorenni jkun qed joqgħod legalment fil-pajjiż ospitanti. Billi, skont id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jiċċaqilqu b'mod liberu lejn Stat Membru ieħor tal-UE u jistgħu joqogħdu fih, huma għandhom id-dmir li jirreġistraw mal-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru jekk joqogħdu fih għal aktar minn tliet xhur. Biex jirreġistraw, jistgħu jintalbu jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet li jistipula l-Artikolu 7 tad-Direttiva, li jaf ma jkunux jistgħu jissodisfaw. Pereżempju, jaf ma jkunux irreġistrati fl-iskola jew jista' ma jkollhomx assigurazzjoni tas-saħħa. Sakemm ma tiġix iddefinita soluzzjoni fit-tul għall-minorenni u tkun meħtieġa r-reġistrazzjoni tagħhom biex ikollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ rilevanti, l-awtoritajiet responsabbli fl-Istati Membri tal-UE għandhom iqisu b'mod favorevoli li jestendu d-dritt ta' permanenza tal-minorenni.

Fil-każijiet kollha, il-minorenni għandu jiġi informat dwar l-għażliet ta' appoġġ u għandu jiġi kkonsultat dwar ħtiġijiet u għażliet immedjati. Id-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar (l-Artikolu 14) u d-Direttiva dwar l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal (l-Artikolu 19) jistabbilixxu d-dmir li jitqiesu l-fehmiet tal-minorenni, meta tittieħed deċiżjoni dwar miżuri speċifiċi ta' appoġġ lill-minorenni.

Il-protezzjoni tal-minorenni mċaħħda mill-kustodja u li jeħtieġu protezzjoni fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess ta' spiss iwassal għal deċiżjonijiet dwar tqegħid ta' emerġenza. Dan jirrikjedi l-applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIa. Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Brussell IIa, l-Istat Membru fejn ikun jinsab il-minorenni jista' jadotta miżuri protettivi ta' emerġenza, disponibbli skont il-liġi nazzjonali tiegħu, kemm jekk Stat Membru ieħor tal-UE jkollu ġurisdizzjoni fuq is-sustanza tal-kwistjoni kif ukoll jekk le. Miżuri ta' emerġenza inizjali biex jiġu żgurati ħtiġijiet immedjati se jirrikjedu valutazzjoni mill-ġdid u aġġustament fuq bażi regolari, speċjalment meta ma tkun saret l-ebda valutazzjoni individwali xierqa inizjalment minħabba l-urġenza tal-każ, jew jekk iċ-ċirkostanzi jkunu nbidlu.

→ *Ara wkoll l-Azzjoni 7: Stabbilixxi ġurisdizzjoni u kooperazzjoni transnazzjonali.*

It-Tabella 4 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-għajnuna li t-tfal misjuba fil-bżonn ta' protezzjoni, inklużi tfal vittmi ta' traffikar, huma intitolati li jirċievu skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-istrumenti tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-vittmi u l-ġustizzja kriminali.

Tfal imċaħħda mill-kustodja li jinsabu fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess

**Tabella 4: Ir-referenzi fl-istrumenti internazzjonali, reġjonali u tal-UE**

| Strument | Akkomo-dazzjoni | Edukazz-joni | Kura tas-saħħa | Appoġġ psikolo-ġiku | In-traċċar tal-familja | Sigurtà | Valutazz-joni indi-vidwali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Strumenti internazzjonali u reġjonali | | | | | | | |
| Il-Konven-zjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal | Artikolu 27 | Artikoli 19, 23(3) u (4), 24(2)(e)(f), 28, 29, 32, 33 | Artikoli 17, 23, 24, 25, 39 | Artikoli 23, 39 | Artikolu 22(2) | Artikoli 3, 19 | – |
| Il-Kon-venzjoni tal-Kunsill tal-Ew-ropa dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar | Artikolu 12(1)(a) | Artikolu 12(1)(f),(4) | Artikolu 12 (1)(b) u (2) | – | Artikolu 10 (4)(c) | Artikolu 12(2) | Artikolu 12 (7) |
| Il-Kon-venzjoni Lanzarote tal-Kunsill tal-Ewropa | – | Artikolu 6 | Artikolu 14(4) | Artikolu 14(1, 4) | – | Artikoli 5, 14(3), 31(1)(b)(f) | Artikolu 14(1) |
| Strumenti tal-UE | | | | | | | |
| Id-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar | Artikolu 11(5) | Premessi 6, 22, 25; Artikoli 14(1) | Premessi 12, 20, 25; Artikolu 11(7) | Premessa 22; Artikolu 11(5) | – | Premessa 18; Artikolu 11 (5) | Premessi 18, 19, 20, 23; Artikoli 12 (3) u (4), 14, 16 |
| Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi | Premessa 38; Artikolu 9 | Premessa 62; Artikolu 26(2) | Premessi 9, 56, 64 | Premessi 38, 39; Artikoli 4(1)(a), 9 (1)(c) | – | Premessi 38, 52; Artikoli 9 (3), 12 | Premessi 55, 56, 58, 59, 61; Artikoli 1, 2(2)(a), 21(1), 22, 23 |
| Id-Direttiva dwar l-Is-fruttament Sesswali tat-Tfal | – | Premessa 34; Artikolu 23 | Premessa 36 | Premessi 31, 37 | – | – | Artikolu 19 |

*Nota: – = mhux applikabbli.*
*Sors: FRA, 2019*

# L-akkomodazzjoni

L-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal jirrikonoxxi d-dritt ta' kull minorenni għal livell ta' għajxien xieraq għall-iżvilupp fiżiku, mentali, spiritwali, morali u soċjali tal-minorenni. Dan jinkludi akkomodazzjoni xierqa.

B'mod aktar speċifiku, għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva tal-UE Dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar jirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu akkomodazzjoni xierqa u sikura. L-akkomodazzjoni għandha tkun adattata għall-minorenni, billi jitqiesu l-età u s-sess tiegħu, ir-riskji u l-ħtiġijiet speċjali tal-minorenni (bħal diżabbiltà jew trawma). It-tfal imċaħħda mill-kustodja m'għandhomx jingħataw akkomodazzjoni ma' adulti mhux qraba tagħhom, anke jekk l-esperjenzi tagħhom jistgħu jkunu simili (pereżempju bniet u nisa li jkunu vittmi ta' sfruttament sesswali). It-tipi ta' akkomodazzjoni jistgħu jinkludu, pereżempju, foster homes, djar residenzjali jew djar ta' kenn speċjalizzati u sikuri.

Is-sikurezza hija aspett importanti li għandu jiġi evalwat meta wieħed ifittex l-aktar akkomodazzjoni xierqa. Il-minorenni jista' jkun għadu taħt l-influwenza tal-persuna li sfruttat jew ittraffikat lill-minorenni, jew l-awtur jaf ikun jixtieq jistabbilixxi kuntatt mal-minorenni. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi se jkollhom bżonn jivvalutaw is-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet ta' sikurezza tal-minorenni. F'xi każijiet, jista' jkun meħtieġ kenn speċjalizzat għat-tfal vittmi. Dawn il-postijiet ta' kenn ġeneralment ikunu jinsabu f'postijiet mhux magħrufa biex it-tfal jiġu protetti mill-awtur u min-netwerk tiegħu. Dawn il-postijiet ta' kenn huma mmonitorjati mill-qrib u l-aċċess għalihom huwa ristrett.

Minħabba tħassib dwar is-sikurezza kif ukoll kunsiderazzjonijiet tal-aħjar interessi, il-minorenni jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jinżamm inizjalment f'akkomodazzjoni li ċċaħħad lill-minorenni mil-libertà. Madankollu, il-protezzjoni tal-minorenni, jew il-prevenzjoni tiegħu milli jaħrab, għandha tkun ibbilanċjata ma' drittijiet oħra tal-minorenni, bħad-dritt għal-libertà. F'każijiet eċċezzjonali ħafna biss huwa legali li l-minorenni jiġi mċaħħad mil-libertà.

# L-edukazzjoni

L-Artikolu 28 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal jirrikonoxxi d-dritt tal-minorenni għall-edukazzjoni. L-edukazzjoni għandha tingħata kmieni kemm jista' jkun sabiex tiffaċilita l-irkupru tal-vittma u n-normalizzazzjoni tal-ħajja ta' kuljum.

Għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar jistabbilixxi li "Fi żmien raġonevoli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu aċċess għall-edukazzjoni għall-vittmi tfal u għat-tfal tal-vittmi li jingħataw assistenza u appoġġ skont l-Artikolu 11, skont il-liġi nazzjonali tagħhom."

It-tfal, it-tutur, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tat-tfal u l-persunal tal-postijiet ta' kenn għandhom jiddeċiedu flimkien jekk il-minorenni huwiex lest li jkollu aċċess għal ċerti attivitajiet edukattivi jew għas-sistema skolastika prinċipali. Dan se jiddependi fuq l-istat psikoloġiku tal-minorenni, l-għarfien tiegħu tal-lingwa lokali, l-edukazzjoni preċedenti tiegħu u t-tul mistenni tar-residenza. Madankollu, l-Istati Membri tal-UE għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għall-edukazzjoni mill-aktar fis possibbli sabiex jippromwovu l-irkupru, itejbu s-sens ta' valur tat-tfal u jgħinu lit-tfal jieħdu kontroll ta' ħajjithom u tal-futur.

F'każijiet fejn ikun ċar li l-minorenni se jiġi ttrasferit lejn l-Istat Membru tal-UE ta' residenza abitwali f'perjodu qasir ħafna (eż. xahar jew xahrejn), l-isforzi għandhom jikkonċentraw fuq it-tħejjija tal-integrazzjoni edukattiva tal-minorenni fl-Istat Membru tal-UE fejn ikun qed jiġi ttrasferit il-minorenni. Tali sforzi jinkludu, pereżempju, ir-reġistrazzjoni tal-minorenni fl-iskola jew fit-taħriġ vokazzjonali, xogħol ta' tħejjija mal-ġenituri biex tkun iffaċilitata l-integrazzjoni fl-iskola, filwaqt li jkunu indirizzati sfidi prattiċi oħra relatati mal-miżati tal-iskola, it-trasport, eċċ.

Il-fornituri tas-servizzi għandhom jippromwovu wkoll l-aċċess tal-minorenni għall-attivitajiet ta' divertiment, inklużi attivitajiet ta' logħob u ta' rikreazzjoni adattati għall-età, il-maturità u l-interessi tiegħu. Dan huwa importanti b'mod speċjali għal dawk it-tfal li x'aktarx dalwaqt se jiġu ttrasferiti lejn Stat Membru ieħor. Tali attivitajiet għandhom ikunu offruti fil-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni jew fil-komunità, fejn xieraq, u għandu jkollhom l-għan li jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u l-interazzjonijiet tal-minorenni ma' sħabu u mal-komunità lokali. L-iżgurar taż-żamma ta' tali rutina ta' kuljum jappoġġja l-irkupru tal-minorenni.

## Linji Gwida tan-NU dwar kura alternattiva

L-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat Linji Gwida għall-kura alternattiva tat-tfal. Dawn jipprovdu prinċipji internazzjonali dwar il-prevenzjoni tas-separazzjoni tal-familja, ir-riintegrazzjoni tal-familja, mudelli ta' kura alternattiva, il-monitoraġġ u l-appoġġ għall-kura ta' wara. Il-linji gwida japplikaw għall-entitajiet pubbliċi u privati kollha u għall-persuni kollha involuti fl-arranġamenti għal minorenni li jkun jeħtieġ kura waqt li jkun f'pajjiż differenti mill-pajjiż ta' residenza abitwali tiegħu (il-paragrafu 140).

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, "Guidelines for the alternative care of children"* (Linji Gwida għall-kura alternattiva tat-tfal), *riżoluzzjoni adottata fit-18 ta' Diċembru 2009.*

# Il-kura tas-saħħa

L-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal jistipula d-dritt tal-minorenni biex igawdi l-ogħla standard ta' saħħa li jista' jinkiseb. L-awtoritajiet għandhom jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-saħħa tal-minorenni fuq perjodu ta' żmien qasir u fit-tul, inkluż l-irkupru fiżiku, l-għajnuna psikoloġika jew psikjatrika f'każijiet ta' disturb minn stress postrawmatiku.

Għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva tal-UE Kontra t-Traffikar tirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu l-kura medika meħtieġa, inkluża l-assistenza psikoloġika. L-Artikolu 11(7) jirrikjedi wkoll li tingħata attenzjoni għall-ħtiġijiet speċjali tal-vittmi, inklużi dawk li jirriżultaw minn saħħithom, diżabbiltà jew disturb mentali jew psikoloġiku.

Il-kura psikosoċjali hija essenzjali għall-irkupru ta' tfal li jkunu sofrew kwalunkwe tip ta' abbuż. Dan jista' jkun partikolarment minnu għal tfal li l-ġenituri tagħhom kellhom rwol fl-isfruttament jew fl-abbuż. Servizzi oħra tal-kura tas-saħħa, bħall-programmi ta' ditossifikazzjoni għal tfal li jieħdu d-droga, jistgħu jkunu meħtieġa wkoll bħala miżuri urġenti immedjati fl-Istat Membru tal-UE fejn ikun jinsab il-minorenni. Jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri fit-tul ladarba l-minorenni jkun issetilja.

Il-bżonnijiet psikoloġiċi tat-tfal jistgħu jsiru evidenti fi stadju aktar tard biss, ladarba l-persunal speċjalizzat ikun kiseb il-fiduċja tal-minorenni u l-minorenni jkun lest jaqsam aktar informazzjoni dwar l-esperjenza tiegħu. Tfal li jesperjenzaw diffikultajiet fl-imġiba jistgħu jweġġgħu lilhom infushom, jew isiru aggressivi lejn professjonisti jew tfal oħra. Dawn jistgħu jirreżistu wkoll id-dixxiplina jew jirrifjutaw kull tip ta' interazzjoni ma' persuni oħra. Professjonisti li jipprovdu servizzi lit-tfal għandhom ikunu mħarrġa u jkunu kapaċi jkomplu jipprovdu għajnuna protettiva lit-tfal b'dawn it-tipi ta' diffikultajiet fl-imġiba.

Il-bniet u s-subien għandu jkollhom aċċess għas-servizzi tas-saħħa riproduttiva, kif issuġġerit mill-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal fil-General Comment No 15 on the right of the child to the enjoyment of the highest attainable standard of health (Kumment Ġenerali Nru 15 tiegħu dwar id-dritt tal-minorenni li jgawdu l-ogħla standard ta' saħħa li jista' jinkiseb). Dan għandu japplika b'mod speċjali għal dawk it-tfal li jkunu vittmi ta' abbuż jew sfruttament sesswali sabiex jiġi evitat jew jiġi

ttrattat il-mard trażmess sesswalment. Għall-bniet li huma vittmi ta' abbuż sesswali, l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa riproduttiva huwa essenzjali, speċjalment f'każijiet ta' tqala. It-tfal għandhom jingħataw l-opportunità li jagħżlu s-sess tal-persunal tas-saħħa li se jgħinhom.

### 🕮 Studju dwar id-dimensjoni tas-sessi tat-traffikar tal-bnedmin

L-istudju dwar id-dimensjoni tas-sessi tat-traffikar tal-bnedmin enfasizza li "trafficking is a serious crime and violation of human rights with particularly horrific long-term implications for its victims. Victims of trafficking for purposes of sexual exploitation experience sexual brutality that causes serious damage to health and well-being. This sexual violence may cause vaginal injuries in women that lead to high rates of sexually transmitted infections and risk of contracting HIV, and high rates of post-traumatic stress disorder, anxiety and depression. Victims live in fear of repercussions to themselves and/or their families if they attempt to escape; moreover, rates of re-trafficking of those who do exit are high" (it-traffikar huwa reat serju u ksur tad-drittijiet tal-bniedem b'implikazzjonijiet partikolarment orribbli fit-tul għall-vittmi tiegħu. Il-vittmi tat-traffikar għal finijiet ta' sfruttament sesswali jesperjenzaw brutalità sesswali li tikkawża ħsara serja lis-saħħa u lill-benesseri. Din il-vjolenza sesswali tista' tikkawża korrimenti vaġinali fin-nisa li jwasslu għal rati għolja ta' infezzjonijiet trażmessi sesswalment u għar-riskju li wieħed jiġi infettat bl-HIV, u rati għolja ta' problemi minn stress postrawmatiku, ansjetà u dipressjoni. Il-vittmi jgħixu bil-biża' ta' riperkussjonijiet fuqhom infushom u/jew fuq il-familji tagħhom jekk jippruvaw jaħarbu; barra minn hekk, ir-rati ta' traffikar mill-ġdid ta' dawk li jirnexxilhom jaħarbu huma għolja). Huwa jsemmi wkoll li "The mental health harms caused by the grooming, coercion, threats, isolation, normalised daily violence, substance use and the trauma of being trafficked for the purposes of sexual exploitation are severe and enduring" (Id-danni fuq is-saħħa mentali kkawżati mit-tħejjija, il-koerċizzjoni, it-theddid, l-iżolament, vjolenza ta' kuljum normalizzata, l-użu ta' sustanzi u t-trawma li wieħed jiġi ttrafikat għal finijiet ta' sfruttament sesswali huma serji u fit-tul).

*Il-Kummissjoni Ewropea (2015), Study on the gender dimension of trafficking in human beings* (Studju dwar id-dimensjoni tas-sessi fit-traffikar tal-bnedmin).

## L-intraċċar tal-familja

Il-familja hija unità fundamentali tas-soċjetà u l-ambjent naturali għall-iżvilupp u l-benesseri tal-membri tagħha, b'mod partikolari it-tfal. Id-dritt tal-minorenni għall-ħajja tal-familja għandu jiġi rrispettat bis-sħiħ. L-evitar tas-separazzjoni tal-familja u l-preservazzjoni tal-unità tal-familja huma komponenti importanti ta' kull sistema tal-protezzjoni tal-minorenni. Skont l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, f'każijiet ta' separazzjoni, il-minorenni għandu d-dritt li jżomm kuntatt dirett u relazzjonijiet personali mal-ġenituri u l-membri tal-familja tiegħu, ħlief meta dan imur kontra l-aħjar interessi tal-minorenni. Il-fehmiet tal-minorenni

u tat-tutur għandhom jitqiesu waqt il-proċess. L-awtoritajiet għandhom ġeneralment jitolbu l-kunsens tal-minorenni biex jistabbilixxu kuntatt mal-familja, skont l-età u l-maturità tal-minorenni.

## Studju dwar gruppi b'riskju għoli għat-traffikar tal-bnedmin

"While the removal of a child from his or her family is undoubtedly an action of last resort, in the cases where the family itself is a dysfunctional environment and is involved in the exploitation of the child, the focus should be on early detection and provision of alternative care solutions." (Filwaqt li t-tneħħija ta' minorenni mill-familja tiegħu hija mingħajr dubju azzjoni bħala l-aħħar alternattiva, fil-każijiet fejn il-familja tkun fiha nnifisha ambjent li ma jiffunzjonax u tkun involuta fl-isfruttament tat-tfal, l-enfasi għandha tkun fuq is-sejbien bikri u l-provvediment ta' soluzzjonijiet ta' kura alternattiva.)

*Il-Kummissjoni Ewropea (2015), Study on high-risk groups for trafficking in human beings* (Studju dwar Gruppi b'Riskju Għoli għat-traffikar tal-bnedmin)*, p. 85.*

L-aħjar interessi tal-minorenni, il-parteċipazzjoni tat-tfal u l-puntwalità huma prinċipji importanti għall-intraċċar tal-familja. Qabel ma jsiru sforzi biex jerġa' jinkiseb kuntatt, l-awtoritajiet għandhom jivvalutaw il-kapaċità tal-ġenituri, sabiex jiżguraw li l-ġenituri mhumiex se jpoġġu lill-minorenni f'riskju u li ma jkun hemm l-ebda involviment tal-ġenituri fit-traffikar jew fl-abbuż inizjali tal-minorenni. Meta tiġi intraċċata l-familja, għandu jitqies l-ammont ta' informazzjoni dwar l-esperjenza tat-traffikar li għandha tiġi kondiviża mal-familja. Ċerta informazzjoni tista' twassal biex il-familja u l-minorenni jiġu mhedda mit-traffikanti. Informazzjoni oħra, bħal dik dwar l-isfruttament sesswali, tista' tistigmatizza lill-minorenni fil-familja u fil-komunità kollha. Sitwazzjonijiet riskjużi fejn il-familja tkun taħt pressjoni minħabba dejn mat-traffikanti għandhom jitqiesu wkoll bir-reqqa.

L-intraċċar tal-familja huwa ġeneralment ir-responsabbiltà tas-servizzi soċjali jew tas-servizzi tal-protezzjoni tal-minorenni, f'kooperazzjoni mill-qrib mat-tutur. Se jkun meħtieġ li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-minorenni ta' Stati Membri differenti tal-UE jikkooperaw ma' xulxin biex jevalwaw is-sitwazzjoni tal-familja f'każijiet fejn il-minorenni u l-familja jkunu jinsabu fi Stati Membri differenti tal-UE. F'każijiet ta' tfal li jiċċaqilqu fl-UE, l-Awtoritajiet Ċentrali stabbiliti skont ir-Regolament Brussell IIa jkunu f'pożizzjoni li jiffaċilitaw il-kuntatt u li jitolbu direttament lis-servizzi tal-protezzjoni tal-minorenni tal-Istat Membru rilevanti tal-UE biex iwettqu rapport dwar is-sitwazzjoni soċjali tal-minorenni. F'ċerti każijiet, l-Awtoritajiet Ċentrali jista' jkollhom ukoll il-kompitu li jżommu lill-ġenituri informati dwar is-sitwazzjoni tal-minorenni, sakemm

dan ma jmurx kontra l-aħjar interessi tal-minorenni. Bl-istess mod, il-minorenni għandu jinżamm informat dwar l-isforzi li jkunu qed isiru biex tiġi intraċċata l-familja tiegħu.

## Is-sikurezza

L-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal jobbliga lill-Istati jieħdu miżuri biex jipproteġu lill-minorenni mill-forom kollha ta' vjolenza fiżika jew mentali, korriment jew abbuż, negliġenza jew trattament negliġenti, trattament ħażin jew sfruttament, inkluż abbuż sesswali. L-awtoritajiet huma responsabbli biex jiżguraw is-sikurezza tal-minorenni. Dan jinkludi li jinħoloq ambjent għall-irkupru kif ukoll li tiġi evitata sitwazzjoni fejn jerġa' jsir l-abbuż jew l-isfruttament.

Għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva tal-UE Dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar u, għall-vittmi ta' reati b'mod ġenerali, l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi jirrikjedu li l-awtoritajiet jipprovdu akkomodazzjoni sikura. Fil-kuntest ta' servizzi ta' ġustizzja restorattiva, l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi jipprevedi miżuri li jissalvagwardjaw lill-vittma minn vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, minn intimidazzjoni u minn ritaljazzjoni.

L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, flimkien mat-tutur u mas-servizzi tal-protezzjoni tal-minorenni, għandhom iwettqu valutazzjoni inizjali tas-sigurtà. Oħrajn, bħall-professjonisti fil-kura medika u l-persunal ta' postijiet li joffru kenn, għandhom jiġu kkonsultati wkoll, jekk ikun meħtieġ. Il-valutazzjoni tas-sigurtà għandha tiġi ripetuta u aġġornata regolarment. Dawk li jkunu qed jistabbilixxu soluzzjoni fit-tul se jkunu jeħtieġu wkoll valutazzjoni speċifika tar-riskju dwar iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż tar-residenza abitwali.

→ *Ara wkoll l-Azzjoni 9: Iddetermina u implimenta soluzzjonijiet fit-tul.*

**Lista ta' kontroll: l-elementi ewlenin tal-valutazzjoni tar-riskju**

√ Informa lill-minorenni bl-iskop tal-valutazzjoni tar-riskju u ara jekk il-minorenni jkunx fehem dan.

√ Żgura li l-minorenni jinstema' u li l-fehmiet tiegħu jitqiesu kif xieraq skont l-età u l-maturità tiegħu u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ.

√ Żgura li jiġu identifikati riskji speċifiċi għas-sessi, pereżempju, fir-rigward tat-tip ta' sfruttament jew abbuż li jkun sar.

√ Ħu miżuri addizzjonali biex tindirizza l-vulnerabbiltà partikolari ta' bniet u subien li jista' jkollhom diżabbiltà.

√ Qis ħtiġijiet addizzjonali f'każijiet ta' tfal li jkunu leżbjani, omosesswali, bisesswali, transgender jew intersesswali.

√ Offri lill-minorenni l-għażla li jesprimi l-preferenza tiegħu dwar jekk l-uffiċjal li jwettaq l-evalwazzjoni tar-riskju għandux ikun raġel jew mara, speċjalment f'każijiet ta' abbuż jew sfruttament sesswali.

√ Iġbor intelligence dwar l-awturi, l-assoċjati tagħhom u n-netwerk tal-minorenni, inklużi l-adulti li jakkumpanjawh, membri tal-familja estiża fil-pajjiż fejn ikun jinsab il-minorenni u tfal oħra li l-vittma setgħet kienet qed tinteraġixxi magħhom.

√ Ivvaluta l-livell ta' theddida għas-sigurtà u ssuġġerixxi azzjonijiet preventivi kif meħtieġ (eż. f'termini ta' akkomodazzjoni, aċċess għall-minorenni, kuntatt ma' membri tal-familja, eċċ.).

√ Ivvaluta b'mod regolari r-riskju li l-minorenni jaħrab u ħu miżuri preventivi. Stabbilixxi relazzjoni ta' fiduċja u żgura li kura ta' kwalità għolja hija l-aħjar mod biex it-tfal ma jiġux nieqsa.

√ Irrapporta minnufih lill-pulizija u lil awtoritajiet oħra rilevanti jekk il-minorenni jiġi nieqes.

√ Aġġorna l-valutazzjoni tas-sigurtà u ddokumenta kwalunkwe bidla jew informazzjoni ġdida li ssir disponibbli.

### Manwal għall-prattikanti tal-ġustizzja kriminali

L-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi u l-Kriminalità (UNODC) żviluppa manwal prattiku biex jappoġġja lill-prattikanti tal-ġustizzja kriminali fil-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, il-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, il-prosekuzzjoni tat-trasgressuri u l-kooperazzjoni internazzjonali meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Il-manwal fih 14-il modulu. Il-modulu 5 tal-manwal jiffoka fuq il-valutazzjoni tar-riskju u l-mistoqsijiet ewlenin li għandhom jitqiesu meta jitwettqu l-valutazzjonijiet tar-riskju.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-UNODC (2009), "Anti-human trafficking manual for criminal justice practitioners"* (Manwal Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin għall-prattikanti fil-qasam tal-ġustizzja kriminali).

# Azzjoni 7: Stabbilixxi ġurisdizzjoni u kooperazzjoni transnazzjonali

L-Istati għandhom l-obbligu li jipproteġu lit-tfal kollha taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom. Dan jirrikjedi li jiġi ċċarat liema Stat għandu l-ġurisdizzjoni biex jieħu liema tip ta' miżuri u meta. Għal dan, l-Istati Membri tal-UE jeħtieġ li jikkooperaw ma' xulxin.

L-istabbiliment ta' ġurisdizzjoni huwa biss wieħed mill-għanijiet li jirrikjedu mekkaniżmi effettivi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE. L-awtoritajiet tal-pulizija u dawk ġudizzjarji għandhom jikkooperaw sabiex ir-reati transnazzjonali jiġu indirizzati b'mod effettiv. Mingħajr kooperazzjoni bejn l-Istat Membru tal-UE fejn ikun jinsab il-minorenni u l-Istat Membru tal-UE ta' residenza abitwali tal-minorenni, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet se jkun diffiċli biex jiġu vvalutati l-aħjar interessi tal-minorenni u biex tittieħed deċiżjoni dwar l-aktar soluzzjoni xierqa fit-tul.

### Is-sistemi tal-protezzjoni tal-minorenni jeħtieġu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali

"In view of the increasing prevalence of children in cross-border situations in need of child protection measures, efforts are stepped up by: clarifying roles and responsibilities, keeping abreast of country of origin information, ensuring a national focal point for child protection matters, adopting procedures/guidance/protocols/processes, for example, for the transfer of responsibility within the context of asylum procedures (Dublin Regulation), or when considering out of country care placements, or family tracing and protection in cases of child trafficking." (Fid-dawl tal-prevalenza dejjem akbar ta' tfal f'sitwazzjonijiet transkonfinali li jeħtieġu miżuri ta' protezzjoni tal-minorenni, l-isforzi jiżdiedu billi: jiġu kkjarifikati r-rwoli u r-responsabbiltajiet, tinżamm aġġornata l-informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini, jiġi żgurat punt fokali nazzjonali għal kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-minorenni, jiġu adottati proċeduri/gwida/protokolli/proċessi, pereżempju, għat-trasferiment tar-responsabbiltà fil-kuntest ta' proċeduri ta'

asil (ir-Regolament ta' Dublin), jew meta jitqies tqegħid barra mill-pajjiż, jew l-intraċċar tal-familja u protezzjoni f'każijiet ta' traffikar ta' minorenni.)

*Kummissjoni Ewropea (2015), Reflection paper on integrated child protection systems* (Dokument ta' riflessjoni dwar sistemi integrati għall-protezzjoni tal-minorenni), *prinċipju 7.*

Il-professjonisti jistgħu jużaw għadd ta' mekkaniżmi għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE, li ġew stabbiliti bil-liġi jew bil-prattika. Dawn jinqasmu f'mekkaniżmi tal-liġi ċivili u kriminali.

# Kwistjonijiet ta' liġi ċivili, inkluża l-protezzjoni tal-minorenni

Skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Istati Partijiet għandhom jirrispettaw id-drittijiet stabbiliti fiha u jiżgurawhom fil-konfront ta' kull minorenni fil-ġurisdizzjoni tagħhom mingħajr diskriminazzjoni, irrispettivament mill-istatus tal-minorenni.

## 🕮 Tfal li jgawdu mid-drittijiet tagħhom

"State obligations under the Convention apply within the borders of a State, including with respect to those children who come under the State's jurisdiction while attempting to enter the country's territory. Therefore, the enjoyment of rights is not limited to children who are citizens of a State party and must therefore, if not explicitly stated otherwise in the Convention, also be available to all children — including asylum-seeking, refugee and migrant children — irrespective of their nationality, immigration status or statelessness." (L-obbligi tal-Istat skont il-Konvenzjoni japplikaw fil-fruntieri ta' Stat, inkluż fir-rigward ta' dawk it-tfal li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istat waqt li jkunu qed jippruvaw jidħlu fit-territorju tal-pajjiż. Għalhekk, it-tgawdija tad-drittijiet mhijiex limitata għat-tfal li huma ċittadini ta' Stat parti u għalhekk, jekk ma jkunx espliċitament iddikjarat mod ieħor fil-Konvenzjoni, għandha tkun disponibbli wkoll għat-tfal kollha — inklużi dawk li jfittxu l-asil, ir-refuġjati u t-tfal migranti — irrispettivament min-nazzjonalità, l-istatus ta' immigrazzjoni jew l-apolidija tagħhom.)

*Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2005), General Comment No 6 on the treatment of unaccompanied children* (Kumment Ġenerali Nru 6 dwar it-trattament ta' tfal mhux akkumpanjati), *paragrafu 12.*

Dan ifisser li l-minorenni kollha huma intitolati għal ċerti miżuri immedjati ta' protezzjoni fl-Istat Membru tal-UE fejn ikunu jinsabu, bħal kenn, ikel jew għajnuna medika, sakemm is-sitwazzjoni ta' dak il-minorenni tkun evalwata aktar u tinstab soluzzjoni fit-tul.

Id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-ġustizzja ċivili — b'mod aktar speċifiku r-Regolament Brussell IIa— u l-liġi internazzjonali privata jiddeterminaw jekk il-qrati ta' Stat Membru tal-UE għandhomx ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri ta' protezzjoni tal-minorenni f'sitwazzjonijiet transnazzjonali li jinvolvu aktar minn Stat Membru wieħed. Ir-regolament jirrifletti l-prinċipji tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996, li tipprevedi wkoll regoli li jiddeterminaw jekk l-awtoritajiet ta' Parti Kontraenti għandhomx il-ġurisdizzjoni biex jieħdu tali miżuri f'sitwazzjonijiet b'element transkonfinali. L-Istati Membri tal-UE għandhom japplikaw ir-Regolament u mhux il-Konvenzjoni f'każ li l-minorenni kkonċernat ikun jirrisjedi abitwalment fi Stat Membru tal-UE.

## Regoli biex tiġi stabbilita ġurisdizzjoni

L-Artikolu 8 fir-Regolament Brussell IIa jistabbilixxi li l-qrati fl-Istat Membru tal-UE fejn il-minorenni ikun "jirrisjedi abitwalment", għandhom bħala regola ġenerali l-ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri sabiex jipproteġu lill-minorenni. Din id-dispożizzjoni tirrifletti l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 skont liema l-awtoritajiet tal-Istat kontraenti tar-residenza abitwali tal-minorenni għandhom il-ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri ta' protezzjoni fil-konfront ta' dak il-minorenni. Meta r-residenza abitwali tal-minorenni ma tkunx tista' tiġi stabbilita jew il-minorenni jkun refuġjat jew persuna spostata internazzjonalment, l-awtoritajiet fl-Istat Membru fejn ikun jinsab il-minorenni għandhom il-ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri bil-għan li jipproteġu lill-minorenni (l-Artikolu 13 tar-Regolament Brussell IIa). Raġuni simili ta' ġurisdizzjoni, ibbażata fuq il-preżenza tal-minorenni fit-territorju ta' Stat kontraenti, tinsab fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996. B'riżultat ta' dan, meta r-residenza abitwali ta' minorenni ma tkunx tista' tiġi stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE, tapplika l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996. Ara l-Illustrazzjoni 10 dwar ir-regoli biex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni.

Fir-rigward ta' minorenni mhux akkumpanjat li jkun vittma tat-traffikar tal-bnedmin, l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar jipprovdi li l-Istat Membru li jidentifika vittma għandu jieħu l-miżuri meħtieġa bil-għan li tinstab soluzzjoni fit-tul.

Ir-Regolament Brussell IIa jirreferi għall-ġurisdizzjoni ta' "qorti" iżda dan ikopri kull awtorità li għandha ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jaqgħu fil-qafas tar-Regolament, bħall-awtoritajiet soċjali u dawk tal-protezzjoni tal-minorenni (ara l-Artikolu 2(1) tar-Regolament u l-Gwida prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIa).

**Illustrazzjoni 10: Regoli biex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni f'każijiet relatati mal-protezzjoni tal-minorenni**




*Sors: FRA, 2019*

Eċċezzjonalment, l-Artikolu 15 tar-Regolament Brussell IIa jippermetti wkoll it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni lil qorti li tkun f'pożizzjoni aħjar sabiex tisma' l-każ.

Biex it-trasferiment ikun legali, il-minorenni għandu jkollu rabta partikolari mal-Istat Membru u t-trasferiment għandu jkun fl-aħjar interess tal-minorenni. Tkun teżisti rabta partikolari ma' Stat Membru tal-UE jekk:

- il-minorenni jkun akkwista r-residenza abitwali hemmhekk wara li tkun ġiet invokata l-qorti ta' oriġini; jew
- l-Istat Membru l-ieħor ikun ir-residenza abitwali preċedenti tal-minorenni; jew
- ikun il-pajjiż li fih il-minorenni jkollu ċ-ċittadinanza; jew
- ikun ir-resdenza abitwali ta' min ikollu r-responsabbiltà tal-ġenitur; jew
- il-minorenni jkun sid ta' proprjetà fi Stat Membru ieħor u l-każ ikun jikkonċerna l-miżuri għall-protezzjoni tal-minorenni marbuta mal-amministrazzjoni, il-konservazzjoni jew id-disponiment ta' din il-proprjetà.

## Il-promozzjoni ta' kooperazzjoni transnazzjonali fost l-imħallfin

"L-Artikolu 15 jgħid li l-qrati għandhom jikkooperaw, direttament jew permezz tal-awtoritajiet ċentrali, għall-finijiet tat-trasferiment. Jista' jkun partikolarment utli għall-imħallfin ikkonċernati li jikkomunikaw sabiex jivvalutaw jekk, fil-każ speċifiku, ir-rekwiżiti għal trasferiment humiex issodisfati, b'mod partikolari jekk dan ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni. Jekk iż-żewġ imħallfin jitkellmu u/jew jifhmu lingwa komuni għat-tnejn, huma ma għandhomx joqogħdu lura milli jikkuntattjaw lil xulxin direttament bit-telefon jew permezz tal-posta elettronika. Jistgħu jkunu utli wkoll forom oħrajn tat-teknoloġija moderna, bħal telefonati konferenza. Jekk ikun hemm problemi lingwistiċi, l-imħallfin jistgħu jirrikorru, safejn jippermettu r-riżorsi, għas-servizzi tal-interpreti. L-awtoritajiet ċentrali ser ikunu jistgħu jassistu wkoll lill-imħallfin."

*Il-Kummissjoni Ewropea (2016), Gwida prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIa, p. 36.*

F'xi każijiet, jibdew proċedimenti legali fil-konfront tal-istess minorenni fi Stati Membri differenti tal-UE. Hawnhekk, l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Brussell IIa jistipula li, jekk iż-żewġ proċedimenti jkunu dwar l-istess suġġett, fil-prinċipju l-qorti li tkun ġiet invokata l-ewwel għandha tittratta l-każ. Il-qorti li tkun ġiet invokata wara għandha tissospendi l-proċedimenti tagħha u tistenna lill-qorti l-oħra biex tiddeċiedi jekk għandhiex il-ġurisdizzjoni. Jekk l-ewwel qorti tqis lilha nnifisha bħala l-qorti kompetenti, il-qorti l-oħra għandha tirrifjuta l-ġurisdizzjoni.

## Kif għandha tiġi ddeterminata r-residenza abitwali

It-terminu "residenza abitwali" mhuwiex iddefinit mir-Regolament Brussell IIa u għandu jiġi stabbilit abbażi taċ-ċirkostanzi kollha speċifiċi għal kull każ individwali. Jista' jkun hemm każijiet ċari fejn ir-residenza abitwali tkun stabbilita bħala l-post fejn il-minorenni kien jirrisjedi qabel ma ċċaqlaq.

Madankollu, jista' jkun hemm każijiet fejn l-istabbiliment tar-residenza abitwali ma jkunx daqshekk sempliċi. Pereżempju, minorenni li joriġina minn Stat Membru wieħed tal-UE jaf ikun ilu jgħix fi Stat Membru ieħor tal-UE għal xi żmien, iżda mingħajr ma jkun integrat fi strutturi soċjali, edukattivi u strutturi oħra ta' dak l-Istat, jew il-minorenni jaf ikun għex f'diversi Stati Membri tal-UE b'mod parallel tul dawn l-aħħar snin, filwaqt li jiċċaqlaq minn post għal ieħor.

## Miżuri protettivi proviżorji

L-Artikolu 20 tar-Regolament Brussell IIa jippermetti li Stat Membru tal-UE jieħu miżuri proviżorji, inklużi miżuri protettivi fir-rigward ta' persuna, anke jekk il-ġurisdizzjoni fuq is-sustanza tal-kwistjoni tkun ta' Stat Membru ieħor tal-UE. B'dan il-mod, l-Istati Membri tal-UE jitħallew jieħdu l-ewwel miżuri ta' emerġenza biex jipproteġu lill-minorenni. Dawn il-miżuri huma temporanji u l-effett tagħhom huwa limitat għall-Istat Membru fejn ikunu ttieħdu. L-awtoritajiet tal-Istat fejn ikun jinsab il-minorenni għandhom jikkomunikaw mal-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali biex jiddeterminaw l-aktar arranġamenti xierqa fit-tul għall-minorenni. Il-Figura 11 turi r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ Stati Membri tal-UE. Il-miżuri proviżorji għandhom ikunu fl-interess li jinżammu l-benesseri u l-protezzjoni tal-minorenni u li jitħarsu l-aħjar interessi tal-minorenni.

**Illustrazzjoni 11: Il-miżuri proviżorji skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Brussell IIa**




*Sors: FRA, 2019*

Għandu jkun hemm distinzjoni ċara bejn il-miżuri proviżorji f'każ urġenti (li jittieħdu mill-pajjiż fejn ikun jinsab il-minorenni) u l-miżuri mhux proviżorji (li għandhom jittieħdu skont ir-regola ġenerali mill-pajjiż tar-residenza abitwali tal-minorenni). B'hekk għandu jiġi ddeterminat liema pajjiż għandu ġurisdizzjoni fuq il-każ.

L-Illustrazzjoni 12 tipprovdi eżempji illustrattivi li juru d-differenza bejn miżuri proviżorji u miżuri mhux proviżorji. Eżempji ta' miżuri ta' protezzjoni proviżorji jinkludu l-ħatra ta' tutur temporanju jew it-tqegħid ma' familja tar-rispett.

**Illustrazzjoni 12: Eżempji illustrattivi ta' miżuri proviżorji u mhux proviżorji**

**MIŻURI PROVIŻORJI**

- Tqegħid f'post ta' kenn jew ma' familja tar-rispett
- Ħatra ta' tutur temporanju
- Awtorizzazzjoni għal intervent mediku

*Meħuda f'każijiet urġenti mill-qorti jew l-awtorità tal-Istat Membru tal-UE fejn ikun jinsab il-minorenni*

**MIŻURI MHUX PROVIŻORJI**

- Deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri
- Ħatra ta' tutur permanenti
- Tqegħid ma' familja tar-rispett

*Meħuda mill-qorti jew awtorità tal-Istat Membru tal-UE fejn il-minorenni jkollu r-residenza abitwali jew fejn ikun jinsab il-minorenni, f'każijiet fejn ir-residenza abitwali ma tkunx tista' tiġi stabbilita*

*Sors: FRA, 2019*

Meta l-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-UE fejn ikun jinsab il-minorenni u l-Istat Membru tal-UE fejn il-minorenni jkollu residenza abitwali jqisu kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni u protezzjoni fit-tul fil-konfront tal-minorenni, l-aħjar interessi tal-minorenni għandhom jingħataw kunsiderazzjoni primarja. Biex jiġu evitati każijiet ta' rivittimizzazzjoni jew ta' traffikar mill-ġdid, għandha tingħata prijorità lill-aktar ambjent sikur u protettiv għall-minorenni.

**L-awtoritajiet ċentrali stabbiliti skont ir-Regolament Brussell IIa**

Ir-Regolament Brussell IIa jiddedika kapitolu għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE. L-Artikolu 53 jistabbilixxi li kull Stat Membru għandu jaħtar Awtorità Ċentrali waħda jew aktar sabiex jassistu fl-applikazzjoni tar-Regolament. L-awtoritajiet ċentrali diġà ġew maħtura fl-Istati Membri tal-UE għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri u tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal. F'xi Stati Membri tal-UE, l-istess awtoritajiet jappoġġjaw l-implimentazzjoni tar-Regolament Brussell IIa. Il-Konferenza tal-Aja stabbilixxiet Netwerk Internazzjonali tal-Aja ta' Mħallfin informali li, fir-rigward ta' kwistjonijiet rilevanti għall-protezzjoni internazzjonali tat-tfal, jaġixxi bħala mezz ta' komunikazzjoni u ta' kollegament ma' mħallfin oħra fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom u ma' mħallfin fi Stati kontraenti oħra, kif ukoll mal-Awtoritajiet Ċentrali nazzjonali tagħhom.

→ *Anness 3: Jinkludi l-link għal-lista ta' kuntatti tal-Awtoritajiet Ċentrali.*

Sabiex l-Awtoritajiet Ċentrali jkunu jistgħu jwettqu dmirijiethom, se jkun meħtieġ li jaħdmu mill-qrib ma' organizzazzjonijiet differenti fil-livell tal-Istati Membri, bħas-servizzi tal-protezzjoni tal-minorenni, l-awtoritajiet ġudizzjarji, il-pulizija, il-prosekuturi u l-fornituri tas-servizzi. Kif muri fl-Illustrazzjoni 13, din il-kooperazzjoni tista' tinvolvi diversi organizzazzjonijiet differenti.

**Illustrazzjoni 13: Gruppi li jistgħu jkunu involuti f'kooperazzjoni domestika u transnazzjonali**




*Sors: FRA, 2019*

L-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Regolament Brussell IIa sabet li waħda mill-isfidi għall-koordinazzjoni effettiva hija li xi Awtoritajiet Ċentrali m'għandhomx riżorsi. Jekk l-UE u l-Istati Membri tagħha jsaħħu l-Awtoritajiet Ċentrali, dan jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-protezzjoni tal-kategoriji tat-tfal li tkopri din il-gwida prattika.

L-involviment tal-Awtoritajiet Ċentrali xi kultant jitqies bħala wieħed ikkumplikat. Għalhekk, biex jiġi evitat id-dewmien, il-komunikazzjoni ta' spiss issir direttament, mingħajr ma tgħaddi minn xi awtorità ċentrali. Pereżempju, is-servizzi soċjali jew is-servizzi tal-protezzjoni tal-minorenni jistgħu, f'każijiet urġenti, jikkuntattjaw direttament lis-servizzi tal-protezzjoni tal-minorenni fil-pajjiż tal-oriġini jew tar-residenza

abitwali tal-minorenni, billi jitolbu valutazzjoni tas-sitwazzjoni soċjali tal-minorenni, jew l-awtoritajiet tal-pulizija ta' Stati Membri differenti tal-UE jistgħu jikkuntattjaw lil xulxin biex jiċċaraw l-identità tal-minorenni.

L-Awtoritajiet Ċentrali stabbiliti skont ir-Regolament Brussell IIa jistgħu, fejn ikun rilevanti għat-twettiq ta' talba konkreta skont ir-Regolament:

- jiffunzjonaw bħala punt ċentrali għall-komunikazzjonijiet kollha bejn l-awtoritajiet rilevanti fi Stat Membru wieħed tal-UE u dawk fi Stat Membru ieħor; jew
- jiffaċilitaw il-kuntatt bejn l-awtoritajiet rilevanti responsabbli għal każ speċifiku u jħalluhom jikkomunikaw direttament.

Ir-rwol speċifiku tagħhom għandu jiġi deċiż skont il-kuntest nazzjonali speċifiku u r-riżorsi umani u finanzjarji li l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom, u abbażi taċ-ċirkostanzi tal-każ. L-awtoritajiet ċentrali normalment jipprijoritizzaw każijiet urġenti ħafna.

L-awtoritajiet ċentrali jista' jkollhom stampa ġenerali tal-każijiet inklużi każijiet magħluqa li kienu involuti fihom, u jifhmu r-rwol u l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet u l-aġenziji sħab. L-Istati Membri tal-UE għandhom jiddefinixxu kif l-Awtoritajiet Ċentrali u awtoritajiet oħra fil-pajjiż jikkomunikaw u jikkoordinaw ma' xulxin.

L-Artikolu 55 tar-Regolament Brussell IIa jiddikjara li, fuq talba, l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jiġbru u jiskambjaw l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-minorenni, dwar il-proċeduri li jkunu għaddejjin u dwar id-deċiżjonijiet li jikkonċernaw lill-minorenni f'każijiet individwali. Wieħed mir-rwoli ewlenin tagħhom huwa li jiffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn il-qrati fl-Istati Membri differenti f'ċerti każijiet relatati mar-responsabbiltà tal-ġenituri (l-Artikolu 55(c) u (d)). L-Artikolu 56 jagħti l-għażla li l-minorenni jitqiegħed temporanjament fi Stat Membru ieħor tal-UE; azzjoni li tirrikjedi l-kunsens minn qabel ta' dak l-Istat.

L-Istati Membri tal-UE jistgħu jippreżentaw jew jirċievu talbiet bħal dawn li ġejjin fil-proċess tal-istabbiliment ta' soluzzjoni fit-tul:

- rapporti dwar is-sitwazzjoni soċjali tal-minorenni;
- informazzjoni dwar il-post fejn ikunu jinsabu l-minorenni u l-familja, fejn meħtieġ għat-twettiq ta' talba konkreta skont ir-Regolament Brussell IIa;
- diskussjoni dwar każ speċifiku mal-partijiet kollha involuti f'każ transkonfinali;
- diskussjoni dwar trasferiment ta' ġurisdizzjoni;

- l-istabbiliment ta' kuntatt mal-familja u l-iskorta tal-minorenni waqt li jżur lill-familja tiegħu;
- il-forniment ta' dokumentazzjoni, bħal numru ta' identifikazzjoni, ċertifikati ta' tagħlim jew ċertifikat tat-twelid;
- informazzjoni dwar proċedimenti preċedenti relatati mar-responsabbiltà tal-ġenituri jew investigazzjonijiet preċedenti tal-infurzar tal-liġi;
- informazzjoni dwar possibbiltajiet ta' kura alternattiva jekk il-ġenituri ma jkunux jistgħu jieħdu ħsieb lill-minorenni;
- it-teħid ta' miżuri immedjati.

## Mudell ta' mekkaniżmu transnazzjonali ta' riferiment

L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni nediet pjattaforma online b'mudell ta' mekkaniżmu transnazzjonali ta' riferiment, żviluppat bħala eżitu tal-istrateġija tal-UE għall-qerda tat-traffikar tal-bnedmin bejn l-2012 u l-2016.

L-għodda tikkontribwixxi biex jiġi żgurat li l-vittmi tat-traffikar ikollhom aċċess għad-drittijiet tagħhom matul il-proċess, u speċjalment f'sitwazzjoni ta' riferiment transkonfinali. Hija tgħaqqad esperti u professjonisti minn pajjiżi differenti involuti fl-identifikazzjoni, ir-riferiment, l-assistenza, ir-ritorn u l-monitoraġġ tal-assistenza lill-vittmi tat-traffikar.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (2017), "Transnational referral mechanism model — TRM"* (Mudell ta' mekkaniżmu transnazzjonali ta' riferiment — TRM).

## Il-protezzjoni transnazzjonali tal-minorenni

Is-Segretarjat tal-Kunsill tal-Istati tal-Baħar Baltiku żviluppa linji gwida kif ukoll gwida prattika dwar il-protezzjoni tat-tfal meta jkun hemm element transnazzjonali, li jipprovdu elementi prattiċi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Kunsill tal-Istati tal-Baħar Baltiku (2015), "Guidelines for promoting the human rights and the best interests of the child in transnational child protection cases"* (Linji Gwida għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-aħjar interessi tal-minorenni f'każijiet ta' protezzjoni transnazzjonali ta' minorenni) *u "Transnational child protection:practical guide for caseworkers and case officers"* (Protezzjoni transnazzjonali tal-minorenni: gwida prattika għall-assistenti responsabbli mill-każ u l-uffiċjali responsabbli mill-każ).

## Mekkaniżmi oħra ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE

Minbarra l-Awtoritajiet Ċentrali stabbiliti skont l-Artikolu 53 tar-Regolament Brussell IIa, hemm mekkaniżmi oħra ta' kooperazzjoni, fosthom:

- In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali. Dan huwa netwerk flessibbli stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 2001/470/KE, li jiġbor flimkien l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali. Il-kompiti ewlenin tiegħu huma li jiġġestixxi l-każijiet bejn il-punti ta' kuntatt nazzjonali, jiffaċilita l-aċċess transkonfinali għall-ġustizzja permezz ta' informazzjoni, jaħtar imħallfin ta' kollegament, u jevalwa u jaqsam l-esperjenza dwar l-operat ta' strumenti speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni f'materji ċivili u kummerċjali. L-Artikoli 54 u 58 tar-Regolament Brussell IIa jiddeskrivu s-sitwazzjonijiet meta l-membri tal-Awtoritajiet Ċentrali tan-netwerk għandhom jużaw in-netwerk biex jikkomunikaw ma' xulxin. L-użu regolari tan-netwerk jista' jikkontribwixxi għal kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-imħallfin u l-Awtoritajiet Ċentrali kif ukoll bejn l-imħallfin infushom.
- L-Atlas Ġudizzjarju Ewropew. Dan jgħin lin-nies isibu l-qrati ċivili kompetenti u d-dettalji ta' kuntatt fi Stati Membri oħra tal-UE.

→ *Għal aktar informazzjoni dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili, ara l-portal tal-Ġustizzja elettronika — materji ċivili.*

## Il-kumpilazzjoni ta' xhieda

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 (li l-Kummissjoni Ewropea ssuġġeriet li ssir riforma tiegħu f'Mejju 2018) ikopri l-kooperazzjoni bejn il-qrati fi Stati Membri differenti tal-UE dwar il-kumpilazzjoni ta' xhieda f'każijiet ċivili u kummerċjali, inklużi kwistjonijiet tal-liġi tal-familja. Qorti tista' jew titlob lill-qorti kompetenti fi Stat Membru ieħor biex tiġbor ix-xiehda jew tiġbor ix-xhieda hi stess direttament f'dak l-Istat Membru l-ieħor. Ir-regolament jipproponi li x-xhieda tittieħed permezz ta' vidjokonferenza jew ta' telekonferenza. Il-portal tal-Ġustizzja Elettronika jipprovdi serje ta' dokumenti, kuntatti u tagħlimiet miksuba kif ukoll informazzjoni nazzjonali dwar fejn huwa disponibbli t-tagħmir meħtieġ. Dan jagħti wkoll gwida dwar l-użu tal-vidjokonferenzi biex jissimplifika u jħeġġeġ il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji fi Stati Membri differenti tal-UE, kemm għal finijiet tal-liġi ċivili kif ukoll għal dawk tal-liġi kriminali.

**Ftehimiet bilaterali ta' kooperazzjoni**

Xi Stati Membri tal-UE adottaw ftehimiet bilaterali li jkopru speċifikament il-protezzjoni u t-trasferiment f'każ li tfal li jkunu ċittadini ta' pajjiżhom ikunu jinsabu fi Stat Membru ieħor tal-UE. Madankollu, il-ftehimiet bilaterali jaf ma jkollhomx salvagwardji proċedurali biżżejjed u ma jħallux lill-awtoritajiet jipproteġu lill-minorenni b'mod effettiv. L-Istati Membri tal-UE għandhom preferibbilment jużaw l-istrutturi eżistenti li jkunu nħolqu mill-Istati Membri tal-UE u li jkunu nħolqu għall-Istati Membri kollha tal-UE fil-qafas legali tal-UE. L-Istati Membri tal-UE għandhom jevitaw li joħolqu strutturi paralleli. Strutturi paralleli joħolqu r-riskju li jappoġġjaw biss parti mill-każijiet, filwaqt li jħallu xi tfal barra, joħolqu standards doppji u jdgħajfu l-mekkaniżmi stabbiliti skont ir-Regolament Brussell IIa u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996.

# Kwistjonijiet tal-liġi kriminali

Għal xi reati, id-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi regoli dwar il-ġurisdizzjoni. Dan huwa l-każ, pereżempju, għat-traffikar tal-bnedmin. Skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar, l-Istati Membri tal-UE għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni tagħhom meta:

- ir-reat ikun twettaq kompletament jew parzjalment fit-territorju tagħhom; jew
- it-trasgressur ikun wieħed miċ-ċittadini tagħhom.

Għażliet oħra għall-istabbiliment ta' aktar ġurisdizzjoni fuq reati li jitwettqu barra mit-territorju ta' Stat Membru jidhru fl-Artikolu 10(2) u 10(3) tad-Direttiva.

Fil-każijiet kollha, it-tfal li jieħdu sehem fil-proċedimenti, bħala vittmi jew xhieda, se jkunu intitolati għal miżuri speċjali ta' protezzjoni u appoġġ, assistenza u rappreżentanza legali, u kumpens.

→ *Għal aktar informazzjoni ara wkoll l-Azzjoni 8: Appoġġja lill-minorenni matul il-proċedimenti ġudizzjarji.*

B'mod aktar ġenerali, l-UE żviluppat strumenti differenti għall-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja. Dawn joperaw fuq livelli differenti. L-ewwel nett, aġenziji tal-UE bħall-Europol u l-Eurojust, jipprovdu appoġġ operattiv u appoġġ ieħor lill-Istati Membri f'sitwazzjonijiet b'element transkonfinali.

## Kif il-Eurojust tappoġġja lill-awtoritajiet ġudizzjarji

Il-Eurojust tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji fi Stati Membri li jittrattaw il-kriminalità transkonfinali u organizzata serja, inkluż it-traffikar tal-bnedmin. Il-Eurojust tħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali biex jinvolvu lill-Eurojust fil-każijiet kollha ta' traffikar transkonfinali, billi jqisu l-kumplessità u l-urġenza tagħhom fl-identifikazzjoni u l-protezzjoni tal-vittmi kollha, b'mod partikolari t-tfal, filwaqt li jkollhom l-għan li jipproċedu bil-prosekuzzjoni u jeqirdu l-katina sħiħa ta' traffikar.

Il-Eurojust ħatret punt ta' kuntatt għal kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tat-tfal li jwettaq għadd ta' attivitajiet, inkluż li: (i) jiżgura li l-Eurojust ikollha aċċess għall-aħjar prattika fil-qasam; (ii) isegwi x-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi u korpi oħra fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal; u (iii) iżomm ħarsa ġenerali statistika tal-każijiet kollha li jiġu indirizzati mill-Eurojust relatati mas-suġġett.

Il-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust iġibu lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali minn pajjiżi differenti madwar l-istess mejda biex jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni, l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal assistenza legali reċiproka jew miżuri koerċittivi (jiġifieri mandati ta' tiftix u mandati ta' arrest), il-prevenzjoni jew ir-riżoluzzjoni ta' kunflitti ta' ġurisdizzjoni, kwistjonijiet relatati jew problemi oħra legali jew ta' evidenza. Dawn jistgħu faċilment jiddiskutu u jaqblu dwar passi investigattivi u strateġiji ta' prosekuzzjoni matul il-laqgħat ta' koordinazzjoni.

Iċ-ċentru ta' koordinazzjoni tal-Eurojust huwa għodda oħra li tintuża f'każijiet kumplessi, li jkunu jirrikjedu skambju f'ħin reali ta' informazzjoni fil-kuntest ta' azzjonijiet fuq skala kbira eżegwiti simultanjament f'diversi pajjiżi (eż. arresti, tiftix, sekwestru ta' evidenza jew ta' assi). Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni jgħaqqdu lill-awtoritajiet parteċipanti kollha ma' xulxin il-ħin kollu, permezz ta' linji telefoniċi u kompjuters iddedikati, u l-informazzjoni tingħadda malajr minn awtorità waħda għal oħra permezz tal-Eurojust.

L-awtorità nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru tista' tikkuntattja lill-uffiċċju nazzjonali rispettiv fil-Eurojust fir-rigward ta' każ kriminali speċifiku. Meta jkun xieraq, l-uffiċċju nazzjonali rispettiv għandu jiftaħ każ fil-Eurojust fir-rigward tal-Istati Membri kollha involuti, u saħansitra fir-rigward ta' pajjiżi terzi.

Għal aktar informazzjoni, ara s-*sit web tal-Eurojust*.

## Kif il-Europol tappoġġja lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi

Il-Europol, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi, tappoġġja lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra kull forma ta' kriminalità organizzata internazzjonali serja. Is-servizzi ta' appoġġ offruti lill-Istati Membri tal-UE jvarjaw mill-iffaċilitar ta' skambju sikur ta' informazzjoni għall-għoti ta' analiżi operattiva u strateġika, għarfien espert u appoġġ operattiv fl-investigazzjonijiet kriminali.

Il-Europol tappoġġja l-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri billi: tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Europol u l-Uffiċjali ta' Kollegament li jkunu ġew stazzjonati fil-Europol mill-Istati Membri u minn pajjiżi bi ftehim ta' kooperazzjoni mal-Europol u li jservu bħala rabta bejn l-investigaturi tal-Istati Membri u l-esperti tal-Europol; tipprovdi analiżi u appoġġ operattiv għall-operazzjonijiet tal-Istati Membri; tipprovdi għarfien espert u appoġġ tekniku għall-investigazzjonijiet u l-operazzjonijiet li jitwettqu fl-UE, taħt is-superviżjoni u r-responsabbiltà legali tal-Istati Membri; tfassal rapporti strateġiċi (eż. valutazzjonijiet tat-theddid) u analiżi tal-kriminalità abbażi tal-informazzjoni u l-intelligence ipprovduti mill-Istati Membri jew li jinġabru minn sorsi oħra.

Il-Proġett ta' Analiżi (AP) Phoenix huwa l-proġett operattiv tal-Europol li jittratta t-traffikar tal-bnedmin fiċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Kriminalità Organizzata Serja. L-AP Phoenix għandu l-kompitu speċifiku li jappoġġja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE, kif ukoll il-korpi tal-UE u l-pajjiżi assoċjati mhux tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali, fil-prevenzjoni jew fil-ġlieda kontra l-forom ta' kriminalità fil-mandat tal-Europol assoċjat mat-traffikar tal-bnedmin. Fl-AP Phoenix, waħda mill-prijoritajiet ewlenin hija t-traffikar tat-tfal. Għal finijiet operattivi, il-proġett jippermetti l-ħażna u l-ipproċessar ta' *data* u informazzjoni kriminali dwar il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, kemm adulti kif ukoll tfal, kif ukoll dwar persuni ssuspettati.

L-informazzjoni li tinkludi *data* personali ta' persuni ssuspettati u ta' vittmi tista' tiġi skambjata b'mod sikur mal-AP Phoenix u mal-partijiet interessati rilevanti l-oħra kollha permezz tal-għodda ta' komunikazzjoni uffiċjali tal-Europol, l-Applikazzjoni ta' Netwerk għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA), li hija disponibbli għal kull Stat Membru. Iċ-ċentralizzazzjoni tal-informazzjoni fil-bażi tad-*data* tal-Europol għandha benefiċċji evidenti u diretti għall-investigazzjonijiet *ad hoc*. Din tippermetti wkoll lill-Europol tikseb stampa ta' intelligence kompluta u ddettaljata tal-fenomenu madwar l-Ewropa.

Il-Europol tista' tappoġġja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja li taffettwa żewġ Stati Membri jew aktar. Attwalment, il-Europol tipprovdi l-appoġġ tagħha fuq talba. Madankollu, l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Europol jippermetti lill-Europol titlob lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jibdew l-investigazzjonijiet.

Għal aktar informazzjoni, ara s-*sit web tal-Europol.*

## Kif is-CEPOL tappoġġja l-infurzar tal-liġi u lil awtoritajiet oħra

L-Aġenzija tal-UE għal Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) hija aġenzija tal-Unjoni Ewropea ddedikata għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tat-taħriġ għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi. Is-CEPOL torganizza korsijiet residenzjali, tmexxi moduli online, u kors wieħed online dwar it-traffikar tal-bnedmin, li jiffoka wkoll fuq it-traffikar tal-minorenni. Is-CEPOL għandha wkoll programm ta' skambju tat-tip Erasmus li jippermetti lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi jqattgħu ġimgħa ma' kontroparti f'pajjiżhom, filwaqt li jiskambjaw l-għarfien u l-prattika tajba.

Għal aktar informazzjoni, ara s-*sit web tas-CEPOL*.

Minbarra l-appoġġ li jipprovdu l-aġenziji tal-UE, hemm għadd ta' strumenti taddritt tal-Unjoni li jsaħħu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u l-qrati tal-infurzar tal-liġi, bħall-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea. Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka tistabbilixxi l-forma u l-metodi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE fir-rigward tal-proċeduri kriminali. Ir-riżorsi magħżula disponibbli biex jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE huma:

- **in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali:** l-UE stabbilixxiet din l-għodda biex toħloq netwerk ta' punti ta' kuntatt nazzjonali biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Hija tinkludi mħallfin ta' kollegament;
- **l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew:** dan jgħin biex jinstabu qrati kriminali kompetenti u dettalji ta' kuntatt fi Stati Membri oħra tal-UE;
- **skwadri ta' investigazzjoni konġunti (SIK)**: din l-għodda ta' kooperazzjoni hija bbażata fuq ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' żewġ Stati Membri tal-UE jew aktar (ġudizzjarji, jiġifieri mħallfin jew prosekuturi u infurzar tal-liġi stabbiliti għal tul ta' żmien limitat u għal skop speċifiku, biex jitwettqu investigazzjonijiet kriminali f'wieħed jew aktar mill-Istati inkwistjoni. L-SIK jippermettu l-ġbir u l-iskambju dirett ta' informazzjoni u evidenza mingħajr il-ħtieġa li jintużaw mezzi tradizzjonali ta' assistenza legali reċiproka. L-SIK huma għodda effettiva ta' kooperazzjoni li tiffaċilita l-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet immexxija b'mod parallel f'diversi Stati Membri jew f'każijiet b'dimensjoni transkonfinali. Il-Eurojust u l-Europol jistgħu jieħdu sehem fi skwadri ta' investigazzjoni konġunti b'mod separat kif ukoll b'mod konġunt.

## Gwida prattika għall-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti

In-netwerk tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti flimkien mal-Europol u l-Eurojust ħoloq gwida prattika għall-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti. Din tipprovdi pariri, gwida, informazzjoni utli, kif ukoll tweġibiet għal mistoqsijiet li jsiru ta' spiss mill-prattikanti. Is-Segretarjat tan-Netwerk tal-SIK jappoġġja lill-esperti nazzjonali tal-SIK u huwa bbażat fil-Eurojust f'The Hague.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunti - Gwida Prattika, 2017, li tista' tiġi aċċessata bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE fuq is-sit web tal-Europol.*

- **Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)**: din hija għodda li tipprovdi lill-imħallfin, lill-prosekuturi u lill-awtoritajiet amministrattivi rilevanti b'aċċess faċli għal informazzjoni komprensiva dwar l-istorja kriminali ta' kwalunkwe ċittadin tal-UE, irrispettivament minn liema Stat Membru dik il-persuna kienet instabet ħatja fih fil-passat.

- **Is-sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat (ECRIS-TCN):** ladarba tiġi stabbilita, din is-sistema se tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali eżistenti għaċ-ċittadini tal-UE (ECRIS). Din se tagħti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti aċċess għal sistema tat-teknoloġija tal-informatika li se jkun fiha l-informazzjoni dwar l-identità ta' ċittadini mhux tal-UE, taż-Żona Ekonomika Ewropea, u tal-Iżvizzera li jkunu nstabu ħatja minn qorti kriminali fl-Unjoni Ewropea. Tali informazzjoni dwar l-identità se tinkludi *data* alfanumerika u tal-marki tas-swaba'.

### Mudell ta' memorandum ta' qbil

It-Task Force kontra t-Traffikar tal-Bnedmin tal-Kunsill tal-Istati tal-Baħar Baltiku (CBSS) żviluppat mudell ta' memorandum ta' qbil sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-fornituri tal-infurzar tal-liġi u tas-servizzi jew l-NGOs. Dan iservi bħala mudell biex jiġi adattat għall-kuntest nazzjonali.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Kunsill tal-Istati tal-Baħar Baltiku (2011), Model memorandum of understanding* (Mudell ta' memorandum ta' qbil).

→ *Għal aktar informazzjoni dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja kriminali, ara l-portal tal-Ġustizzja elettronika — materji kriminali.*

## Il-kunfidenzjalità, il-protezzjoni tad-*data* u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni

Bil-ħtieġa li tiġi kondiviża informazzjoni ma' diversi awtoritajiet involuti madwar l-Istati Membri differenti tal-UE u fihom, li hija ibbalanċjata mad-dritt tal-minorenni, fir-rigward tar-rispett tal-ħajja privata u tal-protezzjoni tad-*data* personali, l-awtoritajiet se jkollhom bżonn jikkunsidraw proċeduri li jirrispettaw il-privatezza tal-minorenni u jipproteġu l-informazzjoni kunfidenzjali.

L-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali, u l-Artikolu 7 jistabbilixxi d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Id-dritt tal-Unjoni jinkludi żewġ strumenti rilevanti għal din

il-gwida, li daħlu fis-seħħ f'Mejju 2018: Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (ir-Regolament (UE) 2016/679, magħruf ukoll bħala l-GDPR) u d-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-*Data* għall-Awtoritajiet tal-Pulizija u tal-Ġustizzja Kriminali (id-Direttiva (UE) 2016/680, magħrufa wkoll bħala d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi).

Kif muri fl-Illustrazzjoni 14, fejn awtorità kompetenti tipproċessa *data* personali għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, tapplika d-Direttiva (UE) 2016/680. Meta l-awtoritajiet kompetenti jipproċessaw *data* personali għal finijiet oħra minbarra dawk imsemmija hawn fuq, japplika r-reġim ġenerali skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

**Illustrazzjoni 14: Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi**




*Sors: FRA, 2019*

Xi dispożizzjonijiet huma l-istess jew simili fiż-żewġ strumenti legali. Il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* tal-legalità u l-ġustizzja, il-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-*data*, il-limitazzjoni tal-ħażna, il-preċiżjoni tad-*data*, l-integrità u l-kunfidenzjalità jservu bħala l-punt tat-tluq għal kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar (l-Artikolu 5 tal-GDPR; L-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi). Barra minn hekk, il-maġġoranza tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* huma applikabbli fiż-żewġ każijiet (ara l-Artikoli 12-23 tal-GDPR u l-Artikoli 12-18 tad-Direttiva dwar l-Infurzar

tal-Liġi). Fil-prevenzjoni u l-investigazzjoni tal-kriminalità, id-drittijiet ta' kwalunkwe individwu huma soġġetti għal limitazzjonijiet speċifiċi minħabba li jistgħu jxekklu l-investigazzjonijiet u l-proċeduri li jkunu għaddejjin. L-obbligi tal-kontrolluri tad-*data* fir-rigward tan-notifiki ta' ksur tad-*data* (l-Artikoli 33-34 tal-GDPR; L-Artikoli 30-31 tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi) jew ir-rekords tal-attivitajiet tal-ipproċessar (l-Artikolu 30 tal-GDPR; L-Artikolu 24 tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi) huwa simili fiż-żewġ kuntesti.

It-tfal jistħoqqilhom protezzjoni speċifika, minħabba li jistgħu jkunu inqas konxji mir-riskji u l-konsegwenzi involuti fl-ipproċessar tad-*data*. Meta l-informazzjoni u l-komunikazzjoni dwar l-ipproċessar ikunu indirizzati lit-tfal, dawn għandhom ikunu b'lingwaġġ ċar u sempliċi li l-minorenni jkun jista' jifhem faċilment (l-Artikolu 12 tal-GDPR).

## Manwal dwar il-liġi Ewropea dwar il-protezzjoni tad-*data*

Il-manwal tal-FRA, tal-KEPD u tal-Kunsill tal-Ewropa jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-oqfsa legali applikabbli tal-UE u tal-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*, inkluż ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR) u d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi. Dan jispjega wkoll il-ġurisprudenza ewlenija, billi jiġbor fil-qosor is-sentenzi ewlenin kemm tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-manwal se jkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE.

*Għal aktar informazzjoni, ara FRA (2018) "Handbook on European data protection law"* (Manwal dwar il-liġi Ewropea dwar il-protezzjoni tad-*data*).

Il-ħtieġa li jiġu rrispettati r-regoli dwar il-kunfidenzjalità, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* ma twaqqafx l-iskambju ta' informazzjoni biex jiġi protett minorenni, sakemm jiġu rrispettati ċerti salvagwardji. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jistabbilixxi li jkun legali li tiġi kondiviża informazzjoni sabiex jitħarsu l-interessi vitali tas-suġġett tad-*data* (f'dan il-każ, il-minorenni) jew sabiex jitwettqu kompiti fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali (l-Artikolu 6 tal-GDPR).

Meta t-tfal imċaħħda mill-kustodja u li jeħtieġu protezzjoni jingħataw l-għajnuna, id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata, il-protezzjoni tad-*data* personali u l-kunfidenzjalità, fil-prattika jinvolvu dan li ġej.

- Meta l-awtoritajiet jiġbru *data* personali dwar il-minorenni, il-minorenni jeħtieġ li jirċievi informazzjoni konċiża, trasparenti, li tinftiehem u li tkun faċilment aċċessibbli, permezz ta' lingwaġġ ċar u sempliċi.

- L-informazzjoni li tinġabar jeħtieġ li tkun xierqa, rilevanti u mhux eċċessiva fir-rigward tal-każ u l-iskop.
- L-informazzjoni m'għandha qatt tiġi kondiviża ma' persuni li mhumiex relatati mal-każ; evita li taqsam mal-pubbliku jew mal-midja kwalunkwe *data* personali li tista' twassal għall-identifikazzjoni ta' minorenni.
- L-informazzjoni rreġistrata għandha tkun preċiża u aġġornata.
- Jeħtieġ li t-tfal jiġu informati dwar liema informazzjoni se tiġi kondiviża ma' min u għaliex; il-professjonisti tal-protezzjoni tat-tfal għandhom jiksbu l-kunsens mit-tfal, b'konsultazzjoni mat-tutur, sakemm dan ma jkunx mhux sikur jew mhux xieraq.
- L-informazzjoni tista' tiġi kondiviża mingħajr kunsens jekk ikun meħtieġ biex jiġu protetti l-interessi essenzjali tal-minorenni jew ta' persuna oħra; għandu jinżamm rekord ta' liema informazzjoni ngħatat u lil min.
- Is-servizzi tal-protezzjoni tal-minorenni involuti jistgħu jagħtu istruzzjonijiet lill-Awtoritajiet Ċentrali dwar kif għandhom jikkondividu l-informazzjoni mal-Istat Membru l-ieħor tal-UE sabiex tiġi żgurata l-privatezza (pereżempju, billi l-ismijiet jiġu ssostitwiti b'kodiċijiet).
- L-awtoritajiet għandhom jirrispettaw ir-regoli nazzjonali dwar iż-żamma tad-*data*, u m'għandhomx iżommu d-*data* għal aktar żmien milli jkun meħtieġ.
- Huma meħtieġa miżuri biex tiġi żgurata s-sigurtà u jiġu evitati t-telf, il-qerda jew il-ħsara. Pereżempju, ikkodifika l-fajls tal-każ u tużax l-isem tal-individwu; jekk jintużaw fajls stampati, dawn għandhom jinżammu msakkra u f'post sikur; ipproteġi fajls elettroniċi b'passwords individwali b'aċċess limitat u żgura li jkunu salvagwardjati fuq servers sikuri, filwaqt li qatt m'għandek tagħmel dan fuq kompjuters privati, stikek tal-USB jew apparat ieħor tal-ħżin.

## Azzjoni 8: Appoġġja lill-minorenni matul il-proċedimenti ġudizzjarji

Minorenni li jkun vittma tat-traffikar, ta' abbuż jew ta' sfruttament jew li inkella jkun jeħtieġ protezzjoni jista' jkun involut f'tipi differenti ta' proċedimenti ċivili. L-ewwel nett, il-minorenni jista' jkun involut bħala vittma jew xhieda fi proċeduri kriminali kontra l-persuna(i) li ttraffikaw, abbużaw jew sfruttaw lill-minorenni. Madankollu, il-proċedimenti jistgħu jkunu relatati wkoll ma' kwistjonijiet ta' liġi ċivili jew amministrattiva, li jkopru pereżempju, il-kumpens, l-edukazzjoni, ir-responsabbiltà

tal-ġenituri, il-valutazzjoni tal-età, il-ħatra ta' tutur jew it-tqegħid f'kura f'familja jew f'kura residenzjali.

Id-dritt tal-Unjoni jagħti drittijiet u salvagwardji speċifiċi lit-tfal li jsiru vittmi tal-kriminalità u xi salvagwardji għat-tfal xhieda ta' ċerti reati, bħall-abbuż sesswali jew it-traffikar. Id-dritt tal-Unjoni jinkludi salvagwardji ddettaljati għat-tfal involuti fi proċedimenti kriminali, iżda mhux fi proċedimenti amministrattivi jew, b'mod partikolari, fi proċedimenti tal-liġi ċivili, fejn il-kwistjoni tkun regolata prinċipalment mil-liġi nazzjonali.

# Proċedimenti kriminali

Meta vittma jew xhieda tixhed quddiem qorti kriminali, din tista' tkun esperjenza stressanti għal kwalunkwe persuna, u aktar u aktar għal minorenni. It-tfal għandhom jingħataw appoġġ legali u soċjali qabel, matul u wara l-proċedimenti. Dan se jiffaċilita l-parteċipazzjoni tagħhom u l-ġbir ta' evidenza suffiċjenti u l-prosekuzzjoni b'suċċess tat-trasgressuri. Dan se jnaqqas ukoll ir-riskju li ssir ħsara lill-minorenni.

## 🕮 It-tmiem tal-kultura ta' impunità għat-traffikar tal-bnedmin

"In the context of trafficking, a culture of impunity occurs when those involved in the criminal business model and/or in the trafficking chain do not face any consequences for their act. Arrests, prosecutions and convictions, holding perpetrators accountable, increases the general and specific deterrence constituting an element of prevention. This does not only include the traffickers but also their accomplices and those who knowingly benefit from the services provided by victims. The culture of impunity is sustained by gaps in legislation or the faltering application of existing laws. Countering the culture of impunity and increasing accountability involves intensifying the number of investigations, prosecutions and convictions not only against traffickers but also against those who profit from the crime and exploit the victims." (Fil-kuntest tat-traffikar, kultura ta' impunità sseħħ meta dawk involuti fil-mudell ta' negozju kriminali u/jew fil-katina tat-traffikar ma jiffaċċjaw l-ebda konsegwenza għall-att tagħhom. L-arresti, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni kif ukoll il-fatt li l-awturi jinżammu responsabbli, iżidu d-deterrenza ġenerali u speċifika li tikkostitwixxi element ta' prevenzjoni. Dan ma jinkludix biss lit-traffikanti iżda wkoll lill-kompliċi tagħhom u lil dawk li konxjament jibbenefikaw mis-servizzi pprovduti mill-vittmi. Il-kultura tal-impunità hija sostnuta permezz ta' lakuni fil-leġiżlazzjoni jew permezz tal-applikazzjoni dgħajfa tal-liġijiet eżistenti. Il-ġlieda kontra l-kultura tal-impunità u ż-żieda fir-responsabbiltà jinvolvu l-intensifikazzjoni tal-għadd ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni mhux biss kontra t-traffikanti iżda wkoll kontra dawk li jagħmlu profitt mill-kriminalità u jisfruttaw lill-vittmi.)

*Il-Kummissjoni Ewropea (2018), Working together to address trafficking in human beings: key concepts in a nutshell* (Naħdmu flimkien biex nindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin: il-kunċetti ewlenin fil-qosor), *p. 5*.

## Is-salvagwardji tad-dritt tal-Unjoni għat-tfal vittmi

Biex tipproteġi lit-tfal u tevita l-vittimizzazzjoni sekondarja, f'bosta strumenti, l-UE ddefinixxiet sett komprensiv ta' salvagwardji proċedurali għat-tfal vittmi tal-kriminalità. It-Tabella 5 tagħti ħarsa lejn is-salvagwardji stabbiliti fid-Direttiva tal-UE kontra t-Traffikar, id-Direttiva tal-UE dwar l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal u d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi. It-tabella turi li dawn is-salvagwardji għat-tfal vittmi tat-traffikar jew tal-isfruttament sesswali huma simili għal dawk li jipprovdi d-dritt tal-Unjoni għat-tfal vittmi tal-kriminalità b'mod ġenerali.

**Tabella 5: Miżuri ta' protezzjoni għat-tfal vittmi matul il-proċedimenti kriminali fid-dritt tal-Unjoni**

| Miżuri | Strument tad-dritt tal-Unjoni | | |
|---|---|---|---|
| | Id-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar | Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi | Id-Direttiva dwar l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal |
| Konsulenza legali mingħajr ħlas | Artikolu 15(2) | Artikolu 9(3)(b) | Artikolu 20(2) |
| Rappreżentanza legali mingħajr ħlas | Artikolu 15(2) | Artikolu 24(1)(c) | Artikolu 20(2) |
| L-ebda dewmien mhux iġġustifikat fit-twettiq tal-intervisti | Artikolu 15(3)(a) | Artikolu 20(a) | Artikolu 20(3)(a) |
| Post adattat għall-intervisti | Artikolu 15(3)(b) | Artikolu 23(2)(a) | Artikolu 20(3)(b) |
| Intervisti mwettqa minn professjonisti mħarrġa | Artikolu 15(3)(c) | Artikolu 23(2)(b) | Artikolu 20(3)(c) |
| L-istess persuna tagħmel l-intervisti | Artikolu 15(3)(d) | Artikolu 23(2)(c) | Artikolu 20(3)(d) |
| Tnaqqis fl-għadd ta' intervisti | Artikolu 12(4) u Artikolu 15(3)(e). | Artikolu 20(b) | Artikolu 20(3)(e) |
| Id-dritt li wieħed ikun akkumpanjat minn rappreżentant jew adult ieħor | Artikolu 15(3)(f) | Artikolu 3(3) u 20 (c) | Artikolu 20(3)(f) |
| Intervisti rreġistrati bil-vidjo | Artikolu 15(4) | Artikolu 24(1)(a), 23 (3)(a); | Artikolu 20(4) |
| Smigħ mingħajr l-ebda preżenza tal-pubbliku | Artikolu 15(5)(a) | Artikolu 23(3)(d) | Artikolu 20(5)(a) |

| Miżuri | Strument tad-dritt tal-Unjoni | | |
|---|---|---|---|
| | Id-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar | Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi | Id-Direttiva dwar l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal |
| Smigħ permezz ta' kollegament bil-vidjo | Artikolu 15(5)(b) | Artikolu 23(3)(b) | Artikolu 20(5)(b) |
| Programm ta' protezzjoni tax-xhieda | Artikolu 12(3) | – | – |

*Nota: – = mhux applikabbli.*
*Sors: FRA, 2019*

Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tistabbilixxi għadd ta' mekkaniżmi ta' protezzjoni li japplikaw għall-vittmi kollha tal-kriminalità, inklużi t-tfal. Barra minn hekk, din tinkludi garanziji speċifiċi għat-tfal. Id-Direttiva tiddikjara li, minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom għal vittimizzazzjoni sekondarja, it-tfal għandu jkollhom valutazzjoni individwali biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom għall-protezzjoni (l-Artikolu 22). Skont l-Artikolu 22(4), it-tfal vittmi jitqiesu li għandhom ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, għal intimidazzjoni u għal ritaljazzjoni. Dan jintitolahom għall-miżuri kollha ta' protezzjoni matul il-proċedimenti kriminali previsti għall-vittmi kollha bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni, elenkati fl-Artikolu 23, kif ukoll għas-salvagwardji speċifiċi għat-tfal inklużi fl-Artikolu 24.

## Il-klawżola ta' nonpenalizzazzjoni

Tfal vittmi ta' abbuż jew sfruttament jistgħu jkunu wettqu reat bħal serq, jew reat relatat mal-prostituzzjoni, il-pussess ta' dokumenti tal-identità foloz jew frodi tal-benefiċċji soċjali.

Kull meta l-awtoritajiet jew organizzazzjonijiet oħra jiġu f'kuntatt ma' tfal imċaħħda mill-kustodja li jeħtieġu protezzjoni, il-prijorità għandha tkun li tiġi żgurata s-sikurezza tal-minorenni, tingħata protezzjoni, filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni u jiġi żgurat l-aċċess għad-drittijiet u s-salvagwardji li l-minorenni huwa intitolat għalihom.

Fir-rigward ta' tfal vittmi tat-traffikar jew ta' sfruttament sesswali, id-dritt tal-Unjoni jinkludi klawżoli ta' nonpenalizzazzjoni. Skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar u l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu intitolati li ma jipproċedux bil-prosekuzzjoni jew jimponu pieni fuq il-vittmi.

Dawn il-klawżoli ta' nonpenalizzazzjoni jkopru attivitajiet kriminali li l-vittmi jkunu ġew imġiegħla jwettqu bħala konsegwenza diretta tar-reat li jkunu ġew soġġetti għalih. Dispożizzjoni dwar in-nuqqas ta' kastig hija stabbilita wkoll fl-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar.

Id-dmir li minorenni ma jiġix ikkastigat huwa bbażat fuq il-fatt li t-tfal vittmi tat-traffikar jew tal-isfruttament sesswali m'għandhom l-ebda awtonomija u m'għandhomx il-libertà li jagħmlu għażliet ċari jew informati jew li jirreżistu meta jkunu mġiegħla jwettqu reat. Interpretazzjoni sensittiva għat-tfal tad-dmir ta' nonpenalizzazzjoni tfisser li l-prosekuzzjoni m'għandhiex titressaq, jew għandha titwaqqaf, kull meta jkun hemm rabta mill-qrib bejn ir-reat u t-traffikar jew l-abbuż li l-minorenni kien vittma tiegħu.

### JEKK TIXTIEQ ISSIR TAF AKTAR

## Implimentazzjoni prattika tad-dispożizzjoni dwar in-nuqqas ta' kastig

L-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) żviluppat dokument, li jeżamina l-prinċipju tan-nuqqas ta' kastig fil-liġi u l-isfidi fl-implimentazzjoni prattika tiegħu. Id-dokument jikkonkludi bi gwida prattika u l-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet politiċi u leġiżlattivi.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) (2013), "Policy and legislative recommendations towards the effective implementation of the non-punishment provision with regard to victims of trafficking"* (Rakkomandazzjonijiet ta' politika u leġiżlattivi fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjoni dwar in-nuqqas ta' kastig fil-konfront ta' vittmi tat-traffikar).

Il-professjonisti li jiġu f'kuntatt mat-tfal għandhom ikunu kkwalifikati u mħarrġa kif xieraq biex jorbtu r-reati possibbli mwettqa mill-minorenni mar-reati tat-traffikar jew tal-isfruttament sesswali. Skont l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar, dawn għandhom jiftakru li biex jiġi ppruvat it-traffikar tat-tfal, m'hemmx bżonn li jintwera li t-traffikanti heddew jew użaw forza jew forom oħra ta' koerċizzjoni.

Jeħtieġ li l-professjonisti jevitaw sterjotipi u li jorbtu ċerti gruppi ta' tfal, bħal dawk minn sfond etniku speċifiku jew minn nazzjonalità speċifika, ma' ċerti tipi ta' reati, jew mal-kriminalità b'mod aktar ġenerali. Il-minorenni kollha jistħoqqilhom valutazzjoni preċiża u imparzjali fil-proċess tal-identifikazzjoni. Identifikazzjoni xierqa tista' tipprevjeni lit-tfal minn trawmatizzazzjoni sekondarja, li jistgħu jsofru jekk jiġu riferuti lis-sistema tal-ġustizzja kriminali bħala persuni ssuspettati.

**Tfal f'kunflitt mal-liġi**

F'ċerti sitwazzjonijiet, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jniedu wkoll proċedimenti kriminali kontra l-minorenni, billi jirreferu lill-minorenni permezz tal-mezzi regolari tal-ġustizzja għall-minorenni. F'dawn il-każijiet, japplikaw is-salvagwardji stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Garanziji Proċedurali għat-Tfal.

Ir-riferiment għas-sistemi tal-ġustizzja għall-minorenni m'għandux isir kmieni wisq, peress li dan jista' jipprevjeni l-identifikazzjoni f'każijiet fejn il-minorenni jiżvela li huwa vittma fi stadju aktar tard. L-awtoritajiet għandhom iqisu l-istorja, l-isfond soċjali u tal-familja tal-minorenni u l-obbligu li jipprovdu protezzjoni lit-tfal kollha mingħajr diskriminazzjoni. Skont il-Premessa 9 tad-Direttiva dwar il-Garanziji Proċedurali għat-Tfal, it-tfal li huma persuni ssuspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali għandhom jingħataw attenzjoni partikolari sabiex jiġi ppreservat il-potenzjal tagħhom għall-iżvilupp u r-riintegrazzjoni fis-soċjetà.

**JEKK TIXTIEQ ISSIR TAF AKTAR**

### Età minima għar-responsabbiltà penali

In-Netwerk Internazzjonali għad-Drittijiet tat-Tfal (CRIN) jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar l-età minima għar-responsabbiltà penali fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi oħra Ewropej.

*Għal aktar informazzjoni, ara n-Netwerk Internazzjonali għad-Drittijiet tat-Tfal (CRIN), "Minimum ages of criminal responsibility in Europe"* (Etajiet minimi għar-responsabbiltà penali fl-Ewropa).

# Proċedimenti ċivili

Ir-Regolament Brussell IIa japplika fil-każ ta' tqegħid ta' minorenni f'familja tar-rispett jew f'kura istituzzjonali, jew bħala miżura temporanja skont l-Artikolu 20 jew bħala miżura fit-tul ladarba l-minorenni jkun jinsab diġà fl-Istat Membru tal-UE li jkollu l-ġurisdizzjoni. Dan ma fih l-ebda garanzija proċedurali speċifika biex it-tfal jiġu protetti matul il-proċedimenti ċivili. Il-liġi nazzjonali tirregola l-protezzjoni tat-tfal matul il-proċedimenti ċivili. L-unika eċċezzjoni tikkonċerna d-dmir tas-smigħ tat-tfal f'każijiet ta' ħtif internazzjonali, kif previst fl-Artikolu 11(2). Madankollu, ir-Regolament Brussell IIa qed jiġi rivedut u fil-futur se jirrikjedi li l-minorenni jinstema' fil-każijiet kollha relatati mar-responsabbiltà tal-ġenituri.

L-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar jirrikjedi li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikollhom aċċess għall-iskemi eżistenti ta' kumpens għal vittmi ta' reati vjolenti. L-Artikolu 15(2) tal-istess Direttiva jintitola lill-vittmi biex ikollhom aċċess għal konsulenza legali mingħajr ħlas u għal rappreżentanza legali mingħajr ħlas, inkluż sabiex jitolbu kumpens.

**JEKK TIXTIEQ ISSIR TAF AKTAR**

### Prattiki li jappoġġjaw lit-tfal fi proċedimenti ġudizzjarji

Is-salvagwardji fil-proċedimenti tal-liġi kriminali jidhru aktar iddettaljati milli fil-proċedimenti tal-liġi ċivili, f'termini tal-aċċess għall-assistenza legali, l-awtorità responsabbli għas-smigħ tal-minorenni, l-ambjent li fih jinstema' l-minorenni u l-firxa tal-informazzjoni pprovduta lill-minorenni, skont ir-riċerka tal-FRA dwar it-tfal u l-ġustizzja fl-Istati Membri tal-UE. Il-proċedimenti ċivili huma aktar ifframmentati: skont it-tip tal-kwistjoni legali kkonċernata, is-smigħ tal-minorenni jista' jkun obbligatorju, fakultattiv jew ma jkun regolat bl-ebda mod. L-użu tas-salvagwardji ta' spiss jitħalla wkoll fid-diskrezzjoni tal-imħallfin jew ta' atturi oħra, u mhux abbażi ta' valutazzjoni ta' x'jeħtieġ il-minorenni speċifiku, kif turi r-riċerka tal-FRA.

*Għal aktar informazzjoni, ara FRA (2015), "Child-friendly justice – Perspectives and experiences of professionals on children's participation in civil and criminal judicial proceedings in 10 EU Member States"* (Ġustizzja favur it-tfal – Perspettivi u esperjenzi tal-professjonisti fil-parteċipazzjoni tat-tfal fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili u kriminali f'10 Stati Membri tal-UE).

## Salvagwardji biex il-minorenni jiġi appoġġjat

Kull professjonist involut jeħtieġ li jpoġġi fil-prattika s-settijiet kollha ta' salvagwardji stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni u fil-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, din il-gwida tissuġġerixxi miżuri oħra, li għalkemm mhumiex vinkolanti, jistgħu jappoġġjaw lill-minorenni matul il-proċedimenti legali.

Is-salvagwardji proċedurali li l-għan tagħhom huwa li jipproteġu lill-minorenni u jevitaw it-trawmatizzazzjoni mill-ġdid mhumiex biss importanti fi proċedimenti kriminali, iżda huma meħtieġa wkoll fi proċedimenti ċivili biex jiġi evitat il-kuntatt bejn it-tfal vittmi u t-trasgressuri. Dan huwa partikolarment importanti meta l-ġenituri jkunu involuti fit-traffikar jew l-abbuż tal-minorenni. Għalhekk, il-Linji Gwida tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ġustizzja favur it-tfal jipprovdu gwida mhux vinkolanti għat-tipi kollha ta' proċeduri li jinvolvu lit-tfal, inklużi dawk kriminali, ċivili u amministrattivi.

## ✋ Barnahus

Fl-1998, l-Iżlanda stabbilixxiet l-ewwel Barnahus (Dar tat-Tfal) fl-Ewropa, biex tiżgura li t-tfal vittmi u x-xhieda ta' vjolenza jkunu protetti permezz ta' interventi favur it-tfal u aċċess rapidu għall-ġustizzja u l-kura. Sal-2019, huwa mistenni li aktar minn 20 pajjiż se joperaw Barnahus waħda jew aktar. L-istituzzjonijiet reġjonali u l-Moviment Ewropew Barnahus u n-Netwerk PROMISE jaħdmu biex jispiraw li jiġu stabbiliti saħansitra aktar Barnahus skont l-istandards Ewropej.

Prinċipju ewlieni wara Barnahus huwa d-drittijiet parteċipatorji tal-minorenni li jinstema' u jirċievi informazzjoni xierqa. Il-kollaborazzjoni multidixxiplinarja u bejn l-aġenziji, inklużi l-infurzar tal-liġi, il-ġustizzja kriminali, il-protezzjoni tat-tfal, is-servizzi soċjali u mediċi, hija prinċipju ieħor importanti li għandu jiġi applikat matul il-fażijiet kollha tal-investigazzjonijiet, il-valutazzjonijiet dijanjostiċi u tal-ħtiġijiet u l-forniment tas-servizzi, bil-għan li tiġi evitata t-trawmatizzazzjoni mill-ġdid u jiġu żgurati eżiti fl-aħjar interessi tat-tfal. Il-fatt li l-minorenni jasal biex jiżvela huwa essenzjali, u huwa ta' importanza primarja li l-intervista forensika ssir skont protokoll ibbażat fuq l-evidenza u li l-validità evidenzjarja tal-istqarrija tal-minorenni tirrispetta l-proċess dovut, filwaqt li tiġi evitata l-ħtieġa li l-minorenni jirrepeti d-dikjarazzjoni tiegħu matul il-proċeduri tal-qorti. Il-proġett PROMISE żviluppa l-istandards ta' kwalità li qed jiġu applikati mill-maġġoranza tal-Barnahus.

*Għal aktar informazzjoni, ara l-Proġett Promise.*

Il-professjonisti legali u soċjali intervistati għar-riċerka tal-FRA dwar ġustizzja favur it-tfal qajmu bosta tħassib li huwa komuni kemm għall-proċedimenti ċivili kif ukoll għal dawk kriminali. It-tfal intervistati qajmu l-istess tħassib. Il-professjonisti intervistati jirrakkomandaw li s-salvagwardji proċedurali jiġu applikati fil-konfront tat-tfal kollha b'mod indaqs, inklużi dawk involuti fi proċedimenti ċivili. It-tfal li huma involuti kemm fi proċedimenti kriminali kif ukoll fi proċedimenti ċivili — bħal każijiet ta' kustodja marbuta ma' każijiet ta' abbuż — jilmentaw li s-salvagwardji proċedurali disponibbli fi proċedimenti kriminali mhumiex disponibbli fi proċedimenti ċivili.

Għadd ta' rakkomandazzjonijiet jew suġġerimenti, li ħarġu mir-riċerka, jistgħu jmorru lil hinn minn dak li jirrikjedu l-istrumenti speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni, iżda jistgħu jkunu parti mill-qafas legali nazzjonali.

L-awtoritajiet li jaħdmu mat-tfal fi proċeduri ċivili jew kriminali jistgħu jieħdu r-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni bħala punt tat-tluq u jikkomplementawhom b'miżuri biex jeliminaw il-lakuni, li rriżultaw mir-riċerka tal-FRA. Dawn għandhom iqisu l-azzjonijiet li ġejjin.

√ **Żgura mġiba professjonali ta' kwalità għolja.** L-imġiba rispettuża, amikevoli u empatika tal-professjonisti hija l-aktar element importanti biex l-esperjenza tal-minorenni tkun kemm jista' jkun bla xkiel u utli. Il-professjonisti jeħtieġu taħriġ u gwida prattika. Għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' koordinazzjoni għall-professjonisti differenti involuti f'każ wieħed.

- √ **Illimita l-għadd ta' intervisti.** It-tfal iħossuhom stressjati meta jkollhom jixhdu aktar minn darba u quddiem bosta persuni. Għandu jkun possibbli li tiġi rreġistrata intervista ewlenija mal-minorenni, u li l-investigazzjoni tiġi bbażata fuq dik l-intervista. Barra minn hekk, it-trażmissjoni ta' xhieda bil-vidjo tista' tissostitwixxi s-smigħ tax-xhieda fil-qorti, iżda ġeneralment biss jekk il-konvenut u l-avukat tiegħu kellhom l-opportunità li jagħmlu mistoqsijiet matul ir-reġistrazzjoni.
- √ **Illimita l-għadd ta' persuni preżenti.** B'mod ġenerali, it-tfal jippreferu li jkun hemm l-inqas għadd ta' nies possibbli preżenti matul is-seduti ta' smigħ u jixtiequ jkunu informati dwar liema rwoli jaqdu n-nies preżenti fis-seduta ta' smigħ. Il-pubbliku m'għandux jitħalla fil-kamra waqt li l-qorti tkun qed tisma' lit-tfal.
- √ **Naqqas it-tul tal-proċedimenti** It-tfal ta' spiss jirrapportaw li l-proċedimenti huma twal. Huma jikkritikaw id-dewmien bejn is-seduti ta' smigħ fi stadji proċedurali differenti, u l-intervisti u s-smigħ multipli — ta' spiss ripetittivi — li jiffaċċjaw ma' diversi professjonisti. Il-maġġoranza tat-tfal innotaw ukoll li s-seduti ta' smigħ infushom kienu twal wisq, ta' spiss parzjalment minħabba li l-ħinijiet ta' stennija qabel ma jagħtu x-xhieda tagħhom kienu wkoll twal wisq.
- √ **Evita kuntatt mal-konvenut u l-familja tiegħu.** Dan għandu jkun irrispettat mhux biss fl-awla tal-qorti matul is-seduta ta' smigħ, iżda wkoll fil-kurituri tal-bini tal-qorti, il-kmamar ta' stennija u t-tojlit.
- √ **Ikkonsulta lill-minorenni dwar it-tip ta' salvagwardji proċedurali.** Xi tfal involuti fi proċedimenti kriminali jagħtu importanza kbira lill-fatt li jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni informata dwar is-salvagwardji proċedurali disponibbli, b'għarfien tal-konsegwenzi possibbli tal-għażla ta' xi miżuri fuq oħrajn, pereżempju l-għażla ta' kollegament bil-vidjo minflok skrin biex jiġi evitat kuntatt viżwali mal-konvenut.
- √ **Staqsi lill-minorenni biex jagħżel** jekk is-seduta ta' smigħ għandhiex issir minn raġel jew mara, jekk ikun possibbli.
- √ **Staqsi lill-minorenni jekk u meta persuna ta' fiduċja** se takkumpanjah matul is-seduta ta' smigħ. Din tista' tkun persuna li tipprovdi appoġġ, bħal ħaddiem soċjali, jew adult affidabbli, bħal ġenitur, ġenitur tar-rispett jew persuna li tindokra.
- √ **Wettaq is-seduta ta' smigħ fi spazju adattat għall-minorenni.** It-tfal ġeneralment isibu l-qorti jew ambjenti oħra solenni bħala intimidanti u tal-biża', u jassoċjawhom mal-kriminalità. Għalhekk, jippreferu li s-seduti ta' smigħ isiru barra mill-ambjent tal-qorti jew fi kmamar tas-smigħ ibbażati fil-qorti b'karatteristiċi adattati għat-tfal — sakemm iqisu wkoll l-imġiba tal-professjonisti bħala adattata għat-tfal.

- √ **Żgura li l-minorenni jkollu assistenza u rappreżentanza legali.** It-tfal intervistati mill-FRA rarament jirrapportaw li jirċievu appoġġ legali. Xi tfal ma jirrikonoxxux lill-avukati jew lill-konsulenti legali bħala sorsi ta' appoġġ għaliex jemmnu li l-professjonisti jonqsu milli jinformaw lit-tfal dwar il-proċedimenti. Il-professjonisti intervistati mill-FRA qajmu għadd ta' kwistjonijiet rigward l-aċċess għall-għajnuna legali, inkluż in-nuqqas ta' linji gwida dwar kif għandha tintalab assistenza legali mingħajr ħlas; it-taħriġ u d-disponibbiltà ta' avukati speċjalizzati għat-tfal; u l-ħatra f'waqtha u sistematika tar-rappreżentanti legali.
- √ **Żgura li l-minorenni jkun informat sew.** It-tfal iqisu l-informazzjoni bħala kruċjali. It-tfal intervistati mill-FRA ta' spiss jilmentaw li ma jirċevux aġġornamenti u informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-każijiet tagħhom matul il-proċedimenti — pereżempju dwar fejn ikunu jinsabu l-konvenuti fi proċedimenti kriminali. It-tfal jissuġġerixxu li l-informazzjoni għandha tingħata kmieni biżżejjed biex ikunu jistgħu jħejju ruħhom għas-seduti ta' smigħ u mbagħad b'mod konsistenti matul il-proċedimenti f'intervalli regolari. Huma jixtiequ jirċievu wkoll, fi żmien raġonevoli, informazzjoni dwar il-ħinijiet possibbli ta' stennija qabel is-seduti ta' smigħ, it-tul tal-proċedimenti, u l-verdett u l-konsegwenzi tiegħu. Il-professjonisti għandhom jinformaw lit-tfal b'lingwa li jifhmu, u jipprovdu servizzi ta' interpretazzjoni jekk ikun meħtieġ.
- √ **Evita sitwazzjonijiet li jbeżżgħu lill-minorenni.** Diversi tfal intervistati mill-FRA jirrapportaw li ltaqgħu mal-konvenuti, minħabba li s-salvagwardji proċedurali ma kinux biżżejjed. Dawn il-laqgħat mhux mixtieqa mal-konvenuti u l-qraba tagħhom — li ta' spiss isiru qabel jew wara s-seduti ta' smigħ — huma s-sors ewlieni ta' biża' għat-tfal. Barra minn hekk, is-sens ta' sigurtà tat-tfal huwa mxekkel min-nuqqas ta' entraturi separati u/jew arranġamenti dgħajfa ta' sigurtà tal-qorti, bħan-nuqqas ta' koordinazzjoni tal-ħinijiet tal-wasla u tat-tluq tal-partijiet, sabiex it-tfal ma jiltaqgħux mal-konvenuti. It-tfal huma mbeżżgħa wkoll mill-imġiba mhux xierqa ta' professjonisti, ambjenti intimidanti, nuqqas ġenerali ta' kunfidenzjalità inkluża l-kondiviżjoni ta' informazzjoni li ma jkunux taw il-kunsens tagħhom għaliha. It-tfal xi kultant tant ikunu anzjużi dwar il-proċedimenti li jkunu jriduhom jispiċċaw anke jekk dan ma jkunx fl-aħjar interess tagħhom. Jeħtieġ li l-professjonisti joqogħdu attenti biex dan ma jsirx.
- √ **Żgura l-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*.** It-tfal intervistati mill-FRA jirrapportaw li jħossuhom imbeżżgħa u stressjati dwar in-nuqqas ta' kunfidenzjalità u protezzjoni tad-*data*. Jibżgħu li d-dettalji tal-każijiet tagħhom u l-proċeduri jistgħu jsiru disponibbli għall-pubbliku. It-tfal jirrapportaw li jħossuhom f'diffikultà meta n-nies ta' madwarhom ikunu jafu dwar ir-rwol tagħhom fil-proċedimenti, is-sitwazzjoni familjari tagħhom jew id-deċiżjonijiet tal-qorti. Xi drabi, it-tfal jirrapportaw ukoll li jiġu bbuljati jew stigmatizzati minn sħabhom jew fil-komunità lokali minħabba informazzjoni żvelata minn għalliema, ġenituri, qraba jew professjonisti, jew permezz tal-midja.

### ☝ Listi ta' kontroll għall-professjonisti involuti fi proċedimenti ġudizzjarji

Abbażi ta' riċerka estensiva mal-professjonisti u t-tfal involuti fi proċedimenti ġudizzjarji, l-FRA żviluppat lista ta' kontroll prattika biex tappoġġja lill-professjonisti b'lista ta' azzjonijiet li jeħtieġ li jitqiesu sabiex il-proċedimenti ġudizzjarji jkunu adattati għat-tfal.

*Għal aktar informazzjoni, ara FRA (2017), "Ġustizzja adatta għall-minuri — Lista ta' kontroll għall-professjonisti".*

## Azzjoni 9: Iddetermina u implimenta soluzzjonijiet fit-tul

Wara l-valutazzjoni tal-aħjar interessi spjegata fl-Azzjoni 4, l-awtoritajiet għandhom ikunu jistgħu jipproponu u jimplimentaw soluzzjoni fit-tul u sostenibbli fil-konfront ta' dak il-minorenni partikolari. B'mod ġenerali hemm tliet soluzzjonijiet fit-tul possibbli għat-tfal imċaħħda mill-kustodja li jeħtieġu protezzjoni, inklużi l-vittmi tat-traffikar, fi Stat Membru tal-UE differenti minn dak tagħhom stess:

1. it-trasferiment lura lejn l-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-UE;
2. l-integrazzjoni fl-Istat Membru tal-UE fejn il-minorenni jkun preżenti fiżikament;
3. it-trasferiment lejn pajjiż terz (fl-UE jew lil hinn minnha).

Id-dritt tal-Unjoni jinkludi biss dmir espliċitu li jittieħdu l-miżuri meħtieġa bil-għan li tinstab soluzzjoni fit-tul għat-tfal vittmi tat-traffikar biss. L-Artikolu 16(2) tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar jenfasizza li tali soluzzjoni fit-tul għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali tal-aħjar interessi tal-minorenni.

Il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal, fil-General Comment No 14 on best interests (Kumment Ġenerali tiegħu Nru 14 dwar l-aħjar interessi, il-paragrafu 97), jirrakkomanda li kwalunkwe deċiżjoni li tikkonċerna minorenni għandha tkun motivata, iġġustifikata u spjegata. Għalhekk, id-deċiżjoni dwar is-soluzzjoni fit-tul għandha tkun deċiżjoni formali u bil-miktub, filwaqt li l-minorenni, it-tutur temporanju, id-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri (jekk ikun xieraq) u l-Awtoritajiet Ċentrali (jekk kienu involuti fil-każ) għandhom jirċievu kopji tagħha. Deċiżjoni formali tnaqqas ir-riskju ta' sfruttament ripetut jew ta' traffikar mill-ġdid u tiżgura monitoraġġ aħjar tas-sitwazzjoni tal-minorenni. Id-deċiżjoni għandha tinkludi raġunament legali u mekkaniżmi għal rieżami (il-paragrafu 98). Il-minorenni u t-tutur, kif ukoll partijiet oħra interessati, bħad-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri, għandhom ikunu intitolati biex jitolbu rieżami jew biex iressqu appell kontra d-deċiżjoni. Jekk ma kienx possibbli li tiġi

implimentata s-soluzzjoni fit-tul f'perjodu raġonevoli, id-deċiżjoni għandha tinfetaħ mill-ġdid u għandha tiġi identifikata soluzzjoni ġdida fit-tul fir-rigward tal-minorenni.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jistabbilixxu liema awtorità f'kull kuntest nazzjonali hija dik li għandha taqbel dwar is-soluzzjoni fit-tul flimkien mas-servizzi tal-protezzjoni tat-tfal. F'xi każijiet, l-awtorità kompetenti li jkollha ġurisdizzjoni skont ir-Regolament Brussell IIa tista' tieħu d-deċiżjoni finali iżda, skont l-elementi tal-każ, xi ċirkostanzi se jirrikjedu l-involviment ta' qorti. It-trasferiment ta' ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament Brussell IIa jew l-Artikoli 8 u 9 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 jista' jkun meħtieġ jekk is-soluzzjoni ssuġġerita, kif miftiehma mill-partijiet involuti fl-Istati Membri tal-UE, tkun it-trasferiment tal-minorenni lejn pajjiż terz jew l-integrazzjoni fl-Istat Membru tal-UE ta' preżenza fiżika, u mhux it-trasferiment lejn il-pajjiż tar-residenza abitwali (preċedenti), fejn tkun il-ġurisdizzjoni b'mod ġenerali.

Hawnhekk hawn xi elementi komuni li għandhom jitqiesu fl-implimentazzjoni ta' kwalunkwe soluzzjoni fit-tul.

- **Il-kunsens tal-minorenni:** idealment, is-soluzzjonijiet kollha fit-tul għandhom jiġu implimentati bil-kunsens tal-minorenni. Minorenni li ma jaqbilx assolutament ma' deċiżjoni proposta mhux se jikkoopera fl-implimentazzjoni b'suċċess tagħha, u jista' jkun espost għal riskji ulterjuri jew jaħrab mill-kura tal-awtoritajiet. Il-professjonisti kompetenti għandhom jakkumpanjaw lill-minorenni f'dan il-proċess, filwaqt li jispjegaw ir-raġunament wara d-deċiżjoni u jesploraw ir-raġuni għaliex il-minorenni jopponi dan. Il-minorenni m'għandux ikun imġiegħel joqgħod fil-pajjiż ospitanti jew jiġi ttrasferit lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali jew lejn pajjiż terz. Ir-regola ġenerali skont id-Direttiva dwar il-Libertà tal-Moviment hija li t-tfal tal-UE ma jistgħux jitkeċċew minn Stat Membru tal-UE, sakemm it-tkeċċija ma tkunx meħtieġa għall-aħjar interessi tal-minorenni (l-Artikolu 28(3)) jew tkun ibbażata fuq raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika.
- **Kunsiderazzjonijiet dwar is-sess:** fil-passi kollha li jittieħdu biex jiġu implimentati soluzzjonijiet fit-tul, għandhom jitqiesu l-ħtiġijiet differenti tas-subien u tal-bniet, u t-tip ta' sfruttament li jkun sar. Dan jista' jkollu impatt fuq, pereżempju, l-akkomodazzjoni li tintgħażel, it-tip ta' riintegrazzjoni u l-appoġġ għall-assistenza, jew jekk raġel jew mara jiskortax/tiskortax lill-minorenni waqt l-ivvjaġġar.
- **Arranġamenti ta' kura:** għandu jsir kull sforz biex minorenni mċaħħad mill-kustodja jiġi ttrasferit lill-ġenituri tiegħu, ħlief meta tkun meħtieġa separazzjoni ulterjuri għall-aħjar interessi tal-minorenni. L-awtoritajiet għandhom jivvalutaw il-kapaċità tal-ġenituri, sabiex jiġi żgurat li l-ġenituri mhumiex se jpoġġu

lill-minorenni f'riskju u li ma kien hemm l-ebda involviment tal-ġenituri fit-traffikar jew fl-abbuż inizjali tal-minorenni. Meta ma jkunx possibbli li l-minorenni jiġi rritornati lill-familja, se jkun meħtieġ li jinstabu arranġamenti ta' kura alternattiva, preferibbilment f'ambjenti ta' familja, bħal familji tar-rispett. Djar residenzjali żgħar jistgħu jkunu miżura temporanja. Skont l-Artikolu 20(3) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, meta jitqiesu soluzzjonijiet ta' kura alternattiva, għandha tingħata l-attenzjoni dovuta lill-isfond etniku, reliġjuż, kulturali u lingwistiku tal-minorenni.

- **Pjan individwali:** ikun xi jkun l-Istat Membru tal-UE li l-minorenni se jkun qed jissetilja fih, dan għandu jirċievi assistenza bbażata fuq valutazzjoni tal-ħtiġijiet individwali b'appoġġ għall-integrazzjoni. Għandu jitfassal pjan individwali għal kull minorenni bil-għan li tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali tagħhom. Il-minorenni jista' jkun jeħtieġ appoġġ fil-forma ta' kura medika, assigurazzjoni, għajnuna psikoloġika, assistenza legali, proġetti li jiġġeneraw id-dħul jew appoġġ għall-integrazzjoni lura fis-sistema skolastika (tagħlim, miżati tat-trasport, materjali tal-iskola).
- **Dokumenti tal-ivvjaġġar:** it-tfal għandhom jiġu pprovduti bid-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa u għandhom jinħarġulhom permessi ta' residenza sabiex jivvjaġġaw u/jew jissetiljaw fl-Istat Membru inkwistjoni.
- **Tutela:** it-tutur għandu jkompli jirrappreżenta lill-minorenni sakemm il-minorenni jerġa' jingħaqad mad-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jew sakemm jinħatar tutur ġdid. F'dak il-punt, it-tutur jista' jikkoordina t-tlestija u t-trasferiment tar-responsabbiltajiet tiegħu permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali.
- **Appoġġ lill-familja:** is-soluzzjoni fit-tul li għandha tintgħażel se tiddependi fuq is-sitwazzjoni tal-familja u jekk il-familja hijiex kapaċi u lesta li tieħu ħsieb lill-minorenni. Jista' jkun hemm każijiet fejn il-familja se jirnexxilha tagħmel dan biss jekk tirċievi xi appoġġ addizzjonali, bħal arranġamenti għall-kura tat-tfal, benefiċċji soċjali jew proġetti li jiġġeneraw dħul għall-familja.
- **Monitoraġġ:** l-awtoritajiet tas-servizzi soċjali, f'kooperazzjoni ma' korpi oħra, bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi, għandhom jissorveljaw il-kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal wara r-riunifikazzjoni tal-familja u/jew it-tqegħid f'kura alternattiva. Miżuri ta' protezzjoni soċjali jistgħu jkunu meħtieġa għat-tfal meta dawn jilħqu l-età maġġuri. Il-pjan individwali għandu jinkludi wkoll xi informazzjoni bażika dwar kif se tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tiegħu.

→ *Ara wkoll l-Azzjoni 10: Issorvelja l-benesseri tal-minorenni għal aktar informazzjoni dwar il-monitoraġġ.*

# Trasferiment lejn l-Istat Membru tal-UE ta' residenza abitwali

It-trasferiment tal-minorenni lura lejn l-Istat Membru ta' residenza abitwali m'għandux ikun rispons awtomatiku. Dan għandu jsir biss jekk ikun ibbażat fuq valutazzjoni tal-aħjar interessi (l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal). Dan huwa essenzjali biex it-tfal jiġu protetti minn abbuż futur jew traffikar mill-ġdid, iżda wkoll biex ikun żgurat li l-interventi li jsiru mill-awtoritajiet ikunu effettivi u sostenibbli.

Il-Konvenzjoni dwar it-Traffikar tal-Kunsill tal-Ewropa, fl-Artikolu 16a tispeċifika għadd ta' kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-ritorn, inkluż li "child victims shall not be returned to a State, if there is an indication, following a risk and security assessment, that such return would not be in the best interests of the child" (it-tfal vittmi m'għandhomx jintbagħtu lura fi Stat, jekk ikun hemm indikazzjoni, wara valutazzjoni tar-riskju u tas-sigurtà, li tali ritorn ma jkunx fl-aħjar interessi tal-minorenni) (l-Artikolu 16(7)). Id-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar ma tkoprix kwistjonijiet relatati mat-trasferiment lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali. Ir-Regolament Brussell IIa jiddetermina biss il-proċeduri biex ikun żgurat ritorn fil-pront f'każijiet ta' ħtif ta' minorenni (l-aktar ta' spiss ħtif mill-ġenituri).

Minbarra l-elementi komuni elenkati hawn fuq li huma rilevanti għall-implimentazzjoni ta' kwalunkwe soluzzjoni fit-tul, dawn huma xi elementi speċifiċi li għandhom jitqiesu f'każijiet fejn il-minorenni jiġi ttrasferit lura lejn l-Istat Membru ta' residenza abitwali.

- **Koordinazzjoni:** l-awtoritajiet fiż-żewġ Stati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li d-dettalji kollha tat-trasferiment jiġu diskussi u miftiehma. Pereżempju, għandu jkun ċar min se jkun l-iskorta li takkumpanja lill-minorenni, min se tkun il-persuna li se tilqa' lill-minorenni fl-ajruport, liema akkomodazzjoni se tkun ipprovduta kemm għall-minorenni kif ukoll għall-iskorta u liema dokumenti u fajls huma meħtieġa għat-trasferiment formali tal-minorenni.
- **Tħejjija għat-trasferiment:** il-minorenni għandu jkun ippreparat għar-ritorn lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali. Dan għandu jinkludi informazzjoni bażika dwar il-proċess u dwar kif se tkun il-ħajja hemmhekk. L-awtoritajiet jeħtieġ li jiżguraw li jkun hemm biżżejjed żmien biex issir tħejjija għat-trasferiment tal-minorenni mingħajr ma jiddewwem il-proċess b'mod mhux raġonevoli.

  Skont kemm il-minorenni jkun qatta' żmien barra minn pajjiżu, huwa jista' jeħtieġ informazzjoni bażika dwar il-belt li jkun sejjer lura fiha, l-iskola, is-sitwazzjoni tal-familja, eċċ. Il-minorenni għandu jirċievi informazzjoni ta' kuntatt dwar

organizzazzjonijiet li jistgħu jgħinuh fil-pajjiż fejn jiġi ttrasferit. Barra minn hekk, il-minorenni jista' jeħtieġ xi appoġġ psikosoċjali, inkluża r-riintegrazzjoni fil-familja. Bl-istess mod, l-awtoritajiet għandhom jipprovdu wkoll lill-ġenituri, jew lil membri oħra tal-familja li se jieħdu ħsieb lill-minorenni, bl-informazzjoni meħtieġa dwar il-minorenni. L-awtoritajiet għandhom jipprovdu wkoll lill-ġenituri b'appoġġ biex jieħdu ħsieb lill-minorenni, minħabba l-esperjenzi trawmatiċi possibbli li l-minorenni jkun għadda minnhom.

- **Spejjeż ta' trasferiment:** għandhom ikunu stabbiliti proċeduri ċari dwar kif għandhom jiġu koperti l-ispejjeż tat-trasport. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar jistgħu jiġu ffinanzjati mill-familja, waħedha jew flimkien ma' appoġġ finanzjarju mill-awtoritajiet pubbliċi, jew mill-uffiċċju konsulari. L-ispejjeż jistgħu jinkludu l-biljetti tat-titjiriet, tal-ferroviji jew tax-xarabanks, l-ikel waqt l-ivvjaġġar, u possibbilment l-akkomodazzjoni għat-tfal u l-iskorta.
- **Skorta tal-ivvjaġġar:** it-tutur jew ħaddiem soċjali li jkun magħruf mill-minorenni għandu jakkumpanja lill-minorenni matul it-trasferiment, ikun xi jkun il-mezz tat-trasport.
- **Sikurezza matul it-trasferiment:** għandhom jiddaħħlu fis-seħħ miżuri li jimpedixxu lill-minorenni milli jiġi nieqes matul l-ivvjaġġar, jew b'mod volontarju jew b'mod sfurzat mit-traffikanti. L-iskorta hija responsabbli għas-sikurezza tal-minorenni u fl-ebda ċirkostanza m'għandha tħalli lill-minorenni waħdu sakemm jingħata lill-persuna responsabbli fil-pajjiż ta' residenza abitwali.
- **Wasla:** il-monorenni għandu jiġi milqugħ mal-wasla, idealment minn ħaddiem soċjali u mill-ġenituri jekk dan ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni. L-iskorta u l-minorenni għandhom jiltaqgħu fiżikament mal-persuni li se jkunu qed jilqgħu lill-minorenni, u l-iskorta għandha tgħaddi r-responsabbiltà għall-minorenni kif ukoll il-fajls personali tal-minorenni.
- **Arranġamenti ta' kura:** jekk il-ġenituri u l-membri l-oħra tal-familja ma jkunux jistgħu jieħdu ħsieb lill-minorenni, it-trasferiment tal-minorenni m'għandux isir sakemm isiru arranġamenti ta' sigurtà għal responsabbiltajiet ta' kura u ta' kustodja.
- **Skemi ta' ritorn:** għandu jsir kull sforz biex il-minorenni jiġi inkluż fi kwalunkwe skema ta' ritorn disponibbli, bħal dawk immexxija mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni jew organizzazzjonijiet oħra. L-IOM tappoġġja r-ritorn tal-minorenni u tista' possibbilment tappoġġja wkoll lill-familja bi proġetti li jiġġeneraw id-dħul.

## L-integrazzjoni fl-Istat Membru tal-UE fejn il-minorenni jkun fiżikament preżenti

F'ċerti każijiet, abbażi tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi, l-awtoritajiet jistgħu jiddeċiedu li jintegraw lill-minorenni fl-Istat Membru tal-UE fejn ikun instab. L-awtoritajiet fl-Istat Membru fejn ikun instab il-minorenni u fejn il-minorenni kellu r-residenza abitwali għandhom jikkooperaw fil-valutazzjoni u fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Jekk ħadd mill-Istat Membru ta' residenza abitwali ma jitlob biex il-minorenni jiġi ritornat, l-Istat Membru fejn il-minorenni jkun preżenti jista' jieħu miżuri proviżorji għall-protezzjoni tal-minorenni (l-Artikolu 20 tar-Regolament Brussell IIa), u jtawwal dawk il-miżuri proviżorji sakemm l-Istat Membru attwali jkun sar ir-residenza abitwali l-ġdida tal-minorenni. Jekk fil-passat ma tkun ġiet invokata l-ebda qorti fl-Istat Membru tar-residenza abitwali preċedenti, l-Istat Membru tar-residenza abitwali l-ġdida jkollu, fih innifsu, ġurisdizzjoni bbażata fuq l-Artikolu 8 tar-Regolament Brussell IIa mingħajr ma jkollu jitlob trasferiment skont l-Artikolu 15 tar-Regolament Brussell IIa.

→ *Għal aktar informazzjoni dwar il-ġurisdizzjoni ara wkoll l-Azzjoni 7.*

Din id-deċiżjoni biex il-minorenni jitqiegħed fl-Istat Membru tal-UE fejn ikun fiżikament preżenti tista' tkun ukoll temporanja, pereżempju, jekk ir-riunifikazzjoni tal-familja fl-Istat Membru ta' residenza abitwali ma tkunx għadha possibbli, u ma jkunux instabu arranġamenti xierqa ta' kura. L-Artikolu 56 tar-Regolament Brussell IIa jagħti l-għażla lill-awtoritajiet tar-residenza abitwali sabiex temporanjament iqiegħdu minorenni fi Stat Membru ieħor tal-UE u jirrikjedi l-kunsens minn qabel minn dak l-Istat. L-applikazzjoni tal-Artikolu 56 biex jinkiseb tqegħid temporanju fi Stat Membru ieħor tal-UE tista' tintuża biex tiġi ttestjata soluzzjoni possibbli fit-tul. Jekk qorti li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-każ tkun temmen li jista' jkun aħjar għall-minorenni li jitqiegħed fi Stat Membru ieħor tal-UE, iżda ma tkunx ċerta dwar dan, tista' tuża l-Artikolu 56 għal tqegħid temporanju. Ir-riżultati u l-benesseri tat-tfal għandhom jiġu mmonitorjati matul it-tqegħid temporanju. Jekk it-tqegħid ikun ta' suċċess, u l-konverżjoni tiegħu f'soluzzjoni fit-tul fl-aħjar interessi tal-minorenni qabel ma l-Istat fejn ikun tqiegħed il-minorenni jkun sar l-Istat il-ġdid ta' residenza abitwali, imbagħad il-qorti tista' tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni lill-qorti kompetenti fl-Istat Membru fejn il-minorenni jkun tqiegħed temporanjament.

Il-ġurisdizzjoni għal deċiżjonijiet ġodda se tingħata awtomatikament lill-Istat Membru tal-UE tar-residenza abitwali l-ġdida. Jekk l-Istat Membru tal-UE fejn il-minorenni kien preżenti qabel ikun ħa deċiżjonijiet konkreti, dawn jibqgħu fis-seħħ sakemm wieħed

miż-żewġ Stati Membri involuti jneħħihom, jew l-Istat Membru tal-UE tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minorenni jibdilhom. Huma jiġu applikati f'dak l-Istat Membru tal-UE skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liġi nazzjonali tiegħu, skont l-Artikolu 15(3) u l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996.

L-elementi ġenerali kollha għal kwalunkwe soluzzjoni fit-tul elenkati hawn fuq japplikaw meta l-minorenni jkun joqgħod fl-Istat Membru tal-UE fejn ikun ġie identifikat: il-minorenni għandu jagħti l-kunsens tiegħu għal dan; għandu jiġi żviluppat pjan individwali; l-arranġamenti tal-kura għandhom jevitaw kemm jista' jkun il-kura istituzzjonali u jiffavorixxu familja tar-rispett u ambjenti tal-familja; eċċ. L-adozzjoni ġeneralment ma tkunx għażla xierqa għal minorenni li jkun ġie ttraffikat. Qabel ma tkun tista' titqies l-adozzjoni, għandhom jiġu eżawriti l-possibbiltajiet kollha li l-minorenni jerġa' jingħaqad mal-ġenituri u mal-familja estiża.

Meta t-tfal ikunu qed joqogħdu fil-pajjiż tal-preżenza fiżika, huma għandhom igawdu d-drittijiet kollha stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, inklużi l-edukazzjoni, it-taħriġ, l-impjieg u l-kura tas-saħħa, kif igawdu t-tfal li huma ċittadini tal-pajjiż. It-tutur għandu jibqa' responsabbli għall-minorenni sakemm il-qorti xierqa taħtar tutur legali permanenti għall-minorenni. L-awtoritajiet għandhom jiżguraw ukoll li l-minorenni jirċievi kwalunkwe dokument li jkun meħtieġ skont il-liġi nazzjonali biex il-minorenni jirrisjedi legalment f'dak l-Istat Membru tal-UE.

Id-deċiżjoni li l-minorenni għandu jibqa' fl-Istat Membru tal-UE fejn ikun preżenti fiżikament m'għandha qatt tkun sfurzata, pereżempju, minħabba li l-awtoritajiet ikunu jixtiequ jipproċedu bil-prosekuzzjoni tar-reat. L-UE għandha biżżejjed mekkaniżmi oħra għall-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri tal-UE.

→ *Ara wkoll l-Azzjoni 7: Stabbilixxi ġurisdizzjoni u kooperazzjoni transnazzjonali.*

## Trasferiment lejn pajjiż terz

It-trasferiment lejn pajjiż terz jista' jfisser lejn Stat Membru ieħor tal-UE jew, inqas ta' spiss, lejn pajjiż barra mill-UE. Fil-każ ta' pajjiżi terzi barra mill-UE, il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 tapplika jekk il-pajjiż terz ikun parti għaliha.

Is-soluzzjoni għat-trasferiment tal-minorenni lejn pajjiż terz tista' tiġi ġġustifikata f'każijiet ta' tħassib serju dwar is-sigurtà (pereżempju, minorenni bi protezzjoni tax-xhieda), jew meta jkun fl-aħjar interessi tal-minorenni li jerġa' jingħaqad mal-familja u issa tkun qed tirrisjedi fil-pajjiż terz. Ir-residenza tal-ġenituri fi Stat Membru ieħor

tal-UE hija waħda mill-fatturi li jiddeterminaw "rabta partikolari" u b'hekk jippermettu trasferiment ta' ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament Brussell IIa.

Il-kunsiderazzjonijiet ġenerali kollha għal kwalunkwe soluzzjoni fit-tul elenkati hawn fuq, japplikaw meta l-minorenni jiġi ttrasferiti lejn Stat Membru ieħor tal-UE jew pajjiż terz. Japplikaw ukoll il-kwistjonijiet speċifiċi elenkati, bħall-arranġamenti tal-ivvjaġġar, l-iskorta, is-sigurtà matul l-ivvjaġġar, it-trasferiment, il-pjan individwali u l-permess ta' residenza.

Jekk il-pajjiż terz ikun Stat Membru tal-UE, l-awtorità ċentrali tiegħu jaf tkun tista' tintraċċa lill-familja skont ir-Regolament Brussell IIa, jekk jintalab dan. Jekk ma jkunx Stat Membru tal-UE u parti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996, l-awtorità ċentrali tiegħu tista' tintraċċa lill-familja skont dik il-Konvenzjoni. Is-Servizz Soċjali Internazzjonali, il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar jew awtoritajiet konsulari jaf ikunu jistgħu jassistu wkoll.

# Azzjoni 10: Issorvelja l-benesseri tal-minorenni

Il-monitoraġġ huwa element importanti biex jiġi żgurat il-benesseri tal-minorenni, jiġu evalwati l-miżuri li jittieħdu, u jiġu adattati jew mibdula l-miżuri kull meta jkun meħtieġ. L-awtoritajiet għall-protezzjoni tat-tfal, f'kooperazzjoni mal-korpi rilevanti, bħall-NGOs jew l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, għandhom jimmonitorjaw is-sitwazzjoni tal-minorenni wara li tkun ġiet implimentata kwalunkwe forma ta' soluzzjoni fit-tul. L-għan tal-monitoraġġ tar-riunifikazzjoni tal-familja jew tat-tqegħid f'kura alternattiva fl-Istat Membru tal-UE fejn il-minorenni jkun preżenti fiżikament, fil-pajjiż tar-residenza abitwali jew f'pajjiż terz għandu jkun li tiġi żgurata r-riintegrazzjoni b'suċċess tal-minorenni, u li jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' vittimizzazzjoni mill-ġdid.

Minħabba n-natura transnazzjonali ta' dawn il-każijiet u l-kwistjonijiet possibbli ta' ġurisdizzjoni, l-awtoritajiet mill-Istati Membri kollha tal-UE involuti għandhom jaqblu dwar min se jimmonitorja każ, kif, meta u għal kemm żmien.

## Sistemi ta' monitoraġġ

Meta tiġi implimentata soluzzjoni fit-tul, hemm żewġ tipi ta' monitoraġġ li għandhom jitqiesu.

1. **Monitoraġġ mill-awtoritajiet fejn ikun jinsab il-minorenni:** dan isegwi proċessi simili għall-monitoraġġ ta' każijiet għall-protezzjoni tat-tfal fil-kuntest nazzjonali,

meta jitqiesu s-sitwazzjoni tal-familja, l-integrazzjoni fl-iskola u l-komunità, il-benesseri ġenerali, eċċ. Xi elementi speċifiċi huma ssuġġeriti hawn taħt.

2. **Monitoraġġ mill-awtoritajiet li jkunu ttrasferew lill-minorenni u li jkunu jirrikjedu informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-minorenni:** l-Istat Membru tal-UE li jkun identifika l-minorenni fit-territorju tiegħu, li jkun wettaq il-valutazzjoni tal-aħjar interessi u jkun iddeċieda dwar is-soluzzjoni fit-tul flimkien mal-Istat Membru rilevanti l-ieħor tal-UE għandu jkun intitolat li jirċievi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni u l-integrazzjoni tal-minorenni, mill-inqas għal ċertu żmien. Dan jgħin ukoll lill-Istat Membru tal-UE biex jevalwa l-effettività tar-rispons tiegħu u jadatta, jekk ikun meħtieġ, l-azzjonijiet tiegħu għal każijiet futuri. Xi Stati Membri tal-UE qablu dwar sistema ta' monitoraġġ u ta' rapportar u jirċievu, pereżempju, rapport sitt xhur wara t-trasferiment attwali tal-minorenni. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe tali arranġament ta' prattika bilaterali, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u l-liġi nazzjonali rilevanti tal-Istat Membru fejn issa jkun qed jgħix il-minorenni jiddeterminaw liema informazzjoni tista' tiġi pprovduta lill-Istat Membru l-ieħor u b'liema kundizzjonijiet.

Il-monitoraġġ u s-segwitu ta' każ se jkunu meħtieġa speċjalment meta l-Istat Membru tal-UE fejn ikun jinsab il-minorenni ma jkollux ġurisdizzjoni. Dan jista' jkun il-każ jekk tittieħed miżura ta' tqegħid temporanju skont l-Artikolu 56 tar-Regolament Brussell IIa u l-minorenni tant jibqa' marbut mill-qrib mal-Istat Membru li jkun wettaq it-tqegħid li r-residenza abitwali tiegħu tkun għadha hemmhekk. F'dan il-każ, għalkemm l-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-UE ta' residenza abitwali jkun għad għandhom ġurisdizzjoni fuq il-minorenni, l-awtoritajiet tal-Istat ospitanti jistgħu jkunu f'pożizzjoni aħjar biex iwettqu l-monitoraġġ. Jekk il-ġurisdizzjoni tiġi ttrasferita billi jiġi applikat l-Artikolu 15 tar-Regolament Brussell IIa, il-qorti li preċedentement kellha ġurisdizzjoni m'għad għandha l-ebda awtorità biex titlob informazzjoni dwar il-każ u tissorvelja l-benesseri tal-minorenni.

L-elementi li għandhom jitqiesu meta tiġi mmonitorjata s-sitwazzjoni tal-minorenni jinkludu dawn li ġejjin.

- **Sorsi ta' informazzjoni:** is-sors primarju ta' informazzjoni għandu jkun il-minorenni. Il-familja, it-tutur jew il-fornituri tal-kura għandhom jiġu kkonsultati wkoll. L-awtoritajiet jistgħu jorganizzaw żjarat imħabbra u mhux imħabbra fil-familja, fil-kura f'familja, fil-familja estiża jew fl-akkomodazzjoni residenzjali xierqa fejn ikun qed jgħix il-minorenni. Dawn jistgħu jużaw diskussjonijiet biex jevalwaw l-implimentazzjoni tal-pjan individwali u s-servizzi li jkunu qed jiġu pprovduti.

- **Professjonisti involuti**: il-protezzjoni tat-tfal jew is-servizzi soċjali, idealment il-ħaddiema soċjali li jkunu qed jiġġestixxu l-każ, għandu jkollhom ir-responsabbiltà ewlenija. Madankollu, jista' jkun meħtieġ li jiġu involuti l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jekk jitqajmu kwistjonijiet ta' sigurtà. L-awtoritajiet ċentrali skont ir-Regolament Brussell IIa jistgħu jkunu responsabbli għat-trażmissjoni tal-informazzjoni lil Stat Membru ieħor, meta jintalab dan.
- **Mekkaniżmi tal-ilmenti:** il-minorenni u l-ġenituri jew it-tutur għandu jkollhom aċċess għal mekkaniżmu tal-ilmenti f'każ li l-appoġġ li l-minorenni jkun qed jingħata ma jkunx biżżejjed jew ma jkunx xieraq. Il-mekkaniżmu tal-ilmenti għandu jkun adattat għat-tfal.
- **Kunfidenzjalità:** il-monitoraġġ m'għandux jinterferixxi mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tal-minorenni u tal-familja tiegħu. Dawk involuti għandhom ikomplu jirrispettaw il-kunfidenzjalità. L-awtoritajiet ta' monitoraġġ għandhom ikunu konxji mir-riskju ta' stigmatizzazzjoni tat-tfal vittmi fil-komunità u għandhom iżommu profil baxx meta jwettqu ż-żjarat (eż. m'għandhomx iżuru l-iskola tal-minorenni b'karozza tal-pulizija jew ma' uffiċjali lebsin l-uniformi).
- **L-ilħuq tal-età maġġuri:** meta l-minorenni jagħlaq it-18-il sena, dan jista' jitlef ċerti intitolamenti. Għandhom jittieħdu miżuri biex ikun żgurat li l-minorenni jkun indipendenti u jkun ippreparat biex isir adult u jkun appoġġjat matul din it-tranżizzjoni. Skont il-każ speċifiku, l-awtoritajiet jistgħu jqisu li jestendu ċerti miżuri ta' protezzjoni għal dawk it-tfal li ma setgħux jerġgħu jintegraw lura fil-familji tagħhom (pereżempju, billi jestendu l-appoġġ tas-servizzi soċjali sal-età ta' 21 sena, jekk il-liġi nazzjonali tagħhom tipprevedi din il-possibbiltà). Meta l-minorenni jsir adult, dan xorta se jkun intitolat għal għadd ta' miżuri ta' protezzjoni, skont id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi u d-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar, jew il-liġijiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-vittmi.
- **Adattament tal-pjan individwali:** il-pjan individwali miftiehem fil-bidu tal-fażi ta' integrazzjoni għandu jkun il-bażi għall-eżerċizzju ta' monitoraġġ. L-eżerċizzju ta' monitoraġġ għandu jeżamina jekk il-miżuri kollha miftiehma ġewx implimentati u jekk il-pjan individwali għandux jiġi aġġornat.
- **Adattament tal-pjan ta' monitoraġġ:** abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ, jista' jkun meħtieġ li jiġi estiż it-tul taż-żmien tal-miżuri ta' segwitu, li tinbidel il-frekwenza taż-żjarat jew li jiġi emendat ir-rapport li jintbagħat lill-Istat Membru l-ieħor tal-UE permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali.

# Anness 1: Referenzi legali

| Strumenti tal-UE | |
|---|---|
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE | Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 364, 2000, Vol. 43, it-18 ta' Diċembru 2000 |
